

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 61



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

4 ta' Frar 2022

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Interactio – Ibrida – il-146 Sessjoni Plenarja tal-KtR, 12.10.2021–14.10.2021

2022/C 61/01	Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-Barometru Reġjonali u Lokali Annwali tal-UE 2021	1
2022/C 61/02	Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-COP26 u l-alleanzi globali u lokali għall-azzjoni klimatika	5

OPINJONIJIET

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Interactio – Ibrida – il-146 Sessjoni Plenarja tal-KtR, 12.10.2021–14.10.2021

2022/C 61/03	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal	9
2022/C 61/04	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — L-involviment effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejija tal-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operazzjonali għall-perjodu 2021–2027	15
2022/C 61/05	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Aġenda kontra t-Terroriżmu għall-UE: Antiċipazzjoni, Prevenzjoni, Protezzjoni, Rispons	21
2022/C 61/06	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet Ġeografiċi industrijali u tal-artiġjanat fl-Unjoni Ewropea	26
2022/C 61/07	Opinjoni tal-Kummissjoni għar-Riżorsi Naturali — Aġenda tal-Konsumatur ġdida li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-konsumatur għall-irkupru sostenibbli	30

MT

III *Atti preparatorji*

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Interactio – Ibrida – il-146 Sessjoni Plenarja tal-KtR, 12.10.2021–14.10.2021

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

INTERACTIO – IBRIDA – IL-146 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 12.10.2021–14.10.2021

**Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-Barometru Reġionali u Lokali Annwali tal-UE
2021**

(2022/C 61/01)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

- wara li kkunsidra r-rapport tiegħu “Il-Barometru Reġionali u Lokali Annwali 2021”, ibbażat fuq approċċ inklużiv, fattwali u xprunat mill-evidenza, li jinvolvi msieħba u istituzzjonijiet varji;
 - billi l-għan tar-rapport huwa li jirrifletti dwar id-dimensjoni reġionali u lokali tal-Istat tal-Unjoni u li jipprovdi evidenza u rakkomandazzjonijiet ewlenin lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-iżjed sfidi urġenti għas-sena li ġejja;
 - billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali kienu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-pandemija iżda wkoll biex jimplementaw miżuri li jappoġġjaw lin-nies u lill-kumpaniji u biex iħejju għal irkupru gradwali u sostenibbli;
 - billi r-rapport tal-Barometru għall-2020 wera li l-impatt multidimensjonali tal-kriżi tal-COVID-19 kien – u għadu – asimmetriku ħafna u għandu dimensjoni territorjali qawwija, u li hemm hteġa inkontestabbli għal fehim aktar sfummat ta’ kif il-pandemija taffettwa l-iżvilupp lokali u reġjonali:
1. jenfasizza li l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi numerużi tagħha kienu prova importanti għall-funzjonnement tad-demokrazija tagħna u r-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna u b’mod partikolari għas-sistemi tas-saħħa tagħna. Uħud minn dawn tal-aħħar waqfu ħesrem; jirrimarka li l-impatt ma kienx ugwali fl-Unjoni kollha: ir-reġjuni tal-fruntiera u ż-żoni urbani kienu aktar vulnerabbli, filwaqt li r-reġjuni rurali – b’mod ġenerali aktar żvantaġġati f’termini ta’ aċċess għall-kura tas-saħħa marru relattivament aħjar; jitlob li jkun hemm aktar previżjoni strateġika tal-politika u investiment biex l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa ssir realtà u jinsisti li s-sistemi tas-saħħa reġjonali huma l-pedament tar-reżiljenza tal-UE u jridu jkunu parti mill-arkitettura futura tat-thejġija u r-rispons għas-saħħa; fid-dawl ukoll tal-Istrument għas-Suq Uniku f’Emerġenza imħabbar mill-Kummissjoni Ewropea fil-bidu tal-2022, iħeġġeġ li fi kwalunkwe sitwazzjoni ta’ kriżi b’impatt fuq ir-reġjuni tal-fruntieri, tingħata kunsiderazzjoni lill-implikazzjonijiet għas-suq tax-xogħol tal-Ewropa kif ukoll l-arranġament speċjali fuq medda twila ta’ żmien li huma mfittxija għall-ħaddiema transfruntiera kollha sabiex jiġu evitati lakuni mhux ġustifikati fil-protezzjoni;
 2. jenfasizza li l-pandemija kienet ta’ prova wkoll għar-reżiljenza tal-ekonomiji tagħna. It-tnaqqis ta’ 6 % fil-PDG tal-UE fl-2020 jaħbi differenzi reġjonali kbar, li jista’ jiġi spjegat mill-esponiment rispettiv tar-reġjuni għal restrizzjonijiet iżda wkoll mill-karatteristiċi strutturali tagħhom bħas-sehem ta’ persuni impjegati f’setturi f’riskju, il-livell tal-edukazzjoni, il-proporzjon tal-mikrointrapriżi u l-kwalità tal-governanza. Sabiex il-bliet u r-reġjuni jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minn “Next Generation EU” u jiffukaw fuq investimenti fit-tul li se jtejbu dawn il-karatteristiċi strutturali, il-perjodu ta’ żmien għall-miżuri ta’ rkupru għandu jiġi estiż sal-2024; iż-żieda fir-rata tal-kofinanzjament għall-miżuri ta’ rkupru fuq terminu qasir għandha tiġi estiża għal sena oħra u għandha tiġi żgurata l-konsistenza bejn id-diversi programmi ta’ finanzjament u miżuri regolatorji;

3. jenfazizza li l-kombinazzjoni tat-tnaqqis fid-dħul u ż-żieda fl-infiq ipoġġu pressjoni bla preċedent fuq il-baġits tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u dan jirriżulta f'“effett ta' mqass”. Għall-2020, dan id-distakk jista' jiġi smat għal madwar EUR 180 biljun għall-awtoritajiet lokali u reġjonali kollha tal-UE. Dan jikkombina żieda fin-nefqa ta' EUR 124 biljun minħabba miżuri fis-saħħa pubblika, l-appoġġ għan-negozju u oħrajn, u tnaqqis fid-dħul ta' EUR 55 biljun minħabba tnaqqis fl-attività (u b'hekk id-dħul mit-taxxa u mill-miżati). Appoġġ sinifikanti tal-gvernijiet nazzjonali u tal-UE għall-baġits tal-awtoritajiet lokali u reġjonali taffa dan l-effett iżda din il-mitigazzjoni mhijiex ugwali fl-Istati Membri kollha u l-awtoritajiet lokali u reġjonali se jeħtieġu appoġġ kontinwu fl-2021 u lil hinn. L-istabbiltà baġitarja għalhekk ġiet affettwata wkoll, kif ukoll l-awtonomija fiskali b'mod usa' li tista' taffettwa t-tweqqif effiċjenti tas-servizzi pubbliċi. Ir-reviżjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika Ewropea – li bħalissa ma jkux biżżejjed id-distinzjoni bejn in-nefqa attwali u n-nefqa fuq l-investment fit-tul/sostenibbli – jeħtieġ li tirrifletti aħjar il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. B'mod partikolari, jeħtieġ li tiġi stabbilita regola tad-deheb ta' investment pubbliku sostenibbli u li l-investment pubbliku nett jiġi eskluż mill-kalkoli tad-defiċit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;
4. jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fl-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u b'mod aktar speċifiku tal-għodod operattivi ewlenin tagħha – il-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Fl-ewwel edizzjoni tal-Barometru, ġie espress dubju dwar kemm dan l-involvement jista' ma jkunx limitat u, fil-fatt, hekk ġara: għadd żgħir ħafna ta' Stati Membri ddettaljaw l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom fil-proċess ta' konsultazzjoni tagħhom jew iddeskrivew b'mod sistematiku r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għal kull qasam ta' politika. Dan in-nuqqas ta' involvement huwa ta' tħassib peress li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma xpruni ewlenin għall-investment pubbliku u l-objettivi nfushom tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huma ta' rilevanza partikolari għall-awtoritajiet lokali u reġjonali skont it-tqassim tal-kompetenzi. Jirrimarka li l-mod li bih tfasslu l-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza u kif l-awtoritajiet lokali u reġjonali ġew involuti ma jħeġġiġx is-sjieda tal-pjani ta' rkupru. Ħafna rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ma ġewx segwiti minħabba n-nuqqas ta' sjieda u ta' involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-Semestru Ewropew;
5. jenfazizza li l-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza jirrappreżentaw ukoll opportunità kruċjali biex l-irkupru ekoloġiku jitmexxa 'l quddiem. Aktar minn nofs is-suġġetti ewlenin tal-Patt Ekoloġiku huma integrati bis-sħiħ fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza analizzati fi studju reċenti tal-KtR u t-tranżizzjoni ekoloġika tassorbi medja ta' 41 % tal-baġit f'dawn il-Pjani. Peress li 75 % taċ-ċittadini tal-UE jgħixu f'żoni urbani (li jipproduċu l-biċċa l-kbira tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra) u hemm għadd dejjem jikber ta' awtoritajiet lokali u reġjonali impenjati li jaġixxu, l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma fuq quddiem nett tal-azzjoni klimatika. Konsegwentement, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jridu jkunu msieħba sħaħ fir-rigward tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi tal-Patt Ekoloġiku – speċjalment f'oqsma ta' politika bħar-rinnovazzjoni tal-bini, il-mobbiltà sostenibbli jew l-ekoloġizzazzjoni urbana. Huma jinsabu wkoll f'pożizzjoni partikolarment tajba biex jiżguraw l-użu konsistenti tal-fondi ta' rkupru mal-Fondi SIE (inklużi l-Fond ta' Koeżjoni u l-FEŻR);
6. jenfazizza li l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, kif ukoll il-preżervazzjoni u r-restawr ambjentali, huma elementi ewlenin tal-bini ta' soċjetajiet u ekonomiji aktar reżiljenti u sostenibbli – billi l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19, l-impatti tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jvarjaw b'mod sinifikanti skont l-ispeċifitàtiet ġeografiċi, ekonomiċi u soċjali taż-żoni Ewropej; itenni li azzjoni klimatika u ambjentali effiċjenti tesigħi li tiġi integrata b'mod sħiħ il-governanza f'diversi livelli fi ħdan il-politiki tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jenfazizza li t-tibdil fil-klima u l-bijodiversità huma sfidi globali u li l-2021 huwa perjodu kruċjali biex isir progress fl-azzjoni klimatika koordinata globali għar-rikonixximent formali tal-kontributi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, fi ħdan il-UNFCCC COP26 u l-COP15 tal-KDB tan-NU. Il-KtR ser jeżamina l-ħidma mal-imsieħba, bħall-Kummissjoni Ewropea, l-UNDRR u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, biex tiġi stabbilita “Pjattaforma Reġjonali ta' Reżiljenza”. Il-Pjattaforma għandha l-għan li tappoġġja lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom kontra kriżijiet futuri f'oqsma bħad-diżastri naturali, it-tibdil fil-klima u s-saħħa billi tiġbor data u l-aħjar Prattiki;
7. jiddispaċiħ li, fl-2020, ir-rata tal-qgħad żdiedet fil-maġġoranza tar-reġjuni NUTS 2 tal-UE u li ż-żgħażaġħ huma affettwati b'mod partikolari minn dan id-deterjorament wara diversi snin konsekuttivi ta' tijib. Sabiex jiġi żgurat li “n-normalità ġdida” fix-xogħol, l-għajxien u l-ivvjaġġar fl-UE ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, hemm bżonn ta' diskussjoni serja dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll dwar il-koeżjoni bħala valur globali tal-UE. Is-Summit Soċjali f'Porto u l-Impenn Soċjali sussegwenti ta' Porto jridu jwittu t-triq għat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-UE u jrid isir kull sforz possibbli biex jintlaħqu l-miri li stabbilixxa għall-2030. Għandhom jiġu żviluppati miżuri speċifiċi għall-gruppi tal-popolazzjoni friskju. Pereżempju, iż-żgħażaġħ kollha għandu jkollhom aċċess għall-programm Erasmus+ u kull zaġżuġħ Ewropew għandu jkollu “garanzija ta' kwalifiki u ħilet minimi” rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha;

8. jenfasizza l-lat il-pożittiv ta' din "in-normalità ġdida" peress li l-pandemija aċċellerat ukoll it-tranżizzjoni diġitali. Madankollu, hemm distakk diġitali sinifikanti bejn iż-żoni urbani u dawk rurali f'hafta mill-Istati Membri tal-UE f'termini ta' infrastruttura, użu tal-Internet u użu tas-servizzi tal-gvern elettroniku, kif ukoll konċentrazzjoni qawwija tal-industrija tat-teknoloġija f'reġjuni speċifiċi tal-UE. It-tnaqqis ta' dan id-distakk diġitali permezz ta' strateġiji komprensivi li jnvolvu l-livelli kollha tal-gvern huwa neċessità għal irkupru sostenibbli. Il-pandemija wriet il-valur tal-konnettività diġitali u l-ħtieġa għal koeżjoni diġitali, kunċett li jenħtieġ li jkun fuq l-istess livell tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jinħoloq sett robust u komprensiv ta' data fil-livell lokali u reġjonali biex il-miri diġitali jiġu trasposti fil-Kumpass Diġitali tal-2030 għal-livelli sottonazzjonali – li jirrifletti r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-trasformazzjoni diġitali. Dawn il-miri diġitali vinkolanti għandhom jiġu riflessi fir-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali;
9. jirrakkomanda li jissaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-integrazzjoni tar-refuġjati u l-migranti. Minħabba l-ħtieġa li jirreaġixxu għall-isfidi globali tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni fil-livell lokali, hafta awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol attiv fl-akkoljenza u l-integrazzjoni tal-migranti billi jipprovdu infrastruttura urbana u servizzi vitali biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom, bħal akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, edukazzjoni ta' kwalità tajba u servizzi tas-saħħa. Konsegwentement, il-politiki dwar l-akkoljenza u l-integrazzjoni tal-migranti jeħtieġ li jiġu fformulati f'approċċ minn isfel għal fuq f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jiġi żgurat li dawn il-politiki ma jkunux maqtuġħin mir-realtajiet tal-komunitajiet ospitanti. Barra minn hekk, l-aċċess tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-fondi ta' appoġġ jeħtieġ li jiġi ffaċilitat, u l-muniċipalitajiet li jipparteċipaw fil-programm ta' rilokazzjoni tal-UE u/jew jiżviluppaw il-proġetti ta' integrazzjoni tagħhom stess għandhom ikunu jistgħu jirċievu finanzjament dirett;
10. jinnota bi tħassib li r-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-UE li tirriżulta mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni hija nieqsa minn "profondità" territorjali. Il-KtR jinsab lest li jikkontribwixxi għal aġenda pożittiva għall-kooperazzjoni territorjali mal-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-Renju Unit ibbażata fuq orjentazzjonijiet ġodda, li ma jiddependux biss f'mill-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Biex dan isir, jistgħu jiġu mmedija diversi inizjattivi konkreti bħall-emenda tar-regolament dwar ir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) biex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment ta' REKT mar-Renju Unit jew l-għoti ta' appoġġ speċifiku għall-kapaċitajiet amministrattivi tal-istituzzjonijiet pubbliċi biex jinvolvu ruħhom fi proġetti ta' kooperazzjoni mal-imsieħba tar-Renju Unit. Il-monitoraġġ tal-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ser ikun ukoll kruċjali biex jiġi vverifikat jekk l-impatt territorjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE huwiex rimedjat;
11. jenfasizza li – skont l-ewwel stħarriġ li qatt sar fisem il-KtR fost aktar minn miljun politiku elett fil-livell sottonazzjonali – kważi żewġ terzi tal-politiċi lokali (64 %) iħossu li m'hemmx biżżejjed influwenza tar-reġjuni, il-bliet u l-irħula fuq it-tfassil tal-politika tal-UE. Għalhekk, l-Ewropa tista' toħroġ aktar reżiljenti demokratikament u anke ambjentalment mill-kriżi tal-COVID-19 b'rikonoxximent formali u l-applikazzjoni tas-sussidjarjetà attiva biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet jittieħdu fil-livell fejn l-azzjoni tiegħu ser tipproduċi l-aqwa valur miżjud għaċ-ċittadini, u li jkun hemm fis-seħħ proċessi koordinati u effettivi għat-teħid tad-deċiżjonijiet;
12. jenfasizza li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa hija opportunità li għandha tinħataf biex titrawwem id-Dar Ewropea tad-Demokrazija. Bħala atturi ewlenin fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' prattiki ta' demokrazija parteċipattiva u deliberattiva li jikkomplementaw u jsaħħu d-demokrazija rappreżentattiva, il-bliet u r-reġjuni huma vitali għat-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet demokratiċi; għalhekk jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jużaw il-Konferenza bħala opportunità biex jittestjaw miżuri innovattivi (bħall-pjattaforma diġitali multilingwi interattiva u l-panels taċ-ċittadini) li potenzjalment jistgħu jsiru karatteristiċi permanenti tal-proċessi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, u biex jitgħallmu aħjar dwar il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, filwaqt li jikkunsidraw il-ħtieġa għal bidliet fit-Trattati;
13. jenfasizza li l-iżvilupp tar-reġjuni jiddependi hafta mill-kwalità tal-konnettività fiżika tagħhom. F'dan il-kuntest, jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi promoss it-trasport ferrovarjarju bħala element ewlieni fl-indirizzar tal-kwistjoni tal-esklużjoni tat-trasport pubbliku ta' reġjuni remoti u inqas żviluppatti; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi approfondita l-integrazzjoni bejn modi tat-trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, innovattivi u sikuri; jirrikonoxxi li l-ajruporti reġjonali għandhom rwol prominenti fil-koeżjoni territorjali tal-UE għal reġjuni b'popolazzjoni baxxa, periferiċi jew inqas żviluppatti; jenfasizza li, fid-dawl tal-isfidi globali li jistgħu jiġu indirizzati biss permezz tal-kooperazzjoni, ir-reġjuni u il-bliet tal-UE jridu jiffukaw fl-istess ħin fl-UE u lil hinn minnha;
14. jara potenzjal kbir għall-miljun politiku tal-UE eletti fil-livell reġjonali u lokali biex jikkontribwixxu għad-Dar Ewropea tad-Demokrazija u jinnota mill-iżjed stħarriġ reċenti tagħna li maġġoranza kbira ta' dawn il-politiċi jgħid li t-tisħiħ tal-involvement tagħhom se jwassal biex id-demokrazija fl-UE taħdem aħjar;

15. jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat ir-rapport dwar il-Barometru Reġjonali u Lokali Annwali 2021 u din ir-riżoluzzjoni lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill Ewropew, kif ukoll lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tas-27 Stat Membru tal-UE, u jħeġġeġ lill-politiċi eletti reġjonali u lokali fl-Ewropa biex ixerrdu r-rapport liċ-ċittadini u lill-midja lokali.

Brussell, it-13 ta' Ottubru 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-COP26 u l-alleanzi globali u lokali għall-azzjoni klimatika

(2022/C 61/02)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jinsab imħasseb ħafna dwar is-sejbiet ippreżentati fl-aħħar rapport tal-IPCC dwar *Climate Change 2021 – The Physical Science Basis* [It-Tibdil fil-Klima 2021 – Il-Bażi tax-Xjenza Fiżika] ⁽¹⁾, li jikkonferma l-urġenza li jiġu stabbiliti strateġiji effettivi u komprensivi biex jintlaħaq l-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi biex it-tisħin globali jiġi limitat għal ferm inqas minn 2 gradi Celsius, preferibbilment sa 1,5 grad Celsius, meta mqabbel mal-livelli preindustrijali, għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għall-mitigazzjoni tal-klima li qed tevolve u l-adattament għaliha;
2. jenfasizza l-fatt li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jimplimentaw 70 % tal-miżuri tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, 90 % tal-politiki ta' adattament għat-tibdil fil-klima, u 65 % tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), u jirrappreżentaw terz tal-infiq pubbliku u żewġ terzi tal-investiment pubbliku fl-UE. Bħala tali, jinsabu fl-ewwel linja biex jindirizzaw l-impatti tat-tibdil fil-klima fil-livell lokali u reġjonali u biex isaħħu r-reżiljenza tat-territorji tagħhom għall-isfidi klimatiki;
3. ifakkar li l-Ftehim ta' Pariġi jirrikonoxxi r-rwol importanti li taqdi l-governanza f'diversi livelli fil-politiki dwar il-klima u jagħraf il-ħtieġa ta' involviment mar-reġjuni, il-bliet u l-atturi mhux statali; iħeġġeġ sabiex dan il-prinċipju jitwettaq bis-sħiħ fil-prattika fil-livelli kollha ta' gvern sabiex jiġu żviluppati sinerġiji u jiġu eliminati d-distakki bejn il-politiki dwar it-tibdil fil-klima fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali; jenfasizza li l-vuċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ssaħħet fin-negozjati internazzjonali u fl-inizjattivi dwar it-tibdil fil-klima, u jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi eżistenti tan-networks tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-input tagħhom għaż-Żona tal-Atturi Mhux Statali għall-Azzjoni Klimatika tal-UNFCCC; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Kostitwenza tal-Gvernijiet Lokali u l-Awtoritajiet Muniċipali (LGMA) biex tlaqqa' flimkien il-vuċijiet fuq livell globali u biex b'mod kostanti tirrinforza network dinji ta' gvernijiet sottonazzjonali li huma lesti jiġġieldu t-tibdil fil-klima;
4. iqis li t-tisħiħ tal-atturi mhux statali rilevanti politikament u eletti demokratikament, bħall-awtoritajiet lokali u reġjonali, li huma l-amministrazzjonijiet l-aktar qrib iċ-ċittadini, fis-sistema ta' governanza tal-klima globali huwa kundizzjoni ewlenija biex jintlaħqu l-miri globali dwar il-klima, u li għaldaqstant huwa essenzjali li l-qafas regolatorju tal-UNFCCC jirrikonoxxi din il-forma ta' governanza minn isfel għal fuq permezz tar-rikonoxximent formali tagħha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
5. jenfasizza r-rwol ewlieni tal-KtR bħala r-rappreżentant istituzzjonali ta' aktar minn miljun mexxej lokali u reġjonali u bħala network ta' networks; iqis li għandu jsir użu mill-effett ta' lieva ta' din il-pożizzjoni unika sabiex il-KtR isaħħaħ ir-rwol tiegħu fil-governanza tal-klima globali; jistieden għalhekk lill-UNFCCC tistabbilixxi Memorandum ta' Qbil mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, bħala r-rappreżentant istituzzjonali tal-bliet u r-reġjuni Ewropej, b'enfasi partikolari fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih f'setturi fejn il-governanza diġà tinkludi b'mod qawwi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, bħall-provvista tal-enerġija u d-domanda għaliha, il-mobilità u t-trasport, l-agrikoltura, il-ġestjoni tal-iskart, l-ippjanar tal-ispazju urban u l-bini, u l-ġestjoni tal-għargħar;
6. jenfasizza li l-attivitajiet u l-impenji li għaddejjin bħalissa mir-reġjuni u l-bliet għandu jkollhom rwol b'saħħtu fit-tħejjiet għall-COP26 tal-UNFCCC fi Glasgow, u jiksbu viżibilità uffiċjali fil-COP26; għalhekk jistieden lill-UNFCCC tikkoopera mal-KtR u ma' kontropartijiet rilevanti oħrajn mill-Kostitwenza tal-Gvernijiet Lokali u l-Awtoritajiet Muniċipali (LGMA) favur ir-rikonoxximent formali tal-kontribut mill-gvernijiet sottonazzjonali (jiġifieri l-Kontributi Stabbiliti fil-livell Reġjonali u Lokali) biex formalment jiġi rikonoxxut, immonitorjat u mħeġġeġ it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bliet, il-gvernijiet lokali u r-reġjuni globalment – fuq l-eżempju tad-Dikjarazzjoni ta' Edinburgh dwar il-bijodiversità;
7. jistieden lill-Presidenza tar-Renju Unit tal-COP26 tiżgura li l-miżuri sanitarji pplanati tal-COVID-19 jippermettu lill-atturi mhux statali jaqdu rwol attiv fil-ħidma tal-COP26 fi Glasgow; b'rabta ma' dan, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura parteċipazzjoni u involviment suffiċjenti tad-delegazzjoni tal-KtR, bħala parti mid-delegazzjoni tal-UE għall-COP26; iġedded l-impenn tiegħu li jikkoopera mad-delegazzjoni tal-PE;

⁽¹⁾ Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq https://www.ipcc.ch/report/ar6/wg1/downloads/report/IPCC_AR6_WGI_Full_Report.pdf

8. jenfasizza li l-ambizzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050 tapplika internament permezz tal-integrazzjoni ta' kriterji tas-sostenibbiltà fil-politiki kollha tal-UE filwaqt li jiġi stabbilit il-pass tal-proċess fil-livell globali; jissottolinja li l-inizjattivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Patt Ekoloġiku Lokali u Reġjonali għandhom ikunu strumenti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u b'hekk jiġu implimentati bis-sħiħ l-Aġenda 2030 tan-NU u l-SDGs, u jingħata kontribut ambizzjuż tal-UE għall-Qafas Globali tal-Bijodiversità wara l-2020, li se jiġi deċiż mill-COP15 tal-KDB tan-NU⁽²⁾; Minbarra li jikseb in-newtralità klimatika, il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu jkun ekonomikament vijabbli u ma joħloqx piżijiet u spejjeż kbar għall-konsumaturi u n-negozji;
9. jemmen bis-sħiħ li l-COP26 tal-UNFCCC hija opportunità għal ħarsa 'il quddiem biex titħejja t-triq għal aġenda globali ambizzjuża għall-2050, li tikkomplementa l-approċċ tal-SDGs mal-Ftehim ta' Pariġi. Peress li l-Patt Ekoloġiku Ewropew diġà jqis ir-rabtiet sistemiċi ma' ħafna oqsma ta' politika rilevanti, jekk jiġi implimentat kif dovut, dan jista' jispira u jqanqal Patt Ekoloġiku Globali;
10. jistieden lill-Partijiet tal-UNFCCC biex fir-regoli dwar ir-rendikont globali jdaħħlu l-obbligu għall-Partijiet li jikkonsultaw u jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali matul il-fażi tal-abbozzar tas-sottomissjoni tagħhom; b'mod partikolari, jistieden lill-Partijiet jistabbilixxu sistema ta' djalogu nazzjonali li biha jinvolvu l-livell sottonazzjonali fir-reviżjoni tal-NDCs tagħhom bi tħejjija għal-laqgħat tal-COP;
11. jenfasizza l-importanza li l-UE tmexxi t-taħditiet globali permezz tal-politika ambizzjuża u inklużiva tagħha dwar il-klima, għalhekk jirrikonoxxi l-Liġi Ewropea dwar il-Klima bħala sinjal u impenn inkontestabbli li jpoġġi lill-Unjoni Ewropea fuq quddiem nett tal-azzjoni klimatika; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ ukoll sabiex l-ambizzjonijiet klimatiċi ma jkomplux iwarbu liċ-ċittadini u joħlqu pressjoni qawwija fuq il-baġits domestiċi tagħhom – li ħafna minnhom intlaqtu bil-bosta mill-pandemija tal-COVID-19. Ma għandhomx ikunu ċ-ċittadini u n-negozji ż-żgħar li jiffinanzjaw il-pakketti ta' politika ambizzjużi;
12. f'dan ir-rigward, jenfasizza li ħafna reġjuni Ewropej kienu ddikjaraw emerġenza klimatika qabel ma din tħabbret mill-Parlament Ewropew, u diġà introduċew il-liġijiet klimatiċi ambizzjużi tagħhom stess; għalhekk, jemmen li l-għarfien espert tagħhom għandu jingħata aktar prominenza fid-diplomazija globali dwar il-klima;
13. jappella għal adattament u implimentazzjoni aktar mgħaġġla tal-Missjonijiet tal-UE dwar "Adattament għat-Tibdil fil-Klima" u "Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti", u missjonijiet rilevanti oħra bħall-ħamrija, is-saħħa u l-oċeani, ladarba dawn jiġu approvati; jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jħejju l-istrateġiji ta' adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, tagħhom stess biex iżidu l-protezzjoni u r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali u tal-ħabitats naturali⁽³⁾;
14. filwaqt li jappoġġja bis-sħiħ l-ambizzjoni tal-qafas tal-UE dwar il-klima, jappella għal azzjoni konkreta biex tinfed dawn l-għanijiet, u jeħtieġ li jiġi żgurat li l-ebda reġjun jew ċittadin ma jitħalla jibqa' lura. Huma meħtieġa attenzjoni partikolari u aktar appoġġ dedikat fir-rigward tar-reġjuni tal-faħam, ir-reġjuni b'użu intensiv tal-karbonju, ir-reġjuni inqas żviluppati u l-gżejjer;
15. jilqa' t-tnedija tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u jitlob li l-Patt Ekoloġiku Ewropew ikun tema ċentrali peress li t-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni għusta u l-iżvilupp sostenibbli għandhom impatt dirett fuq l-ekonomija, is-saħħa pubblika u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE; iqis li, f'dan il-qafas, il-Patt Klimatiku Ewropew jista' jkollu rwol kruċjali, u jsir l-aħjar Prattika u waħda li tiġi replikata madwar id-dinja;
16. jinsab lest li jorganizza b'mod koġunt mal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn serje ta' Djalogi maċ-Ċittadini u jum tematiku dwar l-Azzjoni Klimatika lokali biex jippreżentaw il-valur miżjud tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll biex juru inizjattivi lokali differenti. Fl-istess ħin, itenni l-appell tiegħu lill-membri tal-KtR biex imexxu bl-eżempju u jipromovu l-COPs lokali u reġjonali;
17. jistieden lill-Partijiet kollha għall-UNFCCC, f'kooperazzjoni mal-gvernijiet sottonazzjonali u l-atturi mhux statali, biex jikkontribwixxu b'mod kostruttiv għall-proċess li jwassal għall-COP26 billi, fost affarijiet oħrajn, jipromovu l-korpi konsultattivi lokali, il-konvenzjonijiet taċ-ċittadini, il-COPs lokali u reġjonali, kif ukoll istituzzjonijiet semiformali, bħall-kunsilli u parlamenti lokali u reġjonali taż-żgħażaġh;

⁽²⁾ Il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.

⁽³⁾ COR-2021-01903, Opinjoni dwar *Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-għida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima*.

18. jenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-għbir tad-data dwar il-varjazzjonijiet klimatiċi previsti f'reġjuni differenti, u tal-immudellar tal-klima u l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-klima biex jiġu żviluppati politiki dwar il-klima bbażati fuq l-evidenza, li jirrispettaw ukoll il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Iqis li hemm bżonn tingħata spinta lill-kooperazzjoni interreġjonali biex jiġu assistiti u protetti dawk ir-reġjuni u l-gruppi tal-iżjed ċittadini vulnerabbli;

19. jappoġġja l-iżvilupp ta' pjattaformi xjentifiċi lokali dwar it-tibdil fil-klima (li diġà jeżistu f'diversi reġjuni u li għandhom rwol ta' "IPCC lokali") u l-integrazzjoni tagħhom f'networks ta' skambju ta' informazzjoni, sabiex tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni bejn ix-xjenzjati u jiġi appoġġjat it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-uffiċjali eletti fil-livell lokali;

20. jenfasizza li, minkejja azzjonijiet ambizzjużi li ttieħdu minn bosta bliet u reġjuni, ħafna għandhom ma jafux il-livell attwali u tal-imgħoddi tagħhom tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u ma għandhomx analiżi tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, u dan jagħmilha diffiċli biex jikkwantifikaw u jqabblu l-isforzi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari billi tuża bis-sħiħ l-aġenziji tal-enerġija lokali u reġjonali, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), f'kooperazzjoni mas-servizzi nazzjonali li jstabilixxu l-inventarji tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, biex tappoġġja lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-evalwazzjoni u r-rappurtar tal-emissjonijiet tagħhom, fl-analiżi tal-effetti primarji tat-tibdil fil-klima fiż-żona tagħhom, u fit-tfassil ta' pjani ta' azzjoni klimatika, u meta jimpenjaw ruħhom fil-livell lokali u reġjonali, pereżempju billi jingħaqdu mal-Patt tas-Sindki, u billi tirrikonoxxi l-isforzi tagħhom billi tipprovdihom Fondi Ewropej;

21. jilqa' l-ħidma tal-UNFCCC dwar l-użu tal-enerġija rinnovabbli bħala prerekwiżit għal protezzjoni tal-klima b'suċċess; iqis li miri u miżuri ta' espansjoni ambizzjużi, kif ukoll ippjanar tal-infrastruttura fuq skala kbira u deċentralizzata, huma meħtieġa għall-użu tal-enerġija rinnovabbli fuq skala kbira fil-futur qrib;

22. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkopera mal-KtR biex teżamina kif il-pjani reġjonali ta' azzjoni klimatika jistgħu jaġixxu bħala Kontributi Stabbiliti fil-livell Reġjonali u Lokali li jipprovdu kontributi lokali għall-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u jiġu rikonoxxuti uffiċjalment bħala komplement għall-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs), b'attenzjoni partikolari biex jiġi evitat l-għadd doppju; bħala punt tat-tluq, il-Kontributi Stabbiliti fil-livell Reġjonali u Lokali għandhom isiru parti integrali mill-Pjani Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) permezz ta' reviżjoni tar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija;

23. b'rabta ma' dan, jappoġġja l-Qafas ta' Rappurtar Komuni mill-Patt Globali tas-Sindki bħala pass lejn il-komparabbiltà tal-isforzi lokali u reġjonali u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tappoġġja u tespandi inizjattivi bħall-Patt tas-Sindki, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha;

24. iqis li l-implimentazzjoni lokali tal-azzjonijiet klimatiċi trid tiġi kkomplementata u arrikkita permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari u l-kunsiderazzjoni tad-diversità tat-territorji; in-networks u l-alleanzi tal-atturi lokali u reġjonali huma ta' importanza kapitali biex jiżdied l-għarfien fil-livelli reġjonali, nazzjonali u globali;

25. ser ikompli jsaħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-assoċjazzjonijiet globali, Ewropej u nazzjonali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, mal-komunitajiet ta' partijiet interessati mir-reġjuni u l-bliet, mal-parlamenti nazzjonali u ma' atturi oħrajn;

26. japprezza l-kooperazzjoni interistituzzjonali u sinerġiji akbar mal-imsieħba tiegħu, bħal: parlamenti reġjonali permezz tal-Konferenza tal-Assembleji Leġiżlattivi Reġjonali tal-Unjoni Ewropa (CALRE), l-inizjattiva RLEG promossa minn grupp ta' reġjuni b'setgħat leġiżlattivi, in-network RegHub u n-network tal-Alleanza ta' Koeżjoni; il-kampanja tal-KtR dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropej; politiki eletti żgħażaġħ permezz tal-programm dedikat tiegħu stess, il-politiċi reġjonali u lokali responsabbli għaċ-ċentri Europe Direct; u l-proġett pilota "Nibnu l-Ewropa Flimkien mal-Entitajiet Lokali" (BELE);

27. jissottolinja r-rwol tal-finanzi biex jintlaħqu l-oġġettivi klimatiċi u l-oġġettivi tal-adattament għat-tibdil fil-klima, u l-ħtieġa li l-gvernijiet lokali jissieħbu mas-settur privat u l-istituzzjonijiet finanzjarji biex jilliberaw investimenti sostenibbli f'konformità mal-ambizzjonijiet ta' emissjonijiet żero, tniġġis żero, skart minimu u adattament għat-tibdil fil-klima; itenni t-talba tiegħu biex il-fondi tal-UE jiġu aċċessati direttament mill-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-proġetti tal-Patt Ekoloġiku, u jipproponi li l-Kummissjoni tistabilixxi programm speċifiku ta' innovazzjoni klimatika għall-gvernijiet lokali;

28. iqis l-urbanizzazzjoni globali bħala settur klimatiku ewlieni għall-Azzjoni Klimatika u l-Finanzi⁽⁴⁾; jinnota, fid-dawl tal-urbanizzazzjoni dejjem tikber, ir-rwol fundamentali li jaqdu l-bliet fil-proċess lejn in-newtralità klimatika bħala postijiet għall-ittestjar tal-innovazzjoni u ta' approċċi ġodda għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tat-territorju, il-mobilità sostenibbli, l-akkomodazzjoni affordabbli u l-bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija; iġedded l-appoġġ tiegħu għal inizzjattivi mmirati għall-wiri tal-aħjar Prattiki u t-trasferiment tal-għarfien, bħall-missjoni dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima tal-programm Orizzont Ewropa, is-sħubijiet tal-Aġenda Urbana, eċċ.;
29. iqis li r-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) u strutturi transfruntiera oħrajn għandhom rwol importanti fl-iffaċilitar u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni transfruntiera, transnazzjonali u interreġjonali dwar l-adattament u l-mitigazzjoni tal-klima;
30. jilqa' l-ħidma tal-UNFCCC dwar ir-rabta bejn il-politika dwar il-ġeneru u l-politika dwar il-klima⁽⁵⁾, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea taħdem fl-istess direzzjoni; jappella lill-atturi globali u Ewropej biex jinvestu fl-analiżi tal-ġeneru u d-data diżaggregata skont is-sessi biex jifhemu bis-sħiħ l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-gruppi vulnerabbli kollha, jimplementaw tekniki ta' bbaġitjar skont il-ġeneru u jiżguraw aċċess ugwali għar-rappreżentazzjoni fit-tfassil tal-politika għall-ġeneri u l-livelli kollha. Fid-dawl ta' dan, jappoġġja l-appell għat-tisħiħ tal-bilanċ bejn il-ġeneri fid-delegazzjonijiet tal-UE u dawk nazzjonali għall-COP26;
31. itenni t-talba tiegħu biex il-kunsiderazzjonijiet dwar l-ambjent u dwar it-tibdil fil-klima jkunu riflessi aħjar fir-relazzjonijiet esterni tal-UE, u b'mod partikolari fil-politika kummerċjali tagħha. Jenfasizza wkoll l-importanza tal-kondiviżjoni tal-esperjenzi bejn il-pari fi ħdan pjattaformi ta' kooperazzjoni territorjali bħal ARLEM u CORLEAP kif ukoll permezz ta' sħubijiet bejn il-bliet. It-tibdil fil-klima għandu jibqa' prijorità diplomatika strateġika tal-UE sabiex il-pajjiżi terzi jingħataw appoġġ biex jadottaw u jimplementaw politiki ambizzjużi biex tintlaħaq in-newtralità klimatika u biex tintlaħaq il-mira tal-Ftehim ta' Pariġi;
32. iqis li Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri kompatibbli mad-WTO jista' jsaħħaħ it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika madwar id-dinja, u jara li hemm rwol ċar għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jikkontribwixxu għal dan il-proċess permezz tad-diplomazija dwar il-klima fil-livell sottonazzjonali;
33. jappoġġja bis-sħiħ l-azzjonijiet ewlenin li l-gvernijiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jieħdu, bħala prerekwiżiti għal azzjoni klimatika lokali, kif identifikat fil-Perkors tal-Azzjoni Klimatika tal-Insejment Umani⁽⁶⁾;
34. jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-Riżoluzzjoni quddiem il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, il-Presidenza Slovena tal-Kunsill u l-President tal-Kunsill Ewropew.

Brussell, it-13 ta' Ottubru 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President

tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

⁽⁴⁾ Kemm il-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) urban/l-Iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (l-Artikolu 6.4 dwar il-mekkaniżmi tas-suq) kif ukoll l-Iżvilupp urban u territorjali sostenibbli u integrat (l-Artikolu 6.8 dwar il-mekkaniżmu mhux tas-suq). L-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi.

⁽⁵⁾ <https://unfccc.int/gender>

⁽⁶⁾ Sħubija ta' Marrakech għal Azzjoni Klimatika Globali, 2021.

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

INTERACTIO – IBRIDA – IL-146 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 12.10.2021–14.10.2021

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strategġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal

(2022/C 61/03)

Relatur:	Jari ANDERSSON (FI/PPE), Membru ta' Assemblea Lokali: Kunsill tal-Belt ta' Sastamala
Dokumenti ta' referenza:	Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal COM(2021) 137 final Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strategġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal COM(2021) 142 final

RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol importanti sabiex jipprovdu servizzi ewlenin u biex jiġġieldu l-faqar. Jinnota wkoll li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ikunu involuti fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar Strategġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal u l-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal;
2. jirrimarka li, fil-passat, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni kkummenta dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiġġieldu l-faqar fost it-tfal u biex jipromovu d-drittijiet tat-tfal;
3. jinnota li l-Istati Membri huma infurmati b'mod adegwat dwar kif il-miżuri Ewropej attwali biex jiġi miġġieled il-faqar fost it-tfal u biex jiġu promossi d-drittijiet tat-tfal huma implimentati f'diversi livelli ta' gvern lokali u reġjonali;
4. jixtieq jieħu sehem fi djalogu futur dwar il-politika dwar it-tfal u ż-żgħażaġh u l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, is-soċjetà ċivili, il-gruppi tad-drittijiet tat-tfal u partijiet interessati rilevanti oħra;

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

5. jilqa' l-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strategġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, li l-għan tagħhom huwa li jħeġġu b'mod effettiv l-isforzi tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex inaqqsu l-faqar fost it-tfal u jtejbu d-drittijiet tat-tfal biex jiżguraw aktar ġustizzja u inklużività fl-Unjoni, u fir-reġjuni u l-muniċipalitajiet/bliet; Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jiġi rispettatt fil-proċess;
6. jenfasizza li t-tfal huma l-ewwel u qabel kollox tfal, irrispettivament mill-orijini etnika, mill-ġeneru, min-nazzjonalità, mill-ambjent soċjali u ekonomiku, mill-kapaċità jew mill-post ta' residenza tagħhom, u li l-aħjar interessi tat-tfal jridu jitqiesu fil-politiki, fil-proċessi u fil-miżuri kollha li jolqtu lit-tfal fil-livelli kollha. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jridu jiżguraw li d-drittijiet tat-tfal jingħataw prijorità u jitqiesu, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-politiki, fil-miżuri u fil-programmi interni u esterni kollha tal-UE li jaffettwaw direttament jew indirettament lit-tfal, u li tinżamm il-konsistenza fit-tehdid tad-deċiżjonijiet kollha;

7. jindika li t-tfal kollha għandu jkollhom id-dritt għal standard adegwat ta' għajxien u opportunitajiet indaqs fil-ħajja sa mill-età bikrija tagħhom, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; it-tiżni tal-inklużjoni soċjoekonomika tat-tfal u ta' familjethom huwa essenzjali sabiex jitnaqqsu l-faqar u l-iżvantaġġ bejn il-ġenerazzjonijiet. Sabiex jinkiseb dan huwa kruċjalment importanti li jiġi żgurat li jiġu pprovduti protezzjoni u appoġġ adegwati fil-kura tas-saħħa u dik soċjali, kif ukoll li jkun hemm aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja, u għat-taħriġ u impjegji għall-familji;
8. ihegġegħ lill-Istati Membri jagħtu appoġġ finanzjarju adegwat u xieraq sabiex jiggarantixxu l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u jistedinhom ikomplu jindirizzaw l-inugwaljanzi strutturali;
9. jinnota l-importanza tal-awtoritajiet sovrannazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali li jimplementaw azzjoni koordinata sabiex l-għanijiet tal-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod effettiv;
10. jindika l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li jithegġegħ id-djalogu mal-komunitajiet lokali biex jittejjeb il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, u li jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni stabbiliti fil-livell lokali u reġjonali b'finanzjament tal-UE biex jiżded l-għarfien tas-soċjetà, b'mod ġenerali, u tat-tfal, b'mod partikolari, dwar id-drittijiet tagħhom;

Il-Garanzija għat-Tfal

11. jindika li jridu jiġu indirizzati l-faqar u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi etniċi differenti u ta' komunitajiet marġinalizzati sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tad-drittijiet tat-tfal, u li l-faqar u l-esklużjoni soċjali jistgħu jillimitaw b'mod sinifikanti l-opportunitajiet futuri tat-tfal u l-familji tagħhom;
12. jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li l-azzjonijiet speċifiċi implimentati biex jindirizzaw dan ikunu jimmiraw primarjament l-aktar tfal żvantaġġati: trid tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità tajba għat-tfal kollha sabiex it-tfal kollha jingħataw l-istess opportunitajiet biex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom;
13. jenfasizza l-hteġġa li jiġu definiti Prattiki tajbin biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal kif ukoll jittejjeb l-aċċess għas-servizzi ewlenin tat-tfal u jiġu infurzati d-drittijiet tat-tfal; jirakkomanda hawnhekk li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu inklużi fl-isforzi biex ikun hemm sensibilizzazzjoni u jiġu kondviżi Prattiki tajba madwar l-Unjoni, u jissuġġerixxi li jiġu organizzati konferenzi u żjarat ta' studju internazzjonali, nazzjonali u reġjonali għal dan il-għan;
14. jilqa' l-proposta għal Network tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal magħmul minn rappreżentanti nazzjonali kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi, rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u tfal. In-Network huwa maħsub biex isaħħaħ id-djalogu dwar id-drittijiet tat-tfal u t-tagħlim reċiproku bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, u biex jappoġġja l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Istrateġija;
15. jinnota bi pjaċir li l-Istati Membri b'rata ta' tfal friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali ogħla mill-medja tal-UE ser ikollhom jallokaw 5 % tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal;
16. ihegġegħ lill-Istati Membri kollha, u mhux biss lil dawk l-aktar milquta mill-faqar fost it-tfal, jallokaw biżżejjed riżorsi biex jappoġġjaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal. F'dan l-ispirtu, jenfasizza l-effetti pożittivi li l-familji bit-tfal jiġu appoġġjati finanzjarjament bħala metodu effettiv biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal. L-għan għandu jkun li tiġi żviluppata ekosistema komprensiva ta' investimenti għat-tfal Ewropej, li tibni fuq il-Garanzija għat-Tfal, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fondi Strutturali u r-riżorsi nazzjonali sabiex jissaħħaħ l-għoti effettivi ta' servizzi ta' kwalità tajba u inklużivi għat-tfal kollha;
17. jinnota li n-negozji u l-intraprenditorija soċjali jista' jkollhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, u jindika l-hteġġa li jsir investment fl-iżvilupp ta' din il-kapaċità, u li jiġi żgurat l-aċċess għall-finanzi, u t-taħriġ intraprenditorjali. Fl-istess ħin, l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet edukattivi u sistemi ta' għajnuna soċjali fi Stati Membri inqas żviluppati permezz ta' finanzjament tal-UE huwa essenzjali wkoll għall-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal;
18. jilqa' l-għanijiet tal-UE dwar l-impjeg, il-ħiliet u l-protezzjoni soċjali, inklużi l-għanijiet relatati mal-faqar fost it-tfal, u jindika li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll l-imsieħba soċjali, għandhom responsabbiltà konġunta biex jimplementaw il-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali;

19. japprova l-proposta li jinħatar Koordinatur Nazzjonali tal-Garanzija għat-Tfal (ombudspersons għat-tfal, eċċ.) għal kull Stat Membru, b'riżorsi u setgħat suffiċjenti sabiex jiġu promossi, ikkoordinati u mmonitorjati kwistjonijiet relatati mal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Garanzija għat-Tfal;

Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal

20. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tfassal strateġija ġdida u komprensiva dwar id-drittijiet tat-tfal;

21. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej jinsabu f'pożizzjoni unika biex jieħdu azzjoni pożittiva biex jiddefendu d-drittijiet tat-tfal, jippromovu l-iżvilupp tagħhom f'ambjent protettiv u rispettuż fejn jiġu trattati tajjeb, u biex jaġixxu biex jiżguraw li t-tfal jiġu protetti minn kwalunkwe tip ta' vjolenza, inklużi l-abbuż u n-negliġenza. Għandha tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-UE għandha tipprovi appoġġ għal sħubijiet aktar effettivi bejn dawn l-awtoritajiet, b'mod partikolari bil-għan li tiġi kondiviża l-aħjar prattika;

22. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal tkun iffinanzjata b'mod xieraq, u li jiġi żgurat li l-finanzjament intern u estern tal-UE, kif ukoll il-baġits nazzjonali, jappoġġjaw b'mod adegwat l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija;

23. jissuġġerixxi li, sabiex tiġi implimentata l-inizjattiva, jtfasslu pjan direzzjonali u skeda ta' żmien aktar preċiża f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, bl-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-istituzzjonijiet speċjalizzati fil-livell lokali u reġjonali;

Protezzjoni soċjali

24. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippreżenta inizjattiva biex tappoġġja l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' miżuri integrati għall-protezzjoni tat-tfal. Dawn il-miżuri ser jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet u lill-korpi rilevanti kollha biex jaħdmu aħjar flimkien u jikkooperaw;

25. jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jiżguraw protezzjoni soċjali effettiva u aċċessibbli u servizzi ta' protezzjoni tat-tfal u tal-adolesxenti li jipprovdu ambjent sigur u inklużiv fejn it-tfal u l-adolesxenti jiġu trattati tajjeb, u jaġhtu attenzjoni lill-miżuri preventivi, l-intervent bikri, u l-appoġġ għall-familji vulnerabbli;

26. jinnota li t-tfal għandhom jiġu kkunsidrati kif dovut fil-qafas ta' politika tas-Semestru Ewropew li jmiss;

27. ihegġegħ lill-Istati Membri biex, fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 165 tat-TFUE, jiggarrantixxu aċċess ugwali għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) ta' kwalità tajba u inklużivi għat-tfal kollha bil-ħsieb li jintlaħqu l-miri ta' Barcellona għall-parteċipazzjoni, u biex jibdlu l-ECEC minn servizz immexxi mid-domanda f'intitolament għal kull tifel u tifla, minqux fil-liġi Ewropea bħala dritt legali u soċjali;

Edukazzjoni

28. ikompli jhegġegħ lill-Istati Membri jiżguraw li t-tfal kollha jkollhom aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità tajba, fuq bażi ugwali irrispettivament mill-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, in-nazzjonalità, ir-residenza jew l-istatus tal-immigrazzjoni, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali; jappella lill-pajjiżi biex jieħdu miżuri adatti sabiex jiġġieldu u jindirizzaw il-kawżi tal-assenteiżmu u tfal li jitolqu mill-iskola qabel iż-żmien;

29. jenfasizza r-rwol ta' limitu minimu ta' liv tal-ġenituri mħallas bis-sħiħ u benefiċċji tat-tfal. Il-liv tal-ġenituri jista' jitqassam f'intitolamenti separati għal kull ġenitur u jippermetti l-użu flessibbli tal-liv, inkluż aktar tard fit-tfulija;

30. jirrimarka li l-kwalità tat-taħriġ bażiku tal-ġhalliema, tal-edukaturi u ta' professjonisti rilevanti oħra – u li din il-kwalità tiġi aġġornata – hija kruċjalment importanti għall-edukazzjoni, il-benessri u l-inklużjoni tat-tfal kollha; jenfasizza, barra minn hekk, il-hteġa għal finanzjament adegwat, stabbli, fit-tul u orjentat lejn il-bżonnijiet għall-iskejjel u l-faċilitajiet għall-indukrar tat-trabi, li jiggarrantixxi wkoll il-vijabilità ta' skejjel iżgħar f'żoni rurali; jistgħu jintużaw ukoll għotjiet ta' fondi għall-edukazzjoni għal tfal bi status soċjoekonomiku baxx;

31. iqis bħala objettiv ewlieni l-prevenzjoni tad-disparitajiet dejjem jikbru fil-kwalità tal-iskejjel fi ħdan l-Istati Membri u fi ħdan l-Unjoni;

32. jilqa' l-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar perkorsi għas-suċċess fl-iskola, li għandha l-għan li tissepura l-livell edukattiv milħuq u miksub mill-istatus soċjali, ekonomiku u kulturali; jappoġġja l-istedina tal-Kummissjoni Ewropea lill-Istati Membri biex jiżguraw aċċess ugwali u effettiv għal għodod diġitali, konnessjoni tal-internet b'veloċità għolja, litteriżmu diġitali, materjal u għodod edukattivi online li jkunu aċċessibbli għat-tfal kollha;

fl-istess ħin jenfasizza l-ħtieġa wkoll li fl-istrategġija tiġi inkluża l-provvista ta' tagħmir għal tfal bi bżonnijiet speċjali, li jgħixu fil-faqar, f'komunitajiet marġinalizzati, bħat-tfal migranti jew Rom, jew f'żoni remoti jew rurali; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu inklużi linji gwida u taħriġ fil-ħiliet diġitali għat-tfal u l-adoloxxenti soċjalment żvantaġġati u għall-familji tagħhom; jirrakkomanda appoġġ finanzjarju pubbliku għal tagħmir diġitali għat-tfal ikkonċernati;

33. jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' skejjel attrezzati tajjeb li jippromovu t-talenti, speċjalment fir-reġjuni li qed jiffaċċjaw sfidi soċjali kbar;

34. jenfasizza li t-tagħlim online qatt m'għandu jissostitwixxi b'mod permanenti t-tagħlim wiċċ imb wiċċ, speċjalment meta l-aċċess għat-teknoloġija jkun limitat: it-tagħlim wiċċ imb wiċċ jaqdi rwol importanti fl-interazzjon isoċjali, fl-apprendiment ta' kwalità tajba u fl-iżvilupp.

35. jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati ħiliet ta' għajxien indipendenti għaż-żgħażagħ u li jiġi pprovdut taħriġ għall-edukaturi permezz ta' programmi ta' għotjiet;

36. jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament tas-servizzi soċjali għaż-żgħażagħ li jtilqu mis-sistema ta' protezzjoni tat-tfal, b'mod li dawn jingħataw akkomodazzjoni, taħriġ u assistenza biex jitħeġġu proġetti ta' ħajja awtonoma, sabiex jintegraw b'mod soċjoprofessionali;

37. jindika l-ħtieġa li jitmexxew ċentri ta' żvilupp, u programmi ta' żvilupp tat-talenti b'xejn għal tfal b'talent li jgħixu f'kundizzjonijiet diffiċli u li jkunu lesti jitgħallmu;

38. jenfasizza li l-istabbilimenti edukattivi għandu jkollhom il-kapaċità li jipprovdu servizzi bażiċi mmirati biex jiżguraw li t-tfal li jattendu dawn l-istabbilimenti edukattivi jkunu b'saħħithom biżżejjed, kemm fiżikament kif ukoll mentalment;

Vjolenza mwettqa mit-tfal u kontra tfal

39. iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lir-reġjuni tagħha jintensifikaw il-miżuri biex itemmu l-forom kollha ta' vjolenza u diskriminazzjoni diretti kontra it-tfal, inklużi l-vjolenza fiżika, sesswali, ekonomika u psikoloġika, l-abbuż, in-negliġenza, it-trattament ħażin u l-vjolenza online, iż-żwieġ furzat, it-traffikar tat-tfal migranti, it-tortura, il-qtil għall-unur, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, l-inċest, it-tluq bikri mill-iskola, u l-użu tat-tfal bħala suldati;

40. jinnota li l-istrategġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal trid tqis l-inizjattivi regolatorji u oħrajn kollha rilevanti għad-drittijiet tat-tfal, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fil-protezzjoni tat-tfal mill-vjolenza, it-traffikar tal-bnedmin u l-abbuż. Il-Kummissjoni hija mħeġġa wkoll tippubblika skeda ta' żmien preċiża għall-proposti inkwistjoni u tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati kif imiss;

41. jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati approċċi preventivi biex tiġi indirizzata l-vjolenza f'kull forma kontra t-tfal fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri. Dan jinkludi li jiġu promossi l-isforzi biex jiġi żgurat li t-tfal u l-adoloxxenti jiġu trattati tajjeb u li jinħolqu ambjenti protettivi għalihom fl-oqsma kollha fejn it-tfal jgħixu ħajjithom. L-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll l-istituzzjonijiet speċjalizzati lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp ta' approċċi preventivi fil-livell nazzjonali;

Is-saħħa tat-tfal

42. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jippromovu informazzjoni preċiża dwar it-tilqim sabiex itejbu l-fiduċja fl-istrategġija tat-tilqim u jiżguraw li s-saħħa tat-tfal ma tintlaqatx ħażin mill-konsegwenzi tad-diżinformazzjoni;

43. jilqa' l-istrategġija għall-irkupru u r-reżiljenza biex jiġi promoss irkupru rapidu u inklużiv mill-pandemija tal-COVID-19;

44. jindika l-ħtieġa li titwettaq valutazzjoni speċifika tal-impatt tal-pandemija fuq is-saħħa mentali tas-subien, il-bniet u l-adoloxxenti, biex jissaħħaħ l-investiment fil-kura tas-saħħa mentali u biex jifasslu strategġiji biex it-tfal u ż-żagħżagħ jiġu protetti mill-mard mentali;

Id-drittijiet tat-tfal u l-migrazzjoni

45. jindika l-ħtieġa li tiġi żgurata sistema ġudizzjarja adattata għat-tfal bi proċeduri adatti u inklużivi li jippermettu li jitqiesu l-ħtiġijiet partikolari tat-tfal, u jinnota l-importanza li jiġi garantit id-dritt tat-tfal li jinstemgħu, li jiġu infurmati b'lingwaġġ ċar u sempliċi, li jista' jinftehem faċilment, adattat għall-età tagħhom, il-kapaċità tagħhom li jifhem u l-livell ta' żvilupp tagħhom u li jirċievu għajjnuna minn rappreżentant legali fejn meħtieġ;

46. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tappoġġja lill-Istati Membri biex jiżviluppaw alternattivi effettivi u vijabbli għad-detenzjoni tat-tfal matul il-proċeduri tal-migrazzjoni;

47. jenfasizza l-importanza li jingħata appoġġ lit-tfal li huma vittmi ta' vjolenza domestika billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għal servizzi tas-saħħa soċjali u mentali, sabiex jiġu ffaċilitati l-irkupru u l-benesseri mentali tagħhom. Barra minn hekk, jinħtieġ li dawn is-servizzi jiġu mobilizzati kontra l-imġiba vjolenti fit-tfal u jiffaċilitaw l-integrazzjoni mill-ġdid taż-żgħażaġh li wettqu vjolenza;

48. jopponi d-detenzjoni tat-tfal għal raġunijiet ta' migrazzjoni. Il-prinċipju gwida għandu jkun dak tal-aħjar interessi tat-tfal;

49. jappella li t-tfal jiġu ssorveljati mill-qrib f'kull stadju mill-awtorità kompetenti u/jew mis-servizz pubbliku, li d-dmir tagħhom huwa li jipproteġu lit-tfal;

50. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li taħdem biex il-ktajjen tal-provvista tal-kumpaniji tal-UE jsiru ħielsa mit-tħaddim tat-tfal, b'mod partikolari permezz ta' inizjattiva leġislattiva dwar il-governanza korporattiva sostenibbli. Jitlob il-projbizzjoni tal-importazzjoni ta' prodotti li jirriżultaw mit-tħaddim tat-tfal;

51. jenfasizza l-importanza li tiġi promossa l-inklużjoni soċjali u li jiġu miġġielda r-razziżmu u d-diskriminazzjoni kontra t-tfal u l-adolesxenti migranti mhux akkumpanjati;

Id-dritt tat-tfal li jinstemgħu u jiġu involuti fi kwistjonijiet u deċiżjonijiet li jaffettwawhom

52. itenni li t-tfal għandhom jiġu garantiti l-oportunità li jkun involuti f'deċiżjonijiet li jaffettwawhom ħajjithom u li jinstemgħu b'mod li jkun xieraq għall-età u l-maturità tagħhom, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

53. jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppatti attivitajiet ta' prevenzjoni, jiġifieri l-prevenzjoni tal-alkoħol, it-tabakk u l-użu tad-droga fost iż-żgħażaġh. F'dan ir-rigward, jirrakkomanda l-involviment tal-awtoritajiet lokali, l-istituzzjonijiet edukattivi u l-istituzzjonijiet speċjalizzati fl-iżvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni u fis-sensibilizzazzjoni dwar il-perikli tal-alkoħol, it-tabakk u l-użu tad-droga;

54. jenfasizza l-importanza li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal u li jiġi promoss l-involviment tat-tfal fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha;

55. jilqa' l-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tippromovi u ttejjeb il-parteċipazzjoni inklużiva u sistematika tat-tfal fil-livell lokali, nazzjonali u tal-UE billi titwaqqaf Pjattaforma għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal;

56. iħeġġeġ lill-Istati Membri u lir-reġjuni jintroduċu, itejbu u jipprovdur bizżejied riżorsi għal approċċi ġodda u eżistenti għall-parteċipazzjoni tat-tfal fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali;

57. iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw il-promozzjoni tad-djalogu bejn daww li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u ż-żgħażaġh. F'dan ir-rigward, jipproponi li jiġu organizzati workshops konġunti, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali, bil-għan li jinvolvu liż-żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet u li jqisu l-fehmiet tagħhom dwar l-iżviluppi fil-politiki li jikkonċernawhom;

58. jilqa' l-ħatra reċenti, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-ewwel Koordinatur Ewropew taż-Żgħażaġħ, is-Sinjura Biliana Sirakova, f'konformità mal-proposta fl-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 tal-Kummissjoni Ewropea; itenni t-talba tiegħu biex jiġu pjanati laqgħat regolari bejn il-KtR u l-Koordinatur taż-Żgħażaġħ u biex tiġi formalizzata l-kooperazzjoni bejn il-KtR u l-Koordinatur⁽¹⁾;

KONKLUŻJONIJET

59. jappella li mill-inqas 5 % tal-finanzjament taħt ġestjoni kondiviżva tal-FSE+ jiġi allokat għall-appoġġ ta' proġetti b'rabta mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, u li tinħoloq ekosistema effettiva ta' investimenti għat-tfal Ewropej li tikkombina l-fondi tal-UE u r-riżorsi nazzjonali. Għandu jinħatar Koordinatur Nazzjonali tal-Garanzija għat-Tfal għal kull Stat Membru bis-setgħat meħtieġa biex jippromovi, jimmonitorja u jirrapporta dwar kwistjonijiet relatati mal-Istrateġija dwar id-drittijiet tat-tfal u l-Garanzija għat-Tfal. It-tfal kollha għandhom jiġu garantiti, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-oportunità li jkun involuti f'deċiżjonijiet li jaffettwawhom ħajjithom u li jinstemgħu b'mod li jkun adattat għall-età u l-maturità tagħhom;

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KtR dwar *Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar iż-żgħażaġh* COR-2018-03892-00-00-AC-TRA.

60. jinnota l-ħtieġa li jiġi rikonoxxut u identifikat ir-rwol ewlieni li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ġlieda kontra l-faqar u l-protezzjoni tat-tfal minn kull tip ta' vjolenza, u r-rwol kritiku tagħhom biex jipprevjenu d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali. Dan kien evidenti fl-isforzi lokali biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19, fejn ħafna reġjuni, bliet u muniċipalitajiet irreaġixxew malajr u implimentaw miżuri biex itaffu l-effetti negattivi fuq il-faqar fost it-tfal, pereżempju billi pprovdew assistenza alimentari lill-familji fil-bżonn b'diversi modi;

61. jinnota li l-Istati Membri u atturi oħra għandhom iħejju għall-ħafna sfidi li jistgħu jkunu mistennija li jinqalgħu wara li tbatti l-pandemija minħabba bidliet fil-kundizzjonijiet tal-ġhajxien tat-tfal u tal-familji. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol ċentrali biex jipprovdu servizzi ewlenin immirati fil-proposta tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Għalhekk huwa essenzjali li l-awtoritajiet u r-reġjuni lokali jiġu involuti bħala msieħba ewlenin fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal, billi jippromovu l-governanza f'diversi livelli, u jiżviluppaw responsabbiltà konġunta u strateġiji kkoordinati għal-livelli lokali, nazzjonali u tal-UE.

Brussell, it-12 ta' Ottubru 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — L-involvement effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija tal-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operazzjonali għall-perjodu 2021–2027

(2022/C 61/04)

Relatur: Juraj DROBA (SK/KRE), President tar-Reġjun ta' Bratislava

RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jirrimarka li l-għodda ewlenija ta' investiment tal-UE, il-politika ta' koeżjoni, qabel kollox timmira li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali bejn ir-reġjuni tal-UE u tindirizza l-isfidi strutturali, bħall-ħolqien tal-impjiegi, il-protezzjoni tal-impjiegi eżistenti, il-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku, u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, il-mobilità sostenibbli u l-esklużjoni soċjali; jenfasizza, fl-istess ħin, li r-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet huma responsabbli għall-iżvilupp ġenerali u sostenibbli taż-żoni tagħhom stess, u għaldaqstant għandhom ikunu mgħammra bil-mezzi finanzjarji adatti biex iwettqu dan il-kompitu;
2. jenfasizza li l-valur miżjud tal-politika ta' koeżjoni tal-UE jmur lil hinn mill-impatt ekonomiku, soċjali u territorjali pożittiv li ntwera, peress li dan jimplika wkoll l-impenn tal-Istati Membri u r-reġjuni favur it-tisħiħ tal-integrazzjoni Ewropea;
3. jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-politika ta' koeżjoni tirrikjedi l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-istadji kollha tal-perjodu ta' programmazzjoni, mill-ippjanar sal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni; jemmen li, bħala parti mill-proċedura ta' programmazzjoni, dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fil-proċess ta' analiżi tal-ħtiġijiet u ta' identifikazzjoni tal-miżuri għall-finijiet tat-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operazzjonali tematiċi, bil-ħsieb li jiġu indirizzati sfidi speċifiċi fir-reġjuni u jintlaħqu l-oġettivi tal-politika ta' koeżjoni. Inkella, hemm riskju li l-mod kif dawn id-dokumenti jithejju ma jissodisfax il-ħtiġijiet fil-prattika;
4. jenfasizza li r-regoli ewlenin għall-involvement tal-imsieħba huma minquxa fil-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea dwar Sħubija fil-qafas tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej⁽¹⁾ (Kodiċi Ewropea), li jibqa' validu għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid
5. jinnota li l-ippjanar strateġiku huwa l-bażi biex l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tirnexxi. Id-dokumenti ewlenin ta' din il-politika huma l-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operazzjonali li jistabbilixxu l-prijoritajiet strateġiċi, inklużi l-allokazzjoni finanzjarja u l-miżuri proposti, li se jkollhom impatt kbir fuq kif ir-reġjuni jiżviluppaw matul id-deċennju li jmiss;
6. jitlob li d-dokumenti strateġiċi ewlenin għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid jiġu adottati mingħajr dewmien sabiex l-implimentazzjoni tkun tista' tibda mill-aktar fis possibbli;
7. jilqa' l-interess li wriet il-Presidenza Slovena li jmiss tal-Kunsill tal-UE biex tistħarreġ aktar dwar it-tema tas-sħubija fil-FSIE bil-għan li tittejjeb l-applikazzjoni tiegħu, u huwa lest li jaħdem magħha;

L-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli

8. il-prinċipju ta' sħubija u l-mudell ta' governanza f'diversi livelli, li huma bbażati fuq koordinazzjoni msaħħa fost l-awtoritajiet pubbliċi, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali u s-soċjetà ċivili, jstgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv biex jiġu kkomunikati aħjar l-oġettivi u r-riżultati politiċi tal-UE;
9. jinnota li l-approċċ tas-sħubija huwa proċess parteċipattiv u kollettiv li jinvolvi l-awtoritajiet pubbliċi fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll l-imsieħba soċjoekonomiċi rilevanti u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili;

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).

10. jirrimarka li l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli tikkontribwixxi għal identifikazzjoni aħjar tal-ħtiġijiet, impenn kollettiv aktar b'saħħtu biex jintlaħqu l-oġettivi, kif ukoll sens ta' "sjieda" fost l-imsieħba involuti u komplementarjetà aħjar ma' strumenti oħrajn. Tgħin ukoll biex jissaħħaħ l-appoġġ għall-proġett Ewropew komuni billi tikkomunika dwar il-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għas-soluzzjoni tal-problemi lokali, u b'hekk l-UE titqarreb lejn in-nies u jtnaqqas id-defiċit demokratiku;

11. huwa tal-fehma li analiżi fil-fond mill-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rigward tat-territorju tagħhom toffri l-bażi għat-tfassil kif imiss tal-programmi. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati fil-livelli differenti tal-gvern tikkontribwixxi għal sinerġiji aħjar bejn il-politiki tagħhom u tevita d-duplikazzjoni jew l-approċċi konfliġġenti f'qasam partikolari;

12. jenfasizza li l-awtoritajiet reġjonali u lokali diġà għandhom esperjenza vasta fit-thejġija u l-implimentazzjoni ta' diversi perjodi ta' programmazzjoni, li għandhom jintużaw bħala bażi skont il-prinċipju tas-sħubija sabiex il-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid jitfassal aħjar; jirrimarka, madankollu, li l-esperjenza tagħhom turi wkoll li r-rispett għall-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli jvarja minn Stat Membru tal-UE għal ieħor u li l-proċessi tal-amministrazzjonijiet ċentrali mhumiex bilfors inklużivi;

13. jinnota, b'mod ġenerali, li s-sħubija formali hija applikata fi stati deċentralizzati jew stati federali b'mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti, iżda għad hemm lok għal titjib; ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali spiss huwa limitat fi stati unitarji iżgħar. Fl-istess ħin, is-sentiment l-aktar komuni f'ħafna pajjiżi huwa li aktar ma r-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet ikunu mbegħdin mill-belt kapitali, aktar ikun dgħajfef ir-rwol tagħhom fit-thejġija tal-perjodu ta' programmazzjoni; jappella lill-Istati Membri kollha tal-UE jiżguraw applikazzjoni adatta tal-governanza f'diversi livelli biex jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali kollha jibbenefikaw minnha;

14. huwa mħasseb ħafna li mhux possibbli li l-prinċipju tas-sħubija jiġi applikat kif suppost fl-Istati Membri kollha. In-negozjati dwar il-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operazzjonali wrew li għalkemm fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ġew ikkonsultati l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-involvement tagħhom ma jrarrafx fi sħubija sħiħa kif stabbilit fil-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea dwar Sħubija;

15. jinsab imħasseb dwar il-progress limitat fxi Stati Membri fir-rigward tal-ftuħ ta' spazji għad-djalogu u l-komunikazzjoni bil-ħsieb li jiġu definiti d-dokumenti strateġiċi reġjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, b'tali mod li għadha mhix magħrufa l-allokazzjoni finanzjarja tal-Fondi Strutturali li għandha ssir disponibbli għall-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali;

16. jinsab imħasseb dwar is-sejbiet ewlenin minn studju^(?), li juri li l-involvement tal-imsieħba fit-thejġija tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid tjeb biss bi ftit meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, u li l-mod kif tiġi implimentata s-sħubija bilkemm inbidel, u b'hekk il-potenzjal tagħha mhux sfruttat bis-sħiħ; huwa daqstant ieħor imħasseb dwar is-sejba li proporzjon eċċessivament għoli tal-awtoritajiet lokali u reġjonali huma involuti biss fil-konsultazzjonijiet pubbliċi, u ma għandhomx rwol aktar dirett fil-kompilazzjoni tad-dokumenti strateġiċi; Fil-pajjiżi fejn is-sħubija mhijiex stabbilita sew u hija biss superfiċjali, il-Kummissjoni Ewropea għandha tgħin ukoll fl-istudju ta' mekkaniżmi sabiex jiġi żgurat li tiġi applikata kif xieraq;

17. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-attraenza tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni tal-UE permezz ta' aktar semplifikazzjoni u trażżin tar-regolamentazzjoni żejda (gold-plating), u jikkunsidraw li jnaqqsu l-kumplessità u, fejn xieraq, l-għadd ta' regolamenti u linji gwida;

18. huwa tal-fehma li sħubija kompleta ma tista' tiġi imposta minn ebda regolament jew att leġiżlattiv, iżda hija r-riżultat ta' djalogu fit-tul ibbażat fuq il-fiduċja u r-rispett reċiproċi, il-kultura politika u l-interess ġenwin tal-partijiet involuti biex jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet għaż-żona kkonċernata; jirrimarka li dan id-djalogu fit-tul ibbażat fuq il-fiduċja jirrikjedi wkoll qafas legali u operazzjonali ċar u affidabbli li għalih l-istituzzjonijiet tal-UE jkunu responsabbli wkoll;

19. jinsab diżappuntat li r-regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma jirrikjedix l-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta, iżda jirrakkomanda biss l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li wassal biex il-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza thejw bil-biben magħluqa u bi ftit involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u mingħajr kontribut sinifikanti min-naħa tagħhom. Dan ipoġġi f'riskju l-kapaċità ta' assorbiment u ta' implimentazzjoni tal-fondi. Minħabba dan, l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma fil-prattika sempliċi entitajiet li jimplimentaw id-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri dwar il-kompetenzi tagħhom stess;

(?) *Application of the principles of partnership and multi-level governance in Cohesion Policy programming 2021–2027* (L-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli fil-programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, (mhux disponibbli bil-Malti)) <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/effcb753-a6ff-11eb-9585-01aa75ed71a1>

20. jirrimarka li l-potenzjal tas-sħubija mhuwiex sfruttat biżżejjed u lanqas ma jitqies biżżejjed f'għadd ta' pajjiżi, u jitlob li jiġu mfittxija eżempji ta' Prattika tajba sabiex il-partijiet ikkonċernati jkun jista' jkollhom rwol effettiv; jinnota b'dispaċir ukoll li l-gvernijiet f'diversi Stati Membri mhumiex miftuħin għal approċċi ġodda għall-involvement tal-imsieħba, u jirreplikaw it-tendenzi stabbiliti tal-passat, li jfixxkel l-implimentazzjoni ta' sħubija effettiva; f'dan il-kuntest, madankollu, jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li ġġedded il-Komunità Ewropea ta' Prattika dwar is-Sħubija, bil-ħsieb li jiġu skambjati l-esperjenzi u jinbnew il-kapaċitajiet, u huwa lest li jikkontribwixxi b'mod attiv għal din l-inizjattiva;
21. jenfasizza li l-mobilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom, u li jiġu kkunsidrati il-fehmiet tagħhom għadhom l-akbar sfida fl-implimentazzjoni tas-sħubija, u jqis li huwa ta' diżappunt li għadd mill-oġġezzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-aħħar perjodu ta' programmazzjoni ma ġewx ikkunsidrati u li minħabba dan għad hemm il-problemi biex l-imsieħba jiġu mobilizzati; jistieden għalhekk li l-Kummissjoni Ewropea tirrikjedi li l-Istati Membri jispjegaw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' kunsiderazzjoni, u jippreżentaw miżuri konkreti bil-għan li jimmobilizzaw u jsaħħu l-partijiet ikkonċernati fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid;
22. huwa tal-fehma li struttura effettiva ta' proċessi ta' governanza f'diversi livelli tirrikjedi mhux biss approċċ vertikali li jinvolvi l-livelli differenti ta' governanza, iżda wkoll dimensjoni orizzontali li tinvolvi l-imsieħba soċjoekonomiċi rilevanti, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-qasam akkademiku;
23. jirrimarka li l-awtoritajiet lokali spiss iħossu li mhumiex rappreżentati biżżejjed u li għandhom rwol minuri jew ma jingħatawx widen fil-proċessi preparatorji. Minħabba l-għadd kbir ta' muniċipalitajiet fin-negozjati, dawn huma prinċipalment rappreżentati mill-assoċjazzjonijiet umbrella tagħhom, li għalhekk għandhom rwol importanti fil-proċess ta' tħejjija. Madankollu, fi ħdan l-istrutturi tagħhom, hemm bżonn ta' kapaċitajiet adatti sabiex jiġi żgurat fluss effiċjenti ta' informazzjoni lejn il-bliet u l-muniċipalitajiet, sabiex ikunu konxji biżżejjed tal-proċessi li jkunu jinsabu għaddejnin u jkollhom il-possibbiltà li jinfluwenzawhom permezz tal-assoċjazzjonijiet tagħhom;
24. jenfasizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol predominanti fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-programmi operazzjonali, u jistieden lill-awtoritajiet maniġerjali jinvolvu bis-sħiħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija tal-programmi Interreg ukoll;
25. jitlob li l-prinċipji tas-sħubija jiġu implimentati bis-sħiħ taħt strumenti ġodda wkoll, bħall-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u strumenti ġodda oħrajn iffinanzjati taħt l-istrument NextGenerationEU; jindika l-impatt kbir li se jkollha l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq il-politika ta' koeżjoni u r-riskju ta' duplikazzjonijiet u inkonsistenzi li jista' jkun hemm bejn dawn l-istrumenti;
26. jitlob li l-prinċipju tas-sħubija jiġi applikat ukoll fil-politika agrikola komuni (PAK) meta jtfasslu u jiġu implimentati l-pjani strateġiċi; f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti mill-qrib, b'mod partikolari fl-azzjonijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); jenfasizza l-opportunitajiet, li toffri l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija fil-PAK, b'mod partikolari fir-rigward ta' tfitxija għal sinerġiji bejn il-proġetti, iffinanzjati taħt il-FEŻR u t-tieni pilastru tal-PAK;
27. jenfasizza l-importanza tad-diplomazija parallela mill-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-livell Ewropew u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fin-negozjati dwar il-forma tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operazzjonali; billi jressqu argumenti bbażati fuq id-data konkreta u l-għarfien tagħhom tal-problemi lokali, dawn l-awtoritajiet jistgħu jikkontribwixxu għal stabbiliment aktar effettiv u realistiku tal-prijoritajiet fid-dokumenti strateġiċi;
28. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jsawru l-programmi operazzjonali tagħhom b'tali mod li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tingħata post prominenti b'konformità mal-Artikolu 16(f) tal-Ftehim Interistituzzjonali u l-ambizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tipprevedi l-inklużjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-programmi tal-UE u l-pjan li tiġi implimentata metodoloġija dwar l-evalwazzjoni tal-impatt fuq il-perspettiva tal-ġeneri fil-valutazzjonijiet tal-impatt mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023; jappella lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jqisu dan fil-passi kollha ta' programmazzjoni;
29. jenfasizza li d-differenzi fiż-żmien tat-tħejjija tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u l-ftehimiet ta' sħubija jistgħu, f'xi każijiet, ifixxku l-koordinazzjoni istituzzjonali effettiva u jillimitaw it-tiftix għal sinerġiji; il-prijorità potenzjali tal-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq il-politika ta' koeżjoni, minħabba l-pressjoni biex tiġi implimentata u adottata malajr, tista' tnaqqas l-attivitajiet fil-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2027, u b'hekk tikkontribwixxi għal aktar dewmien fl-użu tal-finanzjament ta' koeżjoni; iwissi dwar ir-riskju ta' rkupru mhux uniformi fost ir-reġjuni differenti tal-Ewropa u dwar żieda fl-inugwaljanza minħabba nuqqas ta' approċċ spazjali

għall-iżvilupp tal-pjani ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jappella għalhekk biex l-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali jgħaġġlu l-pass fit-tnejja tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operazzjonali u jsaħħu s-sinerġiji bejn il-ftehimiet ta' sħubija u l-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza;

30. jitlob li d-dokumenti rilevanti jintbagħtu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fi żmien xieraq qabel il-laqgħat ta' ħidma; fl-istess ħin, huwa ta' diżappunt li l-imsieħba spiss ikollhom ftehimiet biex jikkumentaw dwar id-dokumenti, u għalhekk jitlob li jingħataw perjodu ta' żmien adegwat li jkun jirrifletti l-importanza tad-dokumenti li dwarhom ikunu se jsiru l-kummenti. L-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali m'għandux ikun formalità biss, u għandu dejjem jingħata feedback dwar il-kummenti li jsiru;

31. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija kemm fin-negozjati informali mal-Istati Membri kif ukoll fil-valutazzjoni ta' abbozzi ta' ftehimiet ta' sħubija u programmi operazzjonali, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet rilevanti biex itejbu l-proċessi ta' sħubija;

32. jipproponi li, f'kooperazzjoni mal-Presidenza Slovena tal-Kunsill tal-UE, tiġi organizzata sessjoni konġunta ta' ħidma li tiffoka fuq l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u fuq il-kunsiderazzjoni ta' fehmietom sabiex it-tnejja u l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni jsiru aktar effettivi; barra minn hekk, jissuġġerixxi li t-tema tas-sħubija fil-FSIE tiġi indirizzata wkoll fil-kuntest tal-inizjattiva ta' "regolamentazzjoni aħjar", u titqiegħed ukoll fuq l-aġenda tal-laqgħat tal-Kunsill sabiex jiġu enfasizzati l-benefiċċji ta' sħubija effettiva u ta' governanza f'diversi livelli fit-tnejja u l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, u jintwera li dan l-approċċ jgħin biex jintlaħqu objettivi ta' politika komuni tal-UE u għalhekk għandu jiġi applikat f'oqsma oħra ta' politika wkoll;

Il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

33. jenfasizza l-importanza tal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar is-sħubija u r-rwol tal-prinċipju tas-sħubija fit-tisħiħ tal-impenn kollettiv u tas-sens ta' responsabbiltà fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni;

34. jinnota li l-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea tipprovdi rakkomandazzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni effettiva tas-sħubija filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi fil-livell lokali u reġjonali;

35. jenfasizza li l-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni jirrikjedi l-involviment ibbilanċjat tal-imsieħba għat-tfassil tal-ftehimiet ta' sħubija u tal-programmi operazzjonali, kif ukoll il-konformità mal-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea; għalhekk, jistieden lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u lill-korpi ċentrali ta' koordinazzjoni jimplementaw bis-sħiħ dawn ir-rewżiti u jinvolvu lill-imsieħba lil hinn minn sempliċi konsultazzjonijiet formali;

36. biħsiebu jissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni tal-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea matul it-tfassil tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operazzjonali, f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tiegħu għall-2020-2025⁽³⁾; barra minn hekk, jitlob lill-Kummissjoni tivverifika l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju tas-sħubija qabel ma tapprova l-ftehimiet ta' sħubija nazzjonali u l-programmi operazzjonali;

37. jinnota li l-prinċipju tas-sħubija ġie stabbilit b'rabta mal-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, u għalhekk ma jirrifletti l-istrumenti ġodda u s-sitwazzjoni mindu faqqgħet il-pandemija; huwa tal-fehma li l-prinċipju tas-sħubija għandu għalhekk jissaħħaħ fil-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea, kif diġà talab fl-Opinjoniġiet preċedenti tiegħu;

38. jistieden lill-gvernijiet reġjonali u lokali jkunu involuti bis-sħiħ fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. Dan għandu jinkludi Opinjoni tal-KtR dwar l-esperjenzi dwar l-implimentazzjoni fl-ewwel snin u l-aspettattivi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar il-pakketti finanzjarji kif ukoll dwar l-implimentazzjoni teknika għall-bqija tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali; barra minn hekk, dan jista' jirriżulta fl-abbozzar ta' studju li jevalwa l-esperjenzi rigward l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea għaxar snin wara l-introduzzjoni tiegħu; il-KtR għandu jkun involut fit-tfassil tat-Termini ta' Referenza tal-istudju, jiddiskuti l-istudju u jkun assoċjat mal-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet biex jiġu segwiti l-konklużjonijiet tal-istudju;

39. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tissorvelja mill-qrib u tevalwa l-implimentazzjoni tal-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea u, f'każ li s-sħubija mhux qed isir użu biżżejjed tagħha, issir reviżjoni abbażi ta' eżempji ta' prattika tajba fl-Istati Membri; jappella lill-Kummissjoni Ewropea tadotta r-rakkomandazzjonijiet ta' din l-Opinjoni, kif ukoll il-konklużjonijiet tas-sessjonijiet ta' ħidma tal-esperti, f'każ li ssir reviżjoni tal-Kodiċi;

⁽³⁾ <https://cor.europa.eu/mt/our-work/Pages/cor-priorities.aspx>

40. jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea, abbażi tal-eżempji tajbin miġbura, tistieden lill-Istati Membri jfasslu pjani ta' azzjoni dwar kif jista' jittejjeb l-approċċ ta' sħubija fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali;

41. fl-istess ħin, jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra li tistabbilixxi barometru għall-applikazzjoni tas-sħubija biex jinkoraġġixxi użu akbar tagħha;

Approċċ ibbażat fuq il-post

42. jenfasizza li l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operazzjonali huwa kundizzjoni ewlenija biex dawn jiġu kkonfigurati b'mod strateġiku biex jirriflettu l-ħtiġijiet reali taż-żona kkonċernata, u jemmen li l-implimentazzjoni effettiva tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli hija essenzjali biex jiġu identifikati aħjar il-prijoritajiet ta' investiment li għandhom jiġu appoġġjati mill-FSIE. Sabiex l-investment ikun immirat b'mod effettiv, huwa essenzjali li jitqiesu l-ispeċifitajiet reġjonali u lokali taż-żona kkonċernata, inklużi l-fatturi naturali u demografiċi li jgħolqu żvantaġġi għaliha. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti wkoll fl-għażla tal-indikaturi u l-allokazzjonijiet reġjonali, li l-volum tagħhom għandu jikkorrispondi għall-problemi strutturali taż-żona; minħabba d-disparitajiet bejn ir-reġjuni u fi ħdan ir-reġjuni, għad hemm bżonn li jsir investiment fl-infrastruttura bażika, u jiġu pprovduti servizzi bażiċi fl-oqsma tal-ambjent, it-trasport, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-servizzi soċjali, is-saħħa u l-edukazzjoni;

43. jenfasizza li huma r-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet li huma midħla taż-żoni tagħhom u tal-isfidi ewlenin li għandhom biex jiksbu l-oġettivi Ewropej bħall-Patt Ekoloġiku, u l-aġendi globali bħall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; huma konxji tal-kwalitajiet pożittivi u d-dgħufijiet tan-nisġa soċjoekonomika tagħhom (eż. żoni bi problemi ta' mobbiltà, l-ambjent u t-tranżizzjoni sostenibbli, il-klima, it-tranżizzjoni tal-enerġija, l-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi, l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, eċċ.) u huma kapaċi jagħmlu stima, abbażi tad-data, tal-impatt mistenni ta' kull miżura, kif ukoll ifasslu proposti ta' miżuri aktar immirati jew ifasslu mill-ġdid miżuri eżistenti;

44. jenfasizza li l-pandemija tal-COVID-19 uriet għal darb'oħra l-importanza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom fl-implimentazzjoni tal-fondi strutturali u ta' investiment; fl-istess ħin, sar evidenti n-nuqqas ta' mezzi finanzjarji li huma għad-dispożizzjoni ta' bosta awtoritajiet lokali u reġjonali; jilqa' f'dan ir-rigward il-miżuri ta' flessibbiltà, li ġew introdotti mill-Kummissjoni Ewropea fil-pakketti CRII u CRII+; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta biex testendi r-rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għal sena oħra, testendi r-regola N+ 3 u żżid temporanjament il-limitu de minimis tal-għajjuna mill-Istat, sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jirċievu appoġġ suffiċjenti f'dawn iż-żminijiet diffiċli;

45. huwa tal-fehma li approċċ ibbażat fuq il-post jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali sostenibbli, u jirrakkomanda li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt territorjali aktar frekwenti b'rabta mad-diversi oġettivi tal-politika ta' koeżjoni u dawk tal-Patt Ekoloġiku Ewropeu u l-Istrateġija Diġitali;

46. huwa tal-fehma li, fl-indirizzar tal-isfidi territorjali, għandu jissaħħa l-approċċ integrat u bbażat fuq il-post minflok jissaħħa l-approċċ purament settorjali. Huma proprju l-konsegwenzi negattivi tal-kompartimentalizzazzjoni settorjali u t-twarrib tal-interessi ta' dawk involuti li jfixklu approċċ komprensiv u integrat għas-soluzzjoni tal-problemi;

47. huwa tal-fehma li l-istrateġiji territorjali integrati għar-reġjuni u l-bliet (ibbażati fuq investiment territorjali integrat (ITI), u fuq żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD)) għandhom potenzjal enormi biex jinfluenzaw b'mod pożittiv il-fokus tal-programmi operazzjonali nazzjonali sabiex jingħataw widen l-isfidi partikolari reġjonali u lokali; jitlob, għalhekk, li l-programmi operazzjonali jkunu koerenti ma' dawn l-istrateġiji sabiex ikunu mmirati b'mod preċiż. Id-dimensjoni reġjonali għandha titqies ukoll fit-taqsimiet rilevanti tal-programmi operazzjonali sabiex jiġu evitati inkonsistenzi bejn id-dokumenti strateġiċi differenti;

48. jilqa' l-fatt li l-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 ser ikollu enfasi qawwija fuq l-Investimenti Territorjali Integrati fl-implimentazzjoni, u jaħseb li, fejn adatt, il-miżuri proposti fl-istrateġiji integrati għandhom jiġu appoġġjati b'mod sistematiku mingħajr il-ħtieġa ta' sejħiet ta' interess min-naħa tad-domanda. L-istrateġiji tal-ITI għandhom ikunu komprensivi u jkopru l-miżuri irrISPettivament mill-kompetenzi tal-korpi involuti (stat, reġjuni, muniċipalitajiet);

49. jirrimarka li, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-ITI, ir-reġjuni tal-UE għandhom pjattaformi ta' kooperazzjoni stabbiliti sew ibbażati fuq il-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli li huma kapaċi jiddeterminaw b'mod ċar l-isfidi ewlenin u jidentifikaw l-aktar rispons adatt;

50. jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi li jippermettu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jipparteċipaw fl-għażla tal-miżuri tal-ITI abbażi tal-prinċipju territorjali, irrispettivament mill-kompetenzi tal-entitajiet involuti; jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri janalizzaw il-mekkaniżmi kollaborattivi effettivi li diġà jeżistu fl-Istati Membri, li jistgħu jservu bħala eżempji ta' prattika tajba;

51. jemmen li jkun utli li l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet tiġi indirizzata fi ħdan gruppi tematiċi dinamiċi iżgħar li, abbażi ta' data territorjali verifikabbli, se janalizzaw l-isfidi u jipproponu rispons fi ħdan tema settorjali partikolari;

52. huwa konxju li n-nuqqas ta' data fil-livell reġjonali u fir-reġjuni transkonfinali huwa ostaklu biex l-investiment jiġi mmirat b'mod effettiv; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ il-għbir ta' data statistika (permezz tal-Eurostat u l-ESPON) fil-livell NUTS 3 fi ħdan id-diversi politiki settorjali rilevanti għall-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni – data li ser tintuża wkoll biex jitkejjel il-progress miksub fil-qasam ikkonċernat; iqis ukoll bħala strument adatt l-Indiċi tal-Progress Soċjali tal-UE, li verżjoni aġġornata tiegħu ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea fi tmien l-2020;

53. iqis ukoll in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva u analitika bħala xkiel għall-involvement effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u jitlob li din il-kapaċità tissaħħaħ fil-perjodu ta' programmazzjoni l-għdid;

L-użu ta' għodod diġitali u l-konsegwenzi tal-pandemija

54. jinsab diżappuntat li t-tifqigħa tal-pandemija dewmet in-negozjati dwar programmi tal-UE bejn l-awtorità leġislattiva, u b'hekk ukoll l-abbozzar tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operazzjonali, li ma tlestewx fil-ħin għall-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni l-għdid, u jappella għal aċċellerazzjoni immedjata tal-ħidma preparatorja u intensifikazzjoni tad-diskussjonijiet;

55. jinnota wkoll b'dispaċir li l-miżuri li ttehdhu biex itaffu t-tixrid tal-pandemija żammew lura wkoll jew ipposponew il-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, f'xi każijiet għal numru ta' xhur, li se jkollu konsegwenzi negattivi fuq l-iżvilupp taż-żoni taġġhom;

56. iwissi kontra x-xejriet lejn iċ-ċentralizzazzjoni fil-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE bħala riżultat tal-pandemija u l-ġestjoni parallela ta' żewġ perjodi ta' programmazzjoni;

57. jinnota li l-kriżi pandemika swiet ukoll ta' opportunità biex jiġu involuti l-imsieħba permezz tal-użu mifrux ta' għodod ta' komunikazzjoni diġitali, li b'xi mod jew ieħor iffaċilitaw l-interazzjonijiet bejn il-partijiet ikkonċernati u jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-involvement ibbilanċjat tal-imsieħba li inkella ma kienx ikun possibbli għalihom li jkunu parti mit-tħejjijiet;

58. jinnota, madankollu, li l-possibbiltajiet għall-imsieħba biex jinteraġixxu fl-aqgħat online ħafna drabi huma limitati u għalhekk iqis li huwa meħtieġ li jittejjbu b'mod kostanti l-kundizzjonijiet għall-interazzjoni mal-imsieħba matul il-laqgħat online. Jeħtieġ li jiġu adottati firxa ta' tekniki u approċċi għat-tmexxija tad-diskussjonijiet, flimkien ma' appoġġ mill-assistenza teknika, biex jiġu ffaċilitati aħjar il-laqgħat online;

59. jirrakkomanda wkoll li nibnu fuq eżempji ta' prattika tajba fl-użu ta' għodod ta' komunikazzjoni online u interattiva għall-futur, iżda huwa tal-fehma li s-soluzzjonijiet diġitali ma jstgħux jissostitwixxu l-laqgħat u l-konsultazzjonijiet fiżiċi u għandhom jintużaw biss bħala mezz komplementari skont il-format u n-natura tad-diskussjoni.

Brussell, it-12 ta' Ottubru 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President

tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Aġenda kontra t-Terroriżmu għall-UE: Antiċipazzjoni, Prevenzjoni, Protezzjoni, Rispons

(2022/C 61/05)

Relatur:	Karl VANLOUWE (BE/AE) Membri ta' Assembla Reġjonali: Parlament Fjamming
Dokument ta' referenza:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Aġenda kontra t-Terroriżmu għall-UE: Antiċipazzjoni, Prevenzjoni, Protezzjoni, Rispons COM(2020) 795 final

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Introduzzjoni

1. jilqa' l-aġenda tal-Kummissjoni kontra t-terroriżmu ⁽¹⁾, li tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, inkluż b'mod partikolari għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi;
2. jaqbel mal-Kummissjoni li n-natura transnazzjonali tan-networks terroristiċi teħtieġ kooperazzjoni aktar b'saħħitha, li tiproteġi u tappoġġja l-valuri u l-istandards komuni tagħna, l-istil ta' ħajja Ewropew tagħna, u s-soċjetà pluralistika tagħna;
3. jirrimarka li l-ġlieda kontra t-terroriżmu hija parti mill-politika ta' sigurtà, li hija kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, u, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna huma l-kompetenza tal-Istati Membri, u f'dan ir-rigward jenfasizza wkoll ir-rwol tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi reġjonali f'xi Stati Membri;
4. jinnota li l-attakki terroristiċi fl-UE huma ispirati minn raġunijiet diversi, li l-Europol taqşam f'5 kategoriji: it-terroriżmu ġiħadista, it-terroriżmu xellugi u anarkist, it-terroriżmu lemini, it-terroriżmu etnonazzjonalist u separatist, u t-terroriżmu b'kawża unika; jenfasizza l-fenomenu dejjem jikber ta' dawk li jwettqu r-reati waħedhom ⁽³⁾;
5. jirrimarka li r-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-moviment minħabba l-miżuri tal-COVID-19 xekklu l-attivitajiet tat-terroristi, iżda sfortunatament, xorta qed jinstabu modi biex iduru magħhom, u għalhekk għandu jitqies l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija, li joħloq riskju addizzjonali ta' radikalizzazzjoni u sitwazzjoni ta' kriżi, li tista' tintuża mit-terroristi biex ikompli jippromovu l-għanijiet u l-attivitajiet tagħhom ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾;

Antiċipazzjoni

Intelliġenza strateġika u valutazzjoni tat-theddid

6. jirrikonoxxi, fil-kuntest tan-natura transnazzjonali tan-networks terroristiċi, l-importanza vitali taċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (INTCEN tal-UE) għas-sigurtà interna tal-UE; jilqa' t-talba tal-Kummissjoni biex l-intelligence strateġika tiġi integrata aħjar u biex l-INTCEN tal-UE jkompli jiġi pprovdut kemm b'valutazzjonijiet ta' kwalità tat-theddid mis-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence nazzjonali kif ukoll bir-riżorsi meħtieġa;

⁽¹⁾ COM(2020) 795 final.

⁽²⁾ Artikoli 4, 67 u 72 tat-TFUE.

⁽³⁾ Europol (2020). European Union Terrorism Situation and Trend Report (TE-SAT) 2020 (Rapport tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT) 2020).

⁽⁴⁾ Europol (2020). Rapport tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT) 2020.

⁽⁵⁾ Id-Direttorat Eżekuttiv tal-Kumitat kontra t-Terroriżmu tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (2020). The impact of the COVID-19 pandemic on terrorism, counter-terrorism and countering violent extremism (L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-terroriżmu, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti).

It-tisħiħ tal-kapaċità ta' detezzjoni bikrija

7. jilqa', fil-kuntest tar-riċerka dwar is-sigurtà tal-UE, iż-żieda fil-kapaċità ta' detezzjoni bikrija ta' theddid terroristiku potenzjali, u jenfasizza l-importanza tal-interoperabilità għall-iskambju ta' informazzjoni;
8. jappoġġja, fil-kuntest tal-Programm Orizzont Ewropa, li r-riċerka ser tiġi integrata aktar fiċ-ċiklu tal-politika tas-sigurtà, li jippermetti li l-Europol tkun tista' tgħin tidentifika temi ewlenin ta' riċerka, kif ukoll tfassal u timplimenta l-programmi qafas tal-UE rilevanti;

Biex nibqgħu fuq quddiem: ir-rwol tat-teknoloġiji l-ġodda

9. jirrikonxxi l-opportunitajiet ta' teknoloġiji innovattivi ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali u d-droni biex jidentifikaw b'mod proattiv it-theddud terroristiku u jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ispazji pubbliċi; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tiffinanzja proġetti sabiex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda permezz tal-Aġenda Urbana tal-UE⁽⁶⁾, u jappella biex jiġu skambjati l-aħjar prattiki bejn il-gvernijiet, l-industrija u l-esperti;
10. jirrimarka li teknoloġiji ġodda qed joħlqu wkoll theddid ġdid, u jilqa', fost affarijiet oħra, il-pjani tal-Kummissjoni biex tiskopri, tintraċċa u tidentifika aħjar drones potenzjalment malizzjużi;
11. jenfasizza li fiċ-ċirkostanzi kollha, iżda b'mod partikolari fil-każ tat-teknoloġiji ġodda, hemm bżonn li jinstab bilanċ bejn, minn naħa, id-dritt għas-sigurtà u l-integrità fiżika u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali l-oħra; f'dan ir-rigward jeħtieġ li tiġi inkluża sistema ta' kontrolli, u tingħata prijorità lill-proporzjonalità u s-sorveljanza gudiżzarja indipendenti;

Prevenzjoni*Il-ġlieda kontra l-ideoloġiji estremisti online*

12. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tappoġġja t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Protokoll tal-UE dwar il-Kriżijiet bil-għan li jiġi indirizzat it-tixrid virali ta' kontenut terroristiku online, f'kooperazzjoni mal-Europol, li l-unità kompetenti tagħha għandha tissaħħaħ f'termini ta' riżorsi u kapaċità;
13. jieħu nota tal-impenn tal-Kummissjoni li testendi l-lista ta' reati fil-livell tal-UE⁽⁷⁾ għar-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, kif ukoll tal-proposta tagħha għal Att dwar is-Servizzi Diġitali⁽⁸⁾; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jitqiesu l-oqsfa legali fl-Istati Membri u jindika li għandhom dejjem jitqiesu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali kollha, inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni;
14. jenfasizza l-importanza tat-tixrid ta' narrattivi u kontronarrattivi alternattivi fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, it-terroriżmu u d-diżinformazzjoni, u jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tappoġġja lill-Istati Membri biex jiżviluppaw din il-komunikazzjoni strateġika;

L-appoġġ lill-atturi lokali għal komunitajiet aktar reżiljenti

15. jenfasizza l-impenn tiegħu li jkompli jkollu rwol attiv fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, u jilqa' l-appoġġ tal-Kummissjoni għan-Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni⁽⁹⁾ u l-inizjattiva "Bliet tal-UE kontra r-Radikalizzazzjoni"⁽¹⁰⁾;
16. jenfasizza, b'mod partikolari fir-rigward tal-identifikazzjoni bikrija tar-radikalizzazzjoni, l-importanza ta' approċċ multidixxiplinari f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili; jindika l-aħjar prattiki, bħall-unitajiet lokali ta' sigurtà integrata, fejn l-amministrazzjonijiet lokali, il-pulizija, l-assistenti soċjali, l-organizzazzjonijiet ta' prevenzjoni, is-servizzi tal-edukazzjoni (mhux formali), il-konsulenti reliġjużi, eċċ., jingħaqdu biex jitnieda approċċ skont il-każ fir-rigward ta' persuni radikalizzati⁽¹¹⁾; f'dan ir-rigward ifakkar fil-prinċipju kruċjali tas-segretezza professjonali kondiviża, jitlob li jkun hemm skambju ta' prattiki tajba f'dan il-qasam u jenfasizza li għandhom jiġu kkunsidrati r-regoli tal-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni tal-ħajja privata;

⁽⁶⁾ <https://futurium.ec.europa.eu/en/urban-agenda/security-public-spaces>

⁽⁷⁾ Artikolu 83(1) tat-TFUE.

⁽⁸⁾ COM(2020) 825 final.

⁽⁹⁾ https://ec.europa.eu/home-affairs/networks/radicalisation-awareness-network-ran_en (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁰⁾ https://ec.europa.eu/home-affairs/policies/internal-security/counter-terrorism-and-radicalisation_en (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹¹⁾ https://preventie-radicalisering-polarisering.vlaanderen.be/sites/preventie-radicalisering-polarisering/files/leidraad_livc.pdf

17. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-aktar ikkonfrontati direttament bl-oppportunitajiet u l-isfidi tal-integrazzjoni u b'mod partikolari f'dak il-livell, jistenna appoġġ mill-Kummissjoni biex tissalvagwardja u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali, inkluż permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni⁽¹²⁾;

Ħabsijiet, riabilitazzjoni u riintegrazzjoni

18. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tiffoka aktar fuq il-kwistjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet permezz tad-deradikalizzazzjoni, ir-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni ta' prigionieri radikalizzati; jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ komprensiv biex il-persunal tal-ħabs, il-ħaddiema soċjali, il-konsulenti reliġjużi eċċ. jirċievu taħriġ speċjalizzat dwar kif għandhom jaġixxu mal-prigionieri radikalizzati u biex il-mentoring ta' persuni radikalizzati ma jieqafx wara d-detenzjoni jew id-deradikalizzazzjoni tagħhom, u jindika l-importanza tal-iskambju tal-aħjar Prattiki;

Il-konsolidazzjoni tal-għarfien u l-appoġġ

19. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' networks nazzjonali ta' atturi rilevanti; jistenna bil-ħerqa l-proposti biex jiġi stabbilit Ċentru ta' Għarfien tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li, minbarra l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-għarfien espert, għandu jippromovi l-aħjar użu tal-oppportunitajiet ta' finanzjament f'diversi programmi tal-UE; jinnota l-livell għoli ta' għarfien u għarfien espert li diġà għandhom bħalissa l-awtoritajiet lokali u reġjonali⁽¹³⁾, u jistieden lill-korpi kompetenti tal-infurzar tal-liġi reġjonali u s-servizzi ta' intelligence tagħhom jikkontribwixxu kemm għall-iżvilupp ta' networks nazzjonali ta' partijiet interessati rilevanti kif ukoll taċ-Ċentru ta' Għarfien tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni;

20. jenfasizza wkoll l-importanza tal-Fond għas-Sigurtà Interna fil-ġlieda Ewropea kontra t-terroriżmu u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li s-sehem tal-fondi ġestiti mill-Istati Membri jilħaq lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali kompetenti kollha f'dan il-qasam;

Protezzjoni

Il-protezzjoni tan-nies fl-ispazji pubbliċi

21. jenfasizza l-vulnerabilità tal-ispazji pubbliċi għall-attakki terroristiċi u jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li ssaħħaħ aktar il-prinċipju tas-"sigurtà sa mit-tfassil". Il-KtR jistenna bil-ħerqa l-"ktieb arkitettoniku virtwali" tal-Kummissjoni biex jiġu inkorporati aspetti tas-sigurtà fid-diżinn ta' spazji pubbliċi futuri u fir-rinnovazzjoni ta' dawk eżistenti, u jindika l-bilanċ li għandu jintlaħaq bejn is-sigurtà tal-ispazji pubbliċi u l-ftuħ, l-abitabilità u l-aċċessibilità ta' dawn l-ispazji;

22. jirrikonoxxi l-valur simboliku għoli tal-postijiet ta' qima, li spiss jagħmluhom il-mira tat-terroristi, u jistenna bil-ħerqa l-proġetti li l-Kummissjoni biħsiebha tappoġġja f'kooperazzjoni mal-Istati Membri biex tissaħħaħ il-protezzjoni fiżika tagħhom u li hawnhekk ukoll iridu jsibu bilanċ fir-rigward tal-ftuħ, l-abitabilità u l-aċċessibilità;

Il-bliet bħala s-sinsla tas-sigurtà pubblika

23. jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni rigward l-impenn tal-UE dwar is-sigurtà u r-reżiljenza urbana kif ukoll l-inizjattiva l-ġdida "Bliet kontra r-Radikalizzazzjoni u t-Terroriżmu"; jitlob li l-ħidma sseħħ permezz tal-prinċipju ta' punt uniku ta' servizz biex jiġi żgurat punt uniku ta' kuntatt;

24. jistieden lill-Kummissjoni tinkludi lill-Kumitat tar-Reġjuni bħala msieħeb sħiħ fl-impenn tal-UE dwar is-sigurtà u r-reżiljenza urbana u biex dejjem jiġi kkonsultat fil-proposti rilevanti;

25. jenfasizza li l-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE jistgħu jintużaw ukoll għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u għat-titjib tal-infrastruttura pubblika permezz ta' investimenti mmirati lejn il-koeżjoni soċjali, l-integrazzjoni u r-reżiljenza;

⁽¹²⁾ COM(2020) 758 final.

⁽¹³⁾ Parlament Fjamming (2015). Dokument 366 (2014-2015) – Nru 3 u l-Gvern Fjamming (2017). Pjan ta' Azzjoni Fjamming għall-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni Vjolenti u l-Polarizzazzjoni.

Nagħmlu l-infrastruttura kritika aktar reżiljenti

26. jenfasizza r-riskju maħluq mill-infrastruttura kritika bħala mira terroristika kif ukoll l-importanza li inċidenti ċibernetiċi jiġu rrapportati fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni⁽¹⁴⁾; jistenna bil-ħerqa l-proposti tal-Kummissjoni biex tiżdied ir-reżiljenza tal-operaturi u tissaħħa is-sigurtà kontra r-riskji fiżiċi u diġitali;

27. jilqa' l-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta għal Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi⁽¹⁵⁾ ġie estiż b'mod sinifikanti biex jinkludi l-enerġija, it-trasport, is-saħħa, l-ilma tax-xorb, l-ilma mormi, l-infrastrutturi diġitali, l-amministrazzjoni pubblika u l-ispażju. Itenni⁽¹⁶⁾ t-talba tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea biex fil-futur tikkunsidra l-possibbiltà li żżid is-setturi li għandhom jiġu koperti mid-Direttiva, billi tinkludi wkoll is-settur tal-ktajjen tad-distribuzzjoni tal-oġġetti essenzjali;

Is-sigurtà tal-fruntieri

28. ifakkar li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE għandu jkun marbut b'mod inseparabbli mal-kontroll xieraq tal-fruntieri esterni; jaqbel mal-Kummissjoni li jeħtieġ li jsir aktar biex tinkiseb sistema effettiva ta' ġestjoni tal-fruntieri bil-għan li jiġu kkontrollati b'mod sistematiku l-vjaġġaturi kollha fil-fruntieri esterni sabiex daww issuspettati b'terroriżmu jiġu identifikati u jiċċaħdu milli jidhru fl-UE. Il-KtR jistenna bil-ħerqa l-proposti tal-Kummissjoni għal Strateġija ġdida ta' Schengen;

29. jirrikonoxxi l-ħtieġa li tinkiseb l-interoperabilità tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)⁽¹⁷⁾, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)⁽¹⁸⁾ u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiż terz u persuni mingħajr Stat (ECRIS-TCN)⁽¹⁹⁾ u li dawn jiġu implimentati b'mod sħiħ u rapidu;

30. jirrikonoxxi, fil-kuntest tar-Regolamenti l-ġodda dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)⁽²⁰⁾, il-ħtieġa li tiġi implimentata s-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) u li fis-SIS tiġi inkluzja informazzjoni dwar għlieda terroristi barranin ipprovduta minn pajjiżi terzi fdati;

Le-ċaħda tat-terroristi mill-mezzi ta' attakk

31. jirrikonoxxi t-theddida kkawżata minn splussivi magħmula d-dar u jappoġġja l-appell tal-Kummissjoni li l-leġiżlazzjoni dwar il-prekursuri tal-isplussivi⁽²¹⁾ tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ; jenfasizza l-importanza li din il-leġiżlazzjoni tiġi rieżaminata u aġġornata regolarment;

Rispons*Appoġġ operazzjonali: it-tisħiħ tal-Europol*

32. jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-Europol u taċ-Ċentru Ewropew tiegħu għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (ECTC) u jenfasizza l-ħtieġa għal riżorsi addizzjonali; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni⁽²²⁾ li ssaħħa il-mandat tal-Europol, biex ikun jista' jikkooopera b'mod effettiv ma' partijiet privati bil-għan li jappoġġja l-investigazzjonijiet kriminali nazzjonali dwar it-terroriżmu fl-ipproċessar u l-analiżi tal-big data, u juża l-għarfien espert tiegħu fir-riċerka u l-innovazzjoni;

Kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi

33. jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni transfruntiera u transsettorjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, jitlob kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi reġjonali u nazzjonali u l-Europol, u jenfasizza l-valur miżjud tat-taħriġ rilevanti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)⁽²³⁾; jistenna bil-ħerqa l-proposta tal-Kummissjoni għal kodiċi fil-livell tal-UE ta' kooperazzjoni tal-pulizija u jitlob li din tikkunsidra l-istruttura deċentralizzata ta' xi Stati Membri fir-rigward tas-sigurtà; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli tappoġġja u tissalvagwardja n-*Network Atlas* ta' unitajiet ta' intervent speċjali⁽²⁴⁾, u jappella li jiġu esplorati għażliet ta' akkomunament u kondivizzjoni;

⁽¹⁴⁾ Id-Direttiva (UE) 2016/1148.

⁽¹⁵⁾ COM(2020) 829 final

⁽¹⁶⁾ Opinjoni tal-KtR dwar Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, NAT-VII/017

⁽¹⁷⁾ <https://www.eulisa.europa.eu/Activities/Large-Scale-It-Systems/Sis-li>

⁽¹⁸⁾ <https://www.eulisa.europa.eu/Activities/Large-Scale-It-Systems/Etiias>

⁽¹⁹⁾ <https://www.eulisa.europa.eu/Activities/Large-Scale-It-Systems/Ecris-Tcn>

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1860, Regolament (UE) 2018/1861, Regolament (UE) 2018/1862.

⁽²¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1148.

⁽²²⁾ COM(2020) 796 final.

⁽²³⁾ <https://www.cepol.europa.eu/education-training/what-we-teach/counter-terrorism>

⁽²⁴⁾ Id-Deċiżjoni 2008/617/ĠAI.

It-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni

34. jirrikonoxxi l-ħtieġa għal koordinazzjoni, kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni aktar b'saħħithom bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-Istati Membri, il-pulizija, il-ġustizzja, is-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence, kif ukoll mal-aġenziji Ewropej rilevanti; jenfasizza l-aħjar prattiki bl-użu ta' task forces multidixxiplinari, gruppi ta' ħidma u unitajiet tas-sigurtà fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali⁽²⁵⁾; jistenna bil-ħerqa l-proposti tal-Kummissjoni għal mekkaniżmu effiċjenti ta' skambju ta' informazzjoni kontra t-terroriżmu, u jenfasizza l-importanza tad-diskrezzjoni u l-fiduċja reċiproka;

35. jirrikonoxxi l-ħtieġa għal skambju aħjar tal-profilu tad-DNA, il-marki tas-swaba' u tal-pala tal-id u d-data dwar ir-reġistri nazzjonali tal-vetturi bejn l-Istati Membri li jissodisfa l-ħtieġijiet operattivi tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u jirrispetta l-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data; jistenna bil-ħerqa l-proposti tal-Kummissjoni biex jiġu riveduti, aġġornati u estiżi d-Deċiżjonijiet ta' Prüm⁽²⁶⁾;

L-appoġġ ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjoni

36. jirrikonoxxi li minkejja li l-kriptaġġ tal-informazzjoni huwa għodda importanti għall-protezzjoni taċ-ċibersigurtà u tad-drittijiet fundamentali, dan jintuża ħażin mit-terroristi, u jistenna bil-ħerqa l-kooperazzjoni proposta mill-Kummissjoni mal-Istati Membri biex jiġu identifikati soluzzjonijiet għal aċċess legali għal din id-data f'konformità mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħna u l-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

37. jirrikonoxxi, fil-kuntest tal-identifikazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ġellieda terroristi barranin li jirritornaw, il-ħtieġa u l-komplessità tal-ġbir ta' evidenza u data mill-kamp tal-battalja; jistenna bil-ħerqa l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex jiġu appoġġjati l-Istati Membri f'dan ir-rigward, u jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex issaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi;

Appoġġ imsaħħaħ għall-vittmi tat-terroriżmu

38. jenfasizza l-impatt enormi tal-attakki terroristiċi fuq il-vittmi, u jirrimarka li l-appoġġ għall-vittmi għandu jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent, il-kommemorazzjoni, il-ġustizzja u t-tiftix tal-verità;

39. jenfasizza l-ħtieġa li l-vittmi jingħataw appoġġ, u jinnota l-prattika tajba ta' sistema ta' ġestjoni tal-każijiet b'mentors, li permezz tagħha l-vittmi jkun akkumpanjati individwalment fil-livell amministrattiv u emozzjonali;

40. jenfasizza l-valur miżjud tal-proġett pilota taċ-Ċentru ta' għarfien espert tal-UE għall-vittmi tat-terroriżmu⁽²⁷⁾ u jappella biex dan ikompli jiġi żviluppat u estiż lil hinn mill-2021 sabiex titwettaq aktar ħidma prattika fuq il-post; jappella għal kooperazzjoni b'saħħitha maċ-Ċentru ta' Għarfien futur tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, iżda dawn iż-żewġ Ċentri m'għandhomx jingħaqdu;

41. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tesplora modi kif ittejjeb l-aċċess tal-vittmi għall-kumpens, inkluż fir-rigward tal-vittmi tat-terroriżmu f'sitwazzjonijiet transfruntiera, li huma residenti ta' Stat Membru ieħor milli dak fejn seħħ l-attakk terroristiku; jappella li jiġu kkunsidrati sistemi bħal fond ta' garanzija għall-vittmi tat-terroriżmu.

Brussell, it-12 ta' Ottubru 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President

tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni

⁽²⁵⁾ https://www.besafe.be/sites/default/files/2019-06/planr_en.pdf

⁽²⁶⁾ Id-Deċiżjonijiet 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI.

⁽²⁷⁾ https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/criminal-justice/eu-centre-expertise-victims-terrorism_en (mhux disponibbli bil-Malti).

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet Ġeografiċi industrijali u tal-artiġjanat fl-Unjoni Ewropea

(2022/C 61/06)

Relatur: Martine PINVILLE (FR/PSE), membru tal-Kunsill Reġjonali ta' Nouvelle-Aquitaine

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. jilqa' t-tħabbira li għamlet il-Kummissjoni Ewropea, fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Proprietà Intellettwali tagħha ta' Novembru 2020, li tistudja l-possibbiltà li tinholq sistema ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi (IG) tal-UE għall-prodotti mhux agrikoli, u jfakkar li l-KtR kien diġà talab studju bħal dan fi Frar 2015 ⁽¹⁾;
2. itenni li l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jinkludi s-salvagwardja u l-iżvilupp tal-wirt kulturali Ewropew fost l-oġġetti li għandhom jiġu kkunsidrati fl-iżvilupp tas-suq intern, li l-Artikolu 118 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandu l-għan li jiżgura protezzjoni uniformi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fl-Unjoni fi ħdan is-suq intern u li l-Artikolu 169 tat-TFUE jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi (inkluża l-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-informazzjoni);
3. iqis it-terminu "indikazzjonijiet ġeografiċi industrijali u artiġjanali" (IGIA) aktar ċar u aktar speċifiku minn dak ta' IG għall-prodotti mhux agrikoli u se jiffavorixxi din il-formulazzjoni;
4. jilqa' l-appoġġ wiesa' ħafna għal inizzjattiva tal-UE li tistabbilixxi skema ta' protezzjoni għall-IGIA, kemm waqt il-konsultazzjoni pubblika dwar il-valutazzjoni tal-impatt inizjali miftuħa fi tmiem l-2020 mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fid-19 ta' Mejju 2021, qabel l-abbozzar ta' din l-Opinjoni. Jistieden, għalhekk, lill-membri u lill-partijiet ikkonċernati territorjali tiegħu jikkonfermaw dan l-appoġġ billi jipparteċipaw b'mod attiv fil-"konsultazzjoni pubblika dwar l-IG għal prodotti mhux agrikoli" li tnediet mill-Kummissjoni Ewropea fid-29 ta' April 2021 u hija miftuħa sat-22 ta' Lulju 2021 ⁽²⁾;
5. jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell Ewropew dwar il-kwistjoni tal-IGIA jirriżulta f'diversità ta' strumenti legali nazzjonali, u b'hekk idgħajef il-protezzjoni tal-prodotti u tal-intrapriżi;
6. jinnota li sal-lum, fil-livell tal-UE, hemm trattament legali distint skont in-natura tal-IG, peress li l-Unjoni Ewropea tirregola biss il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini (DO) u tal-IG għall-inbejjed, l-inbejjed aromatizzati, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli/oġġetti tal-ikel;
7. jissottolinja li d-WTO (il-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ — il-Ftehim TRIPS) kif ukoll l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-DO u l-IG, li l-UE ssieħbet fihom dan l-aħħar, ma jaġhmlux distinzjoni bejn l-IG skont it-tip ta' prodotti; iqis, barra minn hekk, li l-adeżjoni tal-UE għall-Att ta' Ġinevra tirrikjedi li l-UE tindirizza l-protezzjoni tal-IGIA;
8. jenfasizza li l-intrapriżi li jinvolvu ruħhom fi strateġiji u fi proċessi ta' IG huma l-aktar mikrointrapriżi u SMEs li għandhom l-għeruf fit-territorji, inkluż fiż-żoni rurali, li għandhom għarfien espert reali li ġej mill-istorja ta' dawn iż-żoni u li jiffurmaw raggruppamenti settorjali ġenwini; xi wħud minn dawn in-negozji saru mexxejja tas-suq globali, u huma partikolarment importanti għall-ekonomija Ewropea u biex tiżdied l-indipendenza tal-UE mis-swieq globali;

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KtR ECOS-V-064 COR-2014-05386-00-00-AC-TRA dwar *L-estensjoni tal-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika għal prodotti mhux agrikoli*.

⁽²⁾ https://ec.europa.eu/growth/content/commission-seeks-public-opinion-protection-industrial-designs-and-eu-wide-geographical_mt

9. jinnota li l-IĠ jissodisfaw ukoll il-bidla fid-domanda tal-konsumaturi lejn aktar traċċabbiltà u trasparenza dwar l-orijini tal-prodott u l-proċess tal-produzzjoni tiegħu, u ta' "prodott lokali", tendenza li komplet tiżdied minħabba l-kriżi tal-COVID-19;

10. iqis li l-isfidi tar-rikonoxximent tal-IĠIA huma parti mill-prijoritajiet tal-programmi Ewropej li qed jiġu żviluppati, fosthom dawk tal-istrateġija industrijali, tal-patt ekoloġiku u tar-reviżjoni tal-politika kummerċjali, jew saħansitra tal-futur taż-żoni rurali u tal-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra;

Il-ħtieġa ta' qafas Ewropew uniformi b'dimensjoni territorjali

11. iqis li sistema sui generis għall-protezzjoni tal-IĠIA tippermetti b'mod partikolari: it-tisħiħ tal-protezzjoni legali tal-prodotti b'IĠ, inkluż fuq l-Internet; l-iżvilupp ta' għodod li jgħinu fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-kompetizzjoni inġusta; il-ħolqien u ż-żamma ta' impjegji u ta' taħriġ f'territorju; trasparenza akbar għall-konsumaturi, u rikonoxximent ġenwin tal-għarfien, li f'ċerti każijiet ikun eċċezzjonali;

12. jirrikonoxxi li s-sistema tat-trademarks ma tipproteġix b'mod effettiv l-ismijiet tal-prodotti u twassal għal spejjeż sinifikanti għad-detenturi tagħhom;

13. huwa għalhekk favur l-estensjoni tal-protezzjoni tal-IĠ għal prodotti industrijali u artiġjanali fil-qafas ta' regolament Ewropew li jkollu bħala bażi legali l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 118 tat-TFUE. Regolament bħal dan ikun ibbażat fuq il-kompetenzi kondiviżi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri u jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha biex jikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, b'mod partikolari għaliex ikun jippermetti li jinħolqu l-kundizzjonijiet għal protezzjoni ekwivalenti u uniformi tal-IĠIA fis-suq intern kollu filwaqt li jevita distorsjonijiet tal-kompetizzjoni;

14. iqis li l-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej għandhom rikkezza kbira ta' prodotti industrijali u artiġjanali bbażata fuq għarfien li ħafna drabi jkun intiret mill-antenati, u li żvilupp u protezzjoni xierqa ta' dawn il-prodotti jistgħu jikkontribwixxu biex jinżamm il-valur miżjud u l-impjegji li mhumiex rilokabbli, speċjalment fiż-żoni rurali, u biex jiġi protett il-wirt lokali;

15. jenfasizza li t-tisħiħ tal-pożizzjonament tal-intrapriżi li kisbu rikonoxximent tal-IĠIA jippermetti li jiġu rilokati partijiet mill-katini tagħhom ta' produzzjoni, u b'hekk jipparteċipaw fl-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tat-territorji u jikkontribwixxu għal indipendenza akbar tal-UE mis-swieq globali;

16. jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-IĠ għall-prodotti agroalimentari wrew li l-IĠ wasslu wkoll għal żieda fid-dħul tal-produtturi, ħafna drabi f'żoni rurali jew periferiċi. L-istabbiliment ta' sistema Ewropea ta' IĠIA għandu jippermetti wkoll titjib bħal dan u effett siewi għall-koeżjoni territorjali; L-istudju ppubblikat fl-2020 mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-aspetti ekonomiċi tal-protezzjoni tal-IĠ għal prodotti mhux agrikoli^(*) jindika wkoll li l-IĠ itejbu l-kompetittività tal-produtturi billi jsaħħu l-viżibbiltà u r-reputazzjoni tal-prodotti, u r-rieda tal-konsumatur li jħallas għal prodotti li l-karatteristiċi u l-orijini tagħhom huma garantiti;

17. iżid, barra minn hekk, li dawn l-IĠIA jikkontribwixxu għall-istrutturar u d-diversifikazzjoni tal-offerta kulturali u turistika f'territorju sħiħ, pereżempju permezz tat-turiżmu industrijali, iċċentrata fuq il-kondiviżjoni tal-għarfien u ta' xogħol tal-idejn ta' eċċellenza;

18. jenfasizza r-rwol li jista' jkollhom u li diġà għandhom ċerti awtoritajiet lokali u reġjonali biex jappoġġjaw is-setturi, kemm fil-fażi ta' żvilupp tal-IĠIA (il-fażi tal-konsultazzjoni) kif ukoll fl-implimentazzjoni (żvilupp ta' għodod ta' komunikazzjoni, appoġġ għaċ-ċertifikazzjoni, pariri legali, eċċ.) u fil-promozzjoni.

Aspetti prattiċi marbuta mal-proċedura ta' reġistrazzjoni, mal-kontrolli u mal-protezzjoni tal-IĠIA

19. jissottolinja li fil-qafas ta' sistema komuni għall-IĠ kollha, ikun meħtieġ, kemm jista' jkun, li tintuża l-esperjenza tas-settur agrikolu u agroalimentari u li tingħata preferenza lil approċċ armonizzat bejn ir-reġimi differenti;

20. jirrakkomanda f'dan is-sens, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn iż-żewġ sistemi, li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni sod bejn is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea kkonċernati, b'mod partikolari matul il-fażi ta' eżami tal-fajls, sabiex jiġu evitati kunflitti possibbli marbuta mal-użu tal-ismijiet; Il-KtR jitlob ukoll li l-IĠIA jiġu integrati fir-reġistru Ewropew "GI view", li diġà jinkludi l-IĠ agrikoli;

(*) Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, Economic aspects of geographical indication protection at EU level for non-agricultural products in the EU (Aspetti ekonomiċi tal-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fil-livell tal-UE għal prodotti mhux agrikoli fl-UE) (mhux disponibbli bil-Malti), Studju mwettaq minn ECORYS, VVA u ConPolicy, 2020

21. itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-protezzjoni tal-IĠIA m'għandhiex tkun marbuta biż-żmien u li fi kwalunkwe każ għandha tipprevedi l-possibbiltà li l-protezzjoni tiġi kkanċellata taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li jirregolaw l-IĠ tal-prodotti agrikoli ⁽⁴⁾;
22. iqis li l-Istati Membri li diġà għandhom sistema ta' protezzjoni se jkunu jeħtieġu perjodu tranżitorju sabiex jippermettu l-adattament tal-IĠ diġà rreġistrati fil-livell nazzjonali u l-integrazzjoni tagħhom f'sistema Ewropea ġdida;
23. huwa tal-fehma li għandha tiġi prevista sistema ta' koordinazzjoni jew rikonossiment li tagħmilha possibbli li jiġu protetti prodotti li diġà jibbenefikaw minn denominazzjoni ta' oriġini f'ċerti Stati Membri;
24. iqis li huwa essenzjali l-użu ta' logo Ewropew obbligatorju sabiex il-konsumaturi jew il-klijenti jirrikonossu/jidentifikaw dawn il-prodotti;
25. jitlob li jiġi applikat il-mudell agrikolu tal-proċedura ta' reġistrazzjoni f'żewġ stadji għall-IĠIA: l-ewwel dik nazzjonali jew reġjonali skont l-organizzazzjoni interna tal-Istat, imbagħad dik Ewropea;
26. jirrakkomanda li l-proċedura ta' reġistrazzjoni tkun limitata fiż-żmien u tkun ġestita mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, sakemm dan ikollu s-setgħa li jagħmel dan;
27. jinnota li r-rabta bejn iż-żona ġeografika u l-prodott hija fundamentali u aspekk partikolari ta' dan hija l-importanza ewlenija tal-fattur uman u tal-għarfien għall-IĠIA. F'xi territorji, il-materja prima spiċċat jew m'għadhiex adattata, iżda dan ma żammx lill-intrapriżi u l-għarfien esperti milli jippersistu, jew saħansitra milli jiżviluppaw biex jipproduċu prodotti ta' kwalità għolja;
28. huwa tal-fehma li l-ispeċifikazzjonijiet tal-IĠIA għandhom ikunu trasparenti u kredibbli sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-konsumaturi. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jindikaw l-istadji tal-produzzjoni, il-lokalizzazzjoni tagħhom, saħansitra l-verifika tagħhom u elementi relatati mal-konformità mal-SDGs;
29. jagħti attenzjoni partikolari lill-kwistjoni tal-innovazzjoni u tar-riċerka, li m'għandhiex tiġi ostakolata mill-ispeċifikazzjonijiet. Fil-fatt, ħafna intrapriżi jinnovaw (approċċ globali, disinn, oriġini ta' materja prima, innovazzjoni soċjali, użu ta' materjal b'bażi bijoloġika jew riċiklata, użu ta' teknoloġiji, privattivi), u b'hekk joħlqu dinamika territorjali u jżommu komunità umana u professjonali madwar il-prodotti kkonċernati;
30. iqis li billi l-IĠ hija garanzija uffiċjali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kontrolli affidabbli tal-operaturi kkonċernati sabiex tiġi garantita l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet mill-manifatturi kif ukoll is-sikurezza u l-fiduċja tal-konsumaturi;
31. jirrakkomanda li għal dan il-għan tingħata prijorità liċ-ċertifikazzjoni, li jagħmilha possibbli li jiġi ggarantit kontroll estern u indipendenti bi spejjeż aċċettabbli;
32. jirrakkomanda li jiġi stabbilit l-istess livell ta' protezzjoni bħal tal-IĠ agrikoli, u b'mod partikolari l-intervent tal-Istati Membri permezz ta' miżuri amministrattivi jew ġudizzjarji xierqa biex jipprevjenu jew iwaqqfu l-użu illegali tal-IĠIA;
33. jissottolinja li r-regoli dwar il-protezzjoni tal-IĠIA għandhom jinkludu l-protezzjoni fuq l-Internet;
34. iqis li l-gruppi detenturi tal-IĠ huma pilastru tal-IĠIA, peress li jiżguraw ir-rikonossiment tal-IĠ kif ukoll il-ġestjoni tagħhom ta' kuljum; ir-rwol tagħhom fil-monitoraġġ, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-IĠ għandu jkun wieħed b'saħħtu;
35. itenni l-pożizzjoni tiegħu li, f'każijiet speċifiċi u ġġustifikati, ikun raġonevoli li jiġi previst li r-reġistrazzjoni ta' IĠ tingħata lil struttura waħda, dment li l-aċċess għall-IĠ jitħalla miftuħ għal kwalunkwe produttur ġdid li josserva r-regoli tal-IĠ ⁽⁵⁾;
36. iqis li l-ispejjeż marbuta mal-proċedura tal-applikazzjoni u tar-reġistrazzjoni m'għandhomx ikunu dissważivi għall-produtturi u għandhom jieħdu l-forma ta' kontribuzzjoni unika ta' darba bħal tariffa għar-reġistrazzjoni. Min-naħa tagħhom, l-ispejjeż li għandhom jitħallsu mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti fil-livell nazzjonali għandhom ikunu limitati għall-istruzzjoni, il-promozzjoni u, fejn xieraq, għas-superviżjoni tal-kontrolli kif ukoll għall-applikazzjoni tal-miżuri amministrattivi jew ġudizzjarji biex jitwaqqaf l-użu illegali ta' IĠIA;

⁽⁴⁾ Ibid.

⁽⁵⁾ Ibid.

Aspetti marbuta mal-kummerċ u mal-kompetizzjoni

37. jissottolinja li l-prodotti li jistgħu jingħataw IG ikunu preżenti fi ktajjen differenti ta' kummerċjalizzazzjoni, bħall-ktajjen tal-provvista qosra, l-Internet jew il-ktajjen professjonali bħal-lukandi. Il-protezzjoni li tipprovdli l-IG tippermetti l-iżvilupp ta' dawn is-swieq, pereżempju billi tintegra dawn il-gruppi ta' prodotti fil-kampanji ta' promozzjoni reġjonali u/jew nazzjonali, jew fil-qafas tal-promozzjoni tat-turiżmu industrijali;

38. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, sabiex tippromovi akkwist pubbliku sostenibbli, biex tiċċara sa fejn huwa possibbli li jsir l-użu ta' IGIA fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku skont il-kriterji ambjentali, u objettivi bħall-ktajjen qosra u l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni;

39. ifakkar li ħafna prodotti tal-IGIA huma esportati u jeħtieġu protezzjoni fl-Ewropa u lil hinn minnha. Fin-nuqqas ta' protezzjoni usa', l-istrateġiji kollettivi ta' IG u l-intrapriżi involuti ma jistgħux ikunu kompletament effettivi, u dan iwassal għal protezzjoni dgħajfa tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali taġġhom u għall-kontinwazzjoni ta' atti ta' falsifikazzjoni u kompetizzjoni inġusta li jdgħajfu lill-impriżi li spiss ikunu jinsabu f'żoni rurali; din il-protezzjoni għandha tiġi estiża biex tkopri prodotti importati ta' oriġini mhux tal-UE kkummerċjalizzati fl-UE;

40. jissottolinja fl-aħħar nett li regolament Ewropew għall-IGIA jippermetti li dawn jiġu inklużi fil-lista ta' prodotti koperti mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE mal-pajjiżi terzi u b'hekk jiżgura l-protezzjoni taġġhom fi swieq ewlenin;

41. għalhekk jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tfassal proposta korrispondenti għal regolament li jipproteġi l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti industrijali u artiġjanali mill-Unjoni Ewropea u tippreżentaha għall-konsultazzjoni u d-deliberazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tqis il-kunsiderazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti f'din l-Opinjoni u twieġhed l-involvement attiv u l-appoġġ taġġha stess.

Brussell, it-13 ta' Ottubru 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President

tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Opinjoni tal-Kummissjoni għar-Riżorsi Naturali — Aġenda tal-Konsumatur ġdida li ssaħħa ir-reżiljenza tal-konsumatur għall-irkupru sostenibbli

(2022/C 61/07)

Relatur: Alexia BERTRAND (BE/Renew Europe), Membru ta' Assemblée Reġjonali: Parlament tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. ifakkar fl-importanza tal-politika Ewropea tal-konsumatur, li għandha l-għan li tiggarrantixxi liċ-ċittadini tal-UE bażi soda ta' drittijiet li jipproteġuhom minn riskji u theddid serji li ma jkunux jistgħu jiffaċċjaw waħedhom, li għandha l-għan li tawtonomizza lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet infurmati, li ttejjeb il-benesseri tagħhom u tiproteġi b'mod effettiv is-sikurezza tagħhom kif ukoll l-interessi ekonomiċi tagħhom, u li tiggarrantixxi d-disponibbiltà ta' mekkaniżmi ta' kontroll u rimedji biex dawn id-drittijiet ikunu effettivi;
2. jissottolinja li l-protezzjoni tal-konsumatur fil-livell Ewropew għandha tikkontribwixxi wkoll għall-istimolu tal-irkupru ekonomiku fl-Ewropa filwaqt li jiġi implimentat il-mudell ta' ekonomija ċirkolari u jitnaqqsu l-impatti fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem;
3. jilqa' l-pubblikazzjoni mistennija ta' Aġenda tal-Konsumatur ġdida li tanalizza l-mezzi kif jistgħu jiżdedu l-protezzjoni u r-reżiljenza tal-konsumaturi matul u wara l-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li l-konsumaturi Ewropej jiġu awtonomizzati biex jaqdu rwol attiv fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;
4. jenfasisza l-hteġa li jiġu żviluppati l-protezzjoni tal-konsumatur u l-istrumenti ta' implimentazzjoni tagħha sabiex jitqiesu bl-aħjar mod il-kwistjonijiet ewlenin li qed tiffaċċja l-ekonomija Ewropea, bħall-kriżi marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, it-tranżizzjoni ekoloġika, it-trasformazzjoni diġitali, il-globalizzazzjoni u t-tfiġġija ta' ħtiġijiet speċifiċi għal ċerti konsumaturi vulnerabbli;
5. jenfasisza l-hteġa li l-approċċ "one-in one-out" introdott fil-Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar ma jiġix applikat b'mod mekkaniku, sabiex jinżammu standards għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur;
6. jilqa' l-fatt li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tkopri l-kwistjoni tal-politika Ewropea tal-konsumatur;

Il-protezzjoni tal-konsumatur fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19

7. jenfasisza bil-qawwa l-hteġa li jinżammu u jiġu infurzati b'mod vigoruż id-drittijiet tal-konsumaturi u l-acquis communautaire rilevanti matul il-perjodu ta' kriżi, speċjalment sabiex ma jiddgħajfux u biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jeżerċitawhom għal protezzjoni legali adegwata;
8. jilqa' l-adozzjoni fil-Parlament Ewropew fis-27 ta' April 2021 tar-Regolament dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni) li jikkonferma d-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumaturi tas-servizzi ferrovjarji, b'mod partikolari r-riprogrammar tar-rotta, l-approġġ f'każ ta' dewmien u kanċellazzjonijiet, u t-titjib tal-assistenza lil persuni b'mobbiltà mnaqqa. Dan it-tisħiħ tad-drittijiet tal-passiġġieri x'aktarx jinkoraġġixxi l-bidla modali tal-konsumaturi lejn dan il-mezz ta' trasport aktar sostenibbli u l-interoperabbiltà mal-modi ta' mobbiltà mhux motorizzata, bl-obbligu għall-operaturi li jallokaw spazju riservat għar-roti fuq il-ferroviji;
9. jirrakkomanda li titqies l-estensjoni tal-protezzjoni tal-konsumatur għal oqsma oħra fir-rigward tal-kanċellazzjonijiet f'setturi bħall-kultura u l-avvenimenti;
10. jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti differenti biex ikomplu jiġġieldu kontra scams mmirati lejn il-konsumaturi, b'kollaborazzjoni man-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u f'konsultazzjoni mal-pjattaformi online, mal-fornituri intermedjarji tas-servizzi, u mal-atturi kkonċernati rilevanti;
11. jissottolinja l-hteġa li jitqiesu t-tagħlimiet mill-ġestjoni ta' din il-kriżi b'rabta mad-definizzjoni ta' standards ta' prodotti, ta' proċessi, ta' servizzi u ta' standards ta' kwalità sabiex ikollna standards li jistgħu jiġu mmobilizzati malajr mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-intrapriżi bl-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi, tal-oġġetti u tas-servizzi;

12. jenfasizza t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 u l-importanza li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fi żminijiet ta' kriżi; f'dan ir-rigward, jirrakkomanda wkoll li jitwettqu r-reviżjonijiet regolatorji meħtieġa sabiex jiġu definiti l-konsegwenzi ta' ċirkostanzi ta' eċċezzjoni fil-kuntratti tal-konsumatur qabel ma tinqala' s-sitwazzjoni (il-klawżola rebus sic stantibus). Dan l-approċċ li jqijs il-prinċipji tal-antiċipazzjoni u l-previżjoni se jsaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur;
13. jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tanalizza l-impatt fit-tul tal-kriżi tal-COVID-19 fuq ix-xejriet ta' konsum tal-Ewropej, u tibni fuq din l-analiżi biex tiżviluppa l-inizjattivi ta' politika Ewropej futuri f'dan il-qasam;
14. jappoġġja, f'dan il-kuntest, l-inizjattivi ta' appoġġ għall-kummerċ lokali, inklużi il-produtturi żgħar lokali, u ta' promozzjoni tas-snaġja;
15. jenfasizza, barra minn hekk, li l-liġi tal-konsumatur, permezz ta' informazzjoni aktar ċara u komprensiva, tista' tinkoraġġixxi t-tisħiħ ta' ktajjen tal-provvista qosra għall-produzzjoni agrikola u alimentari, u b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mat-trasport; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-importanza tal-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-politiki tal-protezzjoni tal-konsumatur;
16. jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-politiki mmirati biex inaqqsu d-distakk diġitali, kemm f'dak li jikkonċerna t-tagħmir, il-kopertura territorjali, kif ukoll il-ħiliet neċessarji;

It-tranzizzjoni ekoloġika

17. ifakkar li l-konsum sostenibbli huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku;
18. jisħaq li l-konsumaturi tal-UE għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni ekoloġika u li għalhekk għandhom ikunu infurmati u awtonomizzati biex jagħmlu għażliet infurmati fuq il-bażi ta' informazzjoni komparabbli, trasparenti u ċara skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni Ewropea għall-impronta ambjentali, inkluża informazzjoni dwar is-sostenibbiltà u l-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti kif ukoll l-impronti soċjali u ambjentali tagħhom; din l-informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq data affidabbli u fuq ir-riċerka dwar il-konsum. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fil-proċess ta' tixrid tal-informazzjoni;
19. jisħaq fuq il-fatt li huwa essenzjali li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażla abbażi tas-sostenibbiltà tal-prodotti, filwaqt li fl-istess ħin il-produtturi jingħataw inċentivi biex itawlu l-ħajja tal-prodotti tagħhom, u jisħaq ukoll fuq il-bżonn ta' leġiżlazzjoni Ewropea li timmulta l-obsolexxenza pprogrammata u li tippremja l-lonġevità tal-produzzjoni industrijali u teknoloġika;
20. jirrimarka li t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika tista' tirnexxi biss jekk id-domanda għal prodotti u servizzi sostenibbli ma tkunx limitata għal gruppi speċifiċi ta' konsumaturi u, f'dan ir-rigward, jenfasizza li sabiex jintlaħqu l-oġġettivi għandu jiġi żgurat l-aċċess għal prodotti u servizzi sostenibbli għall-konsumaturi kollha, irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom;
21. jirrakkomanda li jiġi żviluppat approċċ olistiku għall-informazzjoni lill-konsumatur, billi, jekk huwa possibbli, jiġu żviluppati tikketi, filwaqt li jitqiesu l-aspetti tas-sostenibbiltà, tas-saħħa, tar-rispett għall-ambjent, tal-orijini tal-prodott b'enfasi partikolari dwar l-orijini tiegħu fl-UE jew f'pajjiż terz, u tal-kummerċ ġust; jenfasizza wkoll li huwa utli li l-aspetti soċjali u ambjentali jiġu integrati dejjem aktar fl-akkwist pubbliku permezz ta' sett ta' miżuri, inkluża d-definizzjoni ta' kriterji ambjentali minimi fil-leġiżlazzjoni settorjali, kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni ġdid għal Ekonomija Ċirkolari;
22. jemmen li huwa importanti li l-istandards tal-prodotti jqijsu l-kwistjonijiet tas-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità u, f'dan ir-rigward, jissottolinja li l-istituzzjonijiet tal-UE responsabbli mill-istandardizzazzjoni għandhom rwol importanti f'dan il-qasam, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' standards li jippermettu li jiġi ddefinit x'inhu prodott "ekoloġiku" jew "sostenibbli";
23. jissottolinja l-importanza li tittejjeb u tiġi garantita l-interoperabbiltà bejn it-tagħmir;
24. jirrakkomanda li l-analiżi tal-possibbiltà tal-estensjoni tal-perjodu legali tal-garanzija għall-oġġetti tal-konsum tingħaqad ma' informazzjoni mtejbja lill-konsumatur dwar il-ħajja mistennija tal-prodotti;
25. jirrakkomanda li jiġi studjat jekk ikunx jaqbel li tiġi implimentata sistema li teżiġi awtorizzazzjoni minn qabel għall-asserzjonijiet ambjentali u l-ekotikketti fuq il-mudell tas-sistema applikabbli għas-saħħa;

26. jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ewwel nett il-prodotti jintużaw mill-ġdid jew jissewwew, minflok jintremew, dment li dan ma jwassalx għat-telf tad-drittijiet tal-konsumatur u li l-użu jew it-tiswija ma jkollhomx l-effett li jipproduċu prodotti ta' kwalità inferjuri;
27. jenfasizza li huwa meħtieġ li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-ispere parts, u li jiġi żgurat li l-prodotti jkunu jistgħu jissewwew u li l-konsumatur ma jevitax it-tiswija minħabba l-ispejjeż involuti, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-konsumaturi fir-rigward tal-konformità u s-sigurtà tal-prodotti; jirrakkomanda li l-Kummissjoni teżamina l-miżuri li għandhom jittieħdu biex dan ikun possibbli;
28. jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni teżamina, fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Bejgħ tal-Oġġetti, kif għandha tkompli tippromovi t-tiswija u tinkoraġġixxi prodotti "ċirkolari" u aktar sostenibbli filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-konsumaturi u l-bilanċ ekonomiku bejn il-konsumatur u l-intraprenditur;
29. jissottolinja l-importanza tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'dan il-qasam u b'hekk il-ħtieġa li jiġu promossi tendenzi u mġiba ta' konsum ġodda fil-livelli lokali u reġjonali, bħall-ekonomija ta' kondiviżjoni;
30. jirrakkomanda li jiġu appoġġjati l-mudelli kummerċjali li jippermettu x-xiri ta' servizz minflok oġġetti, billi jiġu inkoraġġuti t-tiswijiet u l-azzjonijiet minn organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali kif ukoll is-swieq tal-oġġetti użati;
31. jisħaq fuq il-ħtieġa għal inventarju ta' prattiki lokali tajbin relatati mat-tiswija u l-ekonomija ċirkolari;
32. jissottolinja l-importanza li l-firxa ta' miżuri lokali fir-rigward tal-konsum tiġi estiża għall-ekonomija tas-servizzi, pereżempju fil-qasam tar-rinnovazzjoni tal-bini u tal-adattament tal-akkomodazzjoni tal-konsumaturi għal soċjetà aktar ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari billi jissaħħu l-għodod ta' informazzjoni maħsuba għall-konsumaturi;
33. jappoġġja l-inizjattivi ta' appoġġ lill-kummerċ lokali bl-għan li jittejbu l-pożizzjoni tal-konsumaturi fis-suq, il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tas-sinjura;
34. jissottolinja r-rwol li jista' jkollhom l-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-qasam tal-informazzjoni u l-edukazzjoni lill-konsumaturi;
35. jissottolinja l-importanza ta' soluzzjonijiet effettivi, li jistgħu jiġu mifhuma u implimentati faċilment mill-konsumaturi;
36. jappoġġja lill-Kummissjoni fir-rieda tagħha li tikkoopera mal-operaturi ekonomiċi biex thegħiġhom jimpenjaw ruħhom b'mod volontarju għal azzjonijiet li jippromovu l-konsum sostenibbli li jmorru lil hinn mill-obbligi legali;
37. jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi estiża d-Direttiva dwar l-Ekodisinn sabiex tinkludi prodotti relatati mal-enerġija, iżda wkoll li tiġi estiża għal firxa usa' ta' prodotti li għandhom impatt kbir fuq l-ambjent u li jiġu previsti miżuri għall-prevenzjoni tal-produzzjoni tal-iskart;
38. jappoġġja bis-saħħa l-pubblikazzjoni tal-inizjattiva dwar il-prodotti sostenibbli li għandha l-għan li tagħmel dawn tal-aħħar in-norma, u li tiġġieled kontra l-obsolenzja qabel iż-żmien u tippromovi s-sostenibbiltà;
39. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jorjentaw l-inċentivi finanzjarji previsti fil-pjan ta' rkupru tal-UE b'tali mod li jigarantixxu progress ekonomiku, soċjali u ambjentali fit-tul, filwaqt li jnaqqsu l-użu tar-riżorsi, jevitaw u jeliminaw is-sustanzi perikolużi u jtejbu l-ċirkolarità tal-materjali u tas-sistemi;
40. jissottolinja mill-ġdid il-ħtieġa urġenti li tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn mudell ta' tkabbir riġenerattiv, li l-konsum tar-riżorsi jinżamm fil-limiti tal-pjaneta u li titnaqqas l-impronta ambjentali tagħna. Għalhekk huwa essenzjali li t-tkabbir jiġi diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi, li jsir żvilupp lejn soċjetà ċirkolari reali u li jkun hemm kooperazzjoni fil-livelli kollha ta' governanza u tas-soċjetà;
41. jissottolinja l-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-SMEs, u l-produtturi żgħar lokali fit-tranżizzjoni ekoloġika, mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv fuqhom. Il-fondi Ewropej huma essenzjali biex jiġu żgurati dawn it-tranżizzjonijiet. Jenfasizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fl-għoti ta' informazzjoni dwar il-fondi tal-UE disponibbli f'dan ir-rigward;

It-trasformazzjoni diġitali

42. ifakkar li t-trasformazzjoni diġitali tibdel l-ħajja tal-konsumaturi b'mod radikali. Din toffrilhom possibbiltajiet enormi, iżda għib magħha wkoll diffikultajiet ġodda. Ikun jaqbel, f'dan il-kuntest, li jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali inġusti online. Il-protezzjoni tal-konsumaturi għandha tissaħħaħ fil-proċess meta jiġu stabbiliti r-regoli li jirregolaw l-ekonomija diġitali u l-ħtiġijiet relatati mal-intelliġenza artifiċjali, mal-internet tal-oġġetti u mar-robotika. F'dan ir-rigward, jieħu nota tal-proposta innovattiva tal-Kummissjoni Ewropea fir-Regolament tagħha li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u fil-Komunikazzjoni tagħha "It-trawwim ta' approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali", li ser ikunu s-suġġett ta' Opinjoni separata tal-KtR;

43. jissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu l-azzjonijiet biex il-konsumaturi jiġu protetti mill-prattiki kummerċjali inġusti fuq l-internet. Għandhom jiġu żviluppati b'mod speċjali għodod ġodda regolatorji jew ta' sorveljanza tas-suq sabiex il-konsumaturi jkunu protetti mill-prattiki l-ġodda li jirriżultaw mill-iżviluppi fl-intelliġenza artifiċjali u mill-użu tal-algoritmi (prattiki ta' offerti mmirati fir-rigward tal-prezzijiet jew il-prodotti jew is-servizzi mwettqa permezz tat-tfassil tal-profilu tal-konsumaturi fuq l-internet, eċċ.), u sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni effettiva tad-data personali tagħhom; bl-istess mod, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet Ewropej biex iqajmu kuxjenza pubblika dwar l-impatt ambjentali u soċjali tax-xiri online;

44. jissottolinja li l-leġiżlazzjoni Ewropea dwar is-sigurtà tal-prodotti li tkopri s-sigurtà fiżika tal-konsumatur għandha tiġi mmodernizzata sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tas-sigurtà tal-prodotti konnessi (ir-rispett għad-data personali, iċ-ċibersigurtà, l-affidabbiltà, it-trasparenza u l-informazzjoni lill-konsumatur);

45. jenfasizza l-ħtieġa għal koerenza u interazzjoni ċara bejn il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-swieq diġitali sabiex jiġi stabbilit livell għoli tal-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tad-drittijiet tal-konsumatur, l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż l-aċċess transfruntier, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u ambjent diġitali sigur, u li tiġi ċċarata u msaħħa r-responsabbiltà tal-intermedjarji online. Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi semplifikati għall-intermedjarji online biex ikun possibbli li l-offerti online tan-negozji jiġu mmonitorjati maż-żmien, sabiex tiġi evitata l-ħsara lid-drittijiet tal-konsumatur minħabba l-volatilità tal-offerti online;

46. jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi sett ta' għodod elettroniċi innovattivi, li għandu jappoġġja l-korpi rilevanti biex jidentifikaw Prattiki ta' kummerċ illegali online; dawn l-għodod elettroniċi għandhom iservu wkoll biex jippermettu il-monitoraġġ tal-ġhajbien ta' kumpaniji li joffru l-prodotti tagħhom online;

47. jissottolinja li l-prattiki tal-imblukkar ġeografiku li ma jħallux lill-konsumaturi jibbenefikaw bla xkiel mill-kontenut diġitali fl-Ewropa kollha għandhom fis-seħħ f'ċerti oqsma;

48. jirrakkomanda li jiġi sfruttat l-ammont kbir ta' data miżmum mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex il-konsumaturi jiġu infurmati bl-aħjar mod permezz ta' politika dinamika ta' data miftuħa (open data);

49. jissottolinja l-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-SMEs u l-produtturi żgħar lokali fit-tranżizzjoni diġitali, mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv fuqhom. Il-fondi Ewropej huma essenzjali biex tiġi żgurata din it-tranżizzjoni. Jenfasizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fl-għoti ta' informazzjoni dwar il-fondi tal-UE disponibbli f'dan ir-rigward;

Applikazzjoni effettivi tal-leġiżlazzjoni u rimedji effikaċi

50. jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni taqdi rwol ta' koordinazzjoni u appoġġ għall-Istati u l-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-qasam tal-monitoraġġ tar-rispett għad-drittijiet tal-konsumaturi, b'mod partikolari billi tiżgura li l-miżuri meħuda minn Stat Membru jkunu jistgħu jkunu effettivi irrispettivament mill-post tal-kumpanija, kif għandu jkun il-każ fil-qasam tal-multi;

51. jilqa' l-fatt li l-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida tipprevedi li l-Kummissjoni se tassisti lill-Istati Membri biex jimplementaw malajr id-drittijiet tal-konsumaturi u jiżguraw li jiġu rispettati, b'mod partikolari permezz tan-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur; jenfasizza r-rwol pożittiv li għandhom iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi biex tissawwar il-protezzjoni transfruntiera tal-konsumatur;

52. jinnota li l-implimentazzjoni adatta tal-miżuri ta' kontroll, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Aġenda l-Ġdida, ser tirrikjedi għadd akbar ta' persunal iddedikat għall-kompiti ta' sorveljanza tas-suq. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jissaħħaħ l-għarfien espert settorjali tal-persunal involut f'dawn il-kompiti, filwaqt li jiġi pprovdut taħriġ kontinwu u jsiru disponibbli riżorsi materjali adatti fir-rigward tal-attivajiet li għandhom jiġu mmonitorjati: Prattiki frodulent, Prattiki inġusti, bejgħ online eċċ. Barra minn hekk, huwa meħtieġ network adatt ta' laboratorji akkreditati biex jiġu identifikati frodi jew ksur possibbli li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà;

53. jirrakkomanda li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, minn naħa, u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, min-naħa l-oħra;

54. jappoġġja l-iżvilupp ta' azzjonijiet volontarji ta' informazzjoni lill-konsumaturi fi sħubijiet bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-intrapriżi;

L-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-konsumaturi

55. jilqa' l-fatt li l-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida tenfasizza li ċerti gruppi ta' konsumaturi, b'mod partikolari minħabba d-distakk diġitali, jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli f'sitwazzjonijiet partikolari u jeħtieġu salvagwardji speċifiċi, b'mod partikolari t-tfal, l-anzjani, u l-persuni b'diżabilità;

56. jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-protezzjoni għall-konsumaturi l-aktar vulnerabbli li jeħtieġu kreditu biex jixtru oġġetti u servizzi essenzjali bħall-kura medika, l-edukazzjoni u s-servizzi pubbliċi; għandhom jiġu stabbiliti politiki u strumenti fis-setturi msemmija hawn fuq biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur f'sitwazzjonijiet fejn il-kumpaniji li jipprovdu servizzi kontinwi fis-setturi essenzjali tal-edukazzjoni u tas-saħħa jsiru insolventi, sabiex tiġi mitigata l-ħsara li tirriżulta mill-għeluq ta' negozji f'dawn is-setturi;

57. jisħaq dwar l-importanza li jiġu żviluppata l-kompetenzi finanzjarji tal-konsumaturi inkluż fil-qasam tat-teknoloġiji diġitali l-ġodda, filwaqt li jiġu appoġġjati proġetti f'dan il-qasam fil-livelli lokali u reġjonali;

58. jilqa' l-fatt li l-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida tipprevedi żieda fil-finanzjament ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu d-disponibbiltà tas-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn fl-Istati Membri mill-2021 'il quddiem, meta titqies l-importanza tal-azzjonijiet tal-awtoritajiet lokali f'dan il-qasam;

59. jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni Ewropea li tappoġġja inizjattivi li għandhom l-għan li jipprovdu pariri fil-livell lokali lill-konsumaturi li, għal raġunijiet strutturali jew personali, ma għandhomx aċċess għall-ghajjnuna u għall-informazzjoni disponibbli online jew fuq il-ħafna tal-informazzjoni ċentrali;

60. jitlob l-implimentazzjoni/it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-intrapriżi sabiex jgħaqqdu l-isforzi tagħhom bl-għan li jimmassimizzaw l-użu tar-riżorsi;

61. jirrakkomanda li, bħala parti mill-isforz biex jiġi miġġieled id-dejn eċċessiv, il-Kummissjoni tanalizza l-fattibbiltà ta' strument legali tal-UE korrettiv għas-soluzzjoni kollettiva tad-djun tal-konsumaturi, li jmur lil hinn mill-miżuri preventivi; jitlob ukoll li jiġu adottati politiki speċifiċi biex jiġu evitati Prattiki li wrew li huma partikolarment ta' ħsara għall-konsumatur (bħal kards rotanti [revolving cards]), minħabba li jikkawżaw dejn u jdgħajfu l-pożizzjoni tal-konsumaturi fil-konfront ta' forom oħra ta' kreditu;

62. jirrakkomanda li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-vulnerabbiltà u l-esklużjoni tal-konsumaturi fid-dimensjonijiet kollha tagħhom, inklużi dawk li joriġinaw direttament minn problemi lokali bħad-distakk diġitali li jaffettwa lil konsumaturi li jgħixu f'żoni mingħajr konnettività jew b'konnettività baxxa jew dgħajfa. Jeħtieġ li tiġi promossa u regolata lista ta' servizzi finanzjarji bażiċi ta' natura fiżika u li jiġu adottati miżuri li jevitaw li dawn is-servizzi jitneħħew kollha kemm huma jew parti minnhom, u b'hekk tinholq diskriminazzjoni bejn il-konsumaturi minħabba l-aċċess tagħhom għas-servizzi finanzjarji;

63. jirrakkomanda wkoll li tiġi indirizzata l-problema tad-distakk diġitali li taffettwa lill-konsumaturi vulnerabbli li jispiċċaw esklużi mit-tranżizzjoni diġitali għax ma għandhomx it-tagħmir meħtieġ jew il-ħiliet bażiċi neċessarji, b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppata;

Il-protezzjoni tal-konsumatur fil-kuntest dinji

64. jissottolinja li f'dinja globalizzata fejn ix-xiri online jaqşam il-fruntieri, il-kooperazzjoni ma' msieħba internazzjonali saret kruċjali;

65. jilqa' t-tħabbir mill-Kummissjoni tat-tfassil ta' pjan ta' azzjoni maċ-Ċina sabiex tiżdied is-sigurtà tal-prodotti mibjugħa online u sabiex jiġu implimentati appoġġ fir-rigward tar-regolamentazzjoni, assistenza teknika u ghajjnuna għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet maħsuba għar-reġjuni msieħba tal-UE, b'mod partikolari fl-Afrika;

66. jinkoraġġixxi, madankollu, lill-Kummissjoni tiżviluppa u ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi li fihom hemm stabbiliti fornituri li jimmiraw l-offerta tagħhom lejn it-territorju tal-Unjoni;

67. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-prodotti u s-servizzi importati fl-UE jikkonformaw mal-istandards u r-regolamenti rilevanti tal-Unjoni Ewropea; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi li tissaħħaħ ir-responsabbiltà korporattiva fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali għall-katina tal-valur kollha ta' kumpanija (inklużi s-sottokuntratturi), anke f'pajjiżi terzi;

L-applikazzjoni tal-politika ta' protezzjoni tal-konsumatur f'oqsma oħra

68. ifakkar li l-politika tal-konsumatur hija waħda mill-aktar politiki trasversali tal-UE, li tikkonċerna ħafna politiki tal-UE mis-sigurtà tal-prodotti sas-suq diġitali, is-servizzi finanzjarji, is-sikurezza u t-tikkettar tal-ikel, l-enerġija, l-ivvjaġġar u t-trasport;

69. jenfasizza li huwa meħtieġ li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-konsumatur jiġu integrati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet oħrajn tal-Unjoni, bħall-enerġija, it-telekomunikazzjoni, it-trasport, is-settur tal-assigurazzjoni, is-settur tal-kreditu, eċċ.;

70. jissottolinja li l-għan tal-promozzjoni tal-benesseri tal-konsumatur permezz ta' politika robusta tal-kompetizzjoni fl-Unjoni Ewropea għandu jibqa' għan prijoritarju fl-implimentazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE;

Governanza

71. jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żviluppata t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet tal-Konsumatur, li turi s-sitwazzjoni tal-konsumaturi fi ħdan l-Unjoni Ewropea permezz ta' sett ta' indikaturi rilevanti li jinkludu indikaturi ta' ċirkolarità tal-konsum, sabiex jiġu appoġġjati l-governanza u l-monitoraġġ tal-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida;

72. jappoġġja r-rieda tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi mudell ta' governanza ġdid, bi sħubija estensiva li tinvolvi lill-atturi kkonċernati kollha. F'dan il-kuntest, l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li torganizza dibattiti regolari mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni filwaqt li tikkollabora mill-qrib mal-Istati Membri permezz ta' networks, gruppi ta' ħidma jew task forces ad hoc eżistenti, għandha tiġi mfaħħra;

73. itenni l-importanza li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jiġi involut f'din il-ħidma.

Brussell, it-13 ta' Ottubru 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025

(2022/C 61/08)

Relatur:	Kate FEENEY (IE/Renew Europe), Kunsillier, Kunsill tal-Kontea ta' Dun Laoghaire Rathdown
Dokument ta' referenza:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025 COM(2020) 698 final

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jinnota li l-ugwaljanza hija wieħed mill-valuri fundamentali li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, riflessi fit-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li tagħti lill-UE kemm mandat kif ukoll responsabbiltà biex tiġġieled id-diskriminazzjoni;
2. jerġa' jisħaq li d-drittijiet tal-persuni lezjbani, gay, bisesswali, transġeneru, intersesswali u queer (LGBTIQ) huma drittijiet tal-bniedem u bħala tali huma inerenti għall-persuni kollha, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom bħala persuni mhux ċittadini, refuġjati, migranti jew residenti barranin, irrispettivament minn jekk humiex nisa, irġiel, tfal, anzjani jew għandhomx diżabbiltà, irrispettivament mir-reliġjon, l-isfond etniku, il-fehmiet politiċi jew l-orjentazzjoni sesswali, l-identità jew l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi sesswali tagħhom;
3. ifaħħar ix-xogħol preċedenti kollu⁽¹⁾ li sar fil-livell Ewropew u dak nazzjonali, inkluża l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025* u l-oġġettivi u l-miżuri politiċi li din tistabbilixxi għall-avvanz tal-ugwaljanza tal-LGBTIQ fl-Unjoni Ewropea;
4. iwissi, madankollu, li filwaqt li din l-ewwel Strateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ hija pass tant mistenni fid-direzzjoni t-tajba f'Ewropa li l-motto tagħha huwa "Magħquda fid-Diversità", fl-istess ħin qed nesperjenzaw rigressjoni fir-rigward tal-valuri tal-UE, meta wieħed iqs li hemm awtoritajiet kontinwament jużaw ir-retorika kontra l-LGBTIQ u anke jadottaw politiki u leġiżlazzjoni diskriminatorji;
5. huwa inkoraġġut mill-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ssemmi u tistieden b'mod espliċitu lill-KtR jippromovi djalogu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali, biex javvanzaw l-ugwaljanza tal-LGBTIQ;
6. jinsab imħasseb dwar il-fatt li minkejja li żdiedu l-isforzi politiċi, id-diskriminazzjoni strutturali u l-marġinalizzazzjoni tal-persuni LGBTIQ għadhom realtà madwar l-Unjoni Ewropea;
7. jemmen għalhekk bil-qawwa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-bini ta' soċjetà Ewropea li hija bbażata fuq l-inklużjoni taċ-ċittadini kollha, minflok fuq l-esklużjoni ta' xi wħud, u jaqbel li strateġiji inklużivi u varjati huma importanti kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat biex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi kumplessi u s-sitwazzjonijiet tal-ħajja li jiltaqgħu magħhom il-persuni LGBTIQ;

⁽¹⁾ Lista ta' Azzjonijiet biex tiġi Avvanzata l-Ugwaljanza tal-LGBTI ppubblikata mill-KE fl-2015, il-ħolqien ta' Kummissarju ddedikat għall-Ugwaljanza, Helena Dalli, u l-fatt li 21 Stat Membru għandhom koppji tal-istess ġeneru rikonoxxuti legalment, filwaqt li erbgħa introduċew proċeduri legali ta' rikonoxximent tal-ġeneru mingħajr ebda rekwiżit mediku.

8. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li jiġu osservati l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u li l-ebda muniċipalità, reġjun jew Stat ma jintroduċi inizzjattivi diskriminatorji sistemiċi, bħaż-“żoni ħielsa mil-LGBT”, adottati fil-forma ta’ “Karta tal-Gvern Lokali dwar id-Drittijiet tal-Familja” jew “Riżoluzzjoni kontra l-ideoloġija LGBT”, jew juża fondi b’modi li mhumiex konformi mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni;

9. jisħaq f’dan ir-rigward fuq l-importanza li tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ, jilqa’ r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew li ddikjarat lill-UE kollha bħala Żona ta’ Libertà LGBTIQ⁽²⁾, u jenfasizza l-importanza tat-tolleranza reċiproka fil-komunitajiet;

X’inhu r-rwol tal-bliet u r-reġjuni?

10. huwa konvint li l-ġlieda kontra l-inugwaljanza fl-UE hija responsabbiltà kondiviża li tirrikjedi azzjoni fil-livelli kollha ta’ governanza, kif ukoll l-involvement attiv u permanenti tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet u l-gruppi ta’ promozzjoni b’rabta mal-LGBTIQ li kollha għandhom rwol ewleni fil-ġestjoni u t-fassil tal-politiki ta’ ugwaljanza u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom;

11. jemmen fil-potenzjal ta’ azzjoni lokali u reġjonali għall-bini tal-ugwaljanza u għall-integrazzjoni, peress li l-kunsilliera u s-sindki reġjonali u lokali jinteraġixxu kuljum maċ-ċittadini tagħhom f’kuntatt differenti ma’ politiċi nazzjonali, f’postijiet bħal skejjel, xogħol, attivitajiet kulturali u sportivi, daww il-postijiet kollha fejn id-drittijiet tal-bniedem jissawru u jiġu infurzati;

12. jenfasizza barra minn hekk li l-awtoritajiet lokali għandhom rwol fl-ispjegazzjoni tad-drittijiet tan-nies, fl-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin fil-komunitajiet tagħhom, fl-iżgurar ta’ parteċipazzjoni ugwali fil-ħajja komunitarja u aċċess ugwali għas-servizzi, kif ukoll fl-introduzzjoni ta’ servizzi mfassla apposta għall-membri emarġinati tas-soċjetà;

13. jaqbel mal-fehmiet tal-Forum Ekonomiku Dinji⁽³⁾ li l-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-drittijiet għandha korrelazzjonijiet ċari u pożittivi għall-iżvilupp ekonomiku u l-prosperità tal-bliet u r-reġjuni, u li kwalunkwe forma ta’ mġiba ta’ esklużjoni jista’ jkollha effett negattiv fuq il-komunità kollha kemm hi, kif ukoll fuq l-ekonomija usa’. Dan huwa saħansitra aktar rilevanti bħalissa hekk kif nibdew nibnu mill-ġdid il-komunitajiet tagħna wara l-kriżi tal-COVID-19;

14. jinsab inkwetat dwar id-distakk evidenti bejn iż-żoni rurali u daww urbani f’termini tar-rispett ġenerali u l-aċċettazzjoni tad-diversità, li għandu l-potenzjal li jaggrava l-isfidi demografiċi ta’ ċerti reġjuni, u b’hekk ikompli jdgħajfef l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom;

15. jinnota u jilqa’ l-fatt li hemm eżempji ta’ awtoritajiet lokali⁽⁴⁾ li qed jieħdu pożizzjoni attiva lejn l-inklużjoni tal-komunitajiet LGBTIQ, u li saħansitra qed ikunu minn ta’ quddiem biex jistabbilixxu politiki favur l-LGBTIQ f’każijiet fejn il-gvernijiet nazzjonali għadhom lura;

Il-ġlieda kontra kull forma ta’ vjolenza

16. jimpenja ruħu li jippromwovi bis-sħiħ il-bliet li jiddikjaraw li huma żona ta’ libertà LGBTIQ fl-Unjoni Ewropea kollha u li hinn minnha;

17. ihegġegħ lill-Kummissjoni tiġġieled kull forma ta’ vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ, u jitlob li jiġu adottati miżuri mmirati biex jipprevjenu u jiġġieldu l-vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ, inkluża l-vjolenza online, li jistgħu jiġu normalizzati fost iż-żgħażaġh;

18. jitlob lill-Kummissjoni tadotta miżuri biex tiġġieled id-diskors ta’ mibegħda, speċjalment id-diskors ta’ mibegħda online, filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tad-dritt għal-libertà ta’ espressjoni. Id-diskors ta’ mibegħda kontra l-persuni LGBTIQ huwa wieħed mill-aktar sorsi dannużi ta’ diskriminazzjoni u ta’ spiss jevolvi f’reati ta’ mibegħda u jwassal għall-vjolenza. Il-ġlieda kontra d-diskors ta’ mibegħda tirrikjedi kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej, l-awtoritajiet tal-gvern, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-settur privat. Dan huwa pass neċessarju biex titwaqqaf id-diskriminazzjoni u l-effett devastanti tagħha fuq is-soċjetà;

(²) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta’ Libertà LGBTIQ (https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0089_MT.html).

(³) Great Reset: Why LGBT+ inclusion is the secret to cities’ post-pandemic success | World Economic Forum (weforum.org)

(⁴) Hemm eżempji f’diversi bliet madwar l-UE, bħal Barcellona, Ljubljana, Berlin, Budapest u Lodz, kif ukoll networks ta’ bliet, bħan-Network RE.A.DY fl-Italja.

19. jistenna bil-ħerqa l-proposta li jmiss tal-Kummissjoni biex il-lista ta' reati tal-UE skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE tiġi estiża biex tinkludi r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, inkluż meta dawn ikunu mmirati lejn il-persuni LGBTIQ, mhux biss lejn l-orjentazzjoni sesswali iżda wkoll lejn l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi sesswali tagħhom u jenfasizza l-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod urġenti d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi;

20. iħeġġeġ għar-ratifika mill-Istati Membri kollha tal-UE tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Għieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul), li l-miżuri tagħha biex jiproteġu d-drittijiet tal-vittmi japplikaw mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, inkluż is-sess, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru. Jappella f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni Ewropea biex twettaq l-impenn tagħha li tagħmel il-konklużjoni tal-Konvenzjoni prijorità ewlenija u jistenna bil-ħerqa, inter alia, il-proposta biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa, kif imħabbar fid-diskors tal-2021 dwar l-Istat tal-Unjoni mill-President von der Leyen;

21. jitlob it-traspożizzjoni korretta u l-applikazzjoni rigoruża tad-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva, li ssaħħa il-protezzjoni kontra l-kontenut li jinċita l-mibegħda jew il-vjolenza u tipprojbixxi l-komunikazzjonijiet tal-midja kummerċjali li jinkludu jew jipromovu kwalunkwe diskriminazzjoni, inkluż abbażi tas-sess u l-orjentazzjoni sesswali;

Il-moviment liberu u l-familji

22. iqis li huwa importanti li l-istrateġija tagħmel referenza speċifika għall-aspett reġjonali, speċjalment dak transreġjonali, tal-moviment liberu, filwaqt li tirrispetta l-fatt, minqax fit-Trattati, li l-liġi tal-familja hija kompetenza tal-Istati Membri. Jirrimarka li dan jista' joħloq ostakli għall-moviment liberu fir-rigward tad-differenzi fil-liġi tal-familja fl-Istati Membri, li jwasslu biex ir-rabtiet tal-familja ta' spiss ma jibqgħux jiġu rikonnoxxuti meta l-familji LGBTIQ jaqsmu l-fruntieri interni tal-UE.

23. jilqa' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, għall-ewwel darba f'Novembru 2020, tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-persuni lezjbani, gay, bisesswali, transġeneru, intersesswali u queer (LGBTIQ). Wieħed mill-erba' pilastru ta' din l-istrateġija tal-Kummissjoni huwa li tiżgura s-sikurezza tal-persuni LGBTIQ.

Madankollu, il-fenomeni tal-vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ għadu ma ġiex evalwat abbażi ta' data rappreżentattiva, li tagħmilha possibbli li wieħed jimxi lejn il-kisba ta' approċċi rilevanti għall-għieda kontra l-vjolenza fil-futur.

Għalkemm l-istħarriġ online "A Long Way to Go for LGBTI Equality", ippubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), jipprovdi informazzjoni siewja dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni u vjolenza fir-rigward ta' persuni LGBTIQ, dan mhuxwix statistikament rappreżentattiv bħala stħarriġ online volontarju, peress li ma jipprovdi kampjun aleatorju. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Reġjuni jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex, bħala parti mill-istrateġija tagħha għall-persuni LGBTIQ, tnedi u tiffinanzja, fuq bażi regolari, studju anonimu u rappreżentattiv fuq il-post dwar l-esperjenzi ta' vjolenza li ma jiġux rappurtati uffiċjalment, inkluża l-vjolenza domestika, fuq persuni LGBTIQ fl-UE, li għandu jitwettaq u jiġi evalwat b'mod indipendenti għall-Istati Membri kollha tal-UE;

24. jaqbel bis-sħiħ mad-dikjarazzjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, jiġifieri: "Jekk inti ġenitur f'pajjiż, inti ġenitur f'kull pajjiż" ⁽⁵⁾. Għaldaqstant, jilqa' t-tħabbira ta' inizjattiva leġislattiva li tappoġġja r-rikonoxximent reċiproku tal-familja bejn l-Istati Membri;

25. jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li informazzjoni ċara dwar ir-rikonoxximent tad-drittijiet transfruntiera għall-persuni LGBTIQ u l-familji tagħhom fl-UE tkun faċilment aċċessibbli, u li l-impjegati taċ-ċivil fil-livelli kollha ta' governanza jkunu infurmati sew;

26. jingħaqad mat-talba li saret mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ fl-UE ⁽⁶⁾ fir-rigward ta' familji qawsalla u koppji tal-istess sess, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem biex ittejjeb il-pożizzjoni tal-familji qawsalla permezz ta' applikazzjoni rigoruża tal-liġi tal-familja transfruntiera u djalogu intensifikat (inklużi djalogi ddedikati b'rabta mal-implimentazzjoni tas-sentenza Coman ⁽⁷⁾) mal-Istati Membri, peress li l-liġi sostantiva tal-familja hija fil-kompetenza tagħhom;

⁽⁵⁾ Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2020

⁽⁶⁾ 2021/2679(RSP)

⁽⁷⁾ C-673/16, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ċċarat li t-terminu "konjuġi" kif użat fid-Direttiva dwar il-Moviment Liberu japplika wkoll għal sħab tal-istess sess.

27. jistieden lill-awtoritajiet lokali jibagħtu sinjal pożittiv lill-komunitajiet LGBTIQ tagħhom billi juru l-kuraġġ billi jistabilixxu politiki ambizzjużi favorevoli għall-persuni LGBTIQ u jgħibu bidla mill-qiegħ, bħall-eżempju ta' Turin ⁽⁸⁾ fejn sħubijiet ċivili bejn ċittadini tal-istess sess huma rikonoxxuti uffiċjalment mill-amministrazzjoni tal-belt, minkejja li ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni nazzjonali f'dan ir-rigward sal-2016. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-belt ta' Turin komplet tkun pijuniera billi tirrikonoxxi l-paternità legali ta' koppji tal-istess sess, minkejja li ma hemm l-ebda dispożizzjoni bħal din skont il-liġi nazzjonali;

Għajnuna liż-żgħażaġh LGBTIQ fl-UE

28. jirrikonoxxi li ż-żgħażaġh LGBTIQ fl-Ewropa huma partikolarment vulnerabbli, peress li huma esposti għal diskriminazzjoni, vittimizzazzjoni, stigmatizzazzjoni u abbuż minn età żgħira; huma jesperjenzaw diffikultajiet biex jiżvelaw l-identità tal-ġeneru tagħhom lill-familja u l-komunitajiet tagħhom, fehim limitat minn fornituri ta' servizzi professjonali u soċjetà usa' tal-kwistjonijiet LGBTIQ+, kif ukoll sfidi tas-saħħa mentali, fiżika u sesswali;

29. jilqa' l-istrateġija komprensiva tal-Kummissjoni għad-drittijiet tat-tfal ippubblikata fl-24 ta' Marzu 2021 li tiżgura li t-tfal LGBTIQ ikunu jistgħu jiżviluppaw il-personalità tagħhom liberament u jkollhom aċċess għal drittijiet li huma protetti, inklużi inizjattivi ta' informazzjoni u gwida għall-familji sabiex ikunu jistgħu jappoġġjaw lill-minorenni biex jiżviluppaw bis-sħiħ u kompletament; u jappoġġja b'mod espliċitu l-iskambju ta' prattiki tajba dwar it-tmieni ta' kirurġija mhux vitali u interventi mediċi fuq trabi u adolexxenti intersesswali biex dawn isiru konformi mad-definizzjoni tipika ta' rġiel jew nisa mingħajr il-kunsens infurmat bis-sħiħ tagħhom jew tal-ġenituri tagħhom;

30. ihegġegħ lill-Istati Membri jevalwaw, fil-Pjani Nazzjonali għall-Ugwaljanza tal-LGBTIQ, il-politiki u l-prattiki li jagħmlu ħsara jew li jkomplu jbiegħdu lill-persuni LGBTIQ, u b'mod partikolari liż-żgħażaġh; jistedinhom jappoġġjaw il-komunitajiet lokali billi jipprovdu servizzi adegwati biex jgħinu liż-żgħażaġh emarġinati, bħall-ħolqien ta' ambjenti sikuri, u jiżguraw opportunitajiet indaqs ta' impjeg u ambjenti tax-xogħol inklużivi, rappreżentanza pożittiva tal-LGBTIQ u parteċipazzjoni fil-kultura, is-soċjetà u l-isport;

31. iwissi li l-problema ta' persuni LGBTIQ mingħajr dar hija problema moħbija fl-Ewropa, madankollu r-riċerka limitata ⁽⁹⁾ li teżisti turi li l-komunità LGBTIQ b'mod ġenerali, u ż-żgħażaġh b'mod partikolari, hija rrappreżentata żżejjed b'mod qawwi fost il-popolazzjoni mingħajr dar: huwa stmat li bejn 25 u 40 % taż-żgħażaġh li ma għandhomx dar huma LGBTIQ ⁽¹⁰⁾. Jappella għalhekk sabiex din il-problema tingħata attenzjoni speċjali anke fil-qafas tal-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar;

32. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi għandha tiġi implimentata b'mod rigoruż u l-implimentazzjoni tagħha għandha tiġi mmonitorjata u evalwata bir-reqqa. Il-KtR jilqa' l-fatt li wara l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni attwali, fl-2022 il-Kummissjoni se tressaq kwalunkwe leġiżlazzjoni meħtieġa b'riżultat ta' dan, b'mod partikolari dwar ir-rwol tal-korpi tal-ugwaljanza;

33. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali jżidu l-viżibbiltà tal-persuni żgħażaġh LGBTIQ mingħajr dar bħala l-forma aħħarija tal-esklużjoni soċjali u jiżviluppaw ċentri ta' kura għaż-żgħażaġh u postijiet ta' kenn fil-komunitajiet tagħhom, wara l-eżempji ta' Krakovja u Berlin;

L-impatt tal-COVID-19 fuq il-ħajja tal-persuni LGBTIQ

34. jinnota li l-kriżi tas-saħħa u soċjetali tal-COVID-19 qed tiġġenera sfidi u riskji kumplessi għall-komunità LGBTIQ. Skont riċerka reċenti ⁽¹¹⁾, dan jinkludi d-deterjorament tas-saħħa mentali u d-diffikultà biex wieħed ikollu aċċess għall-kura tas-saħħa, aktar diskors ta' mibegħda u vjolenza domestika, diffikultà biex wieħed ikollu aċċess għal programmi ta' għajnuna pubblika inkluż għall-akkomodazzjoni, l-ikel u s-sussistenza, kif ukoll aċċess għall-ġustizzja, ir-reġistrazzjoni u proċessi legali oħra;

35. ifaħħar il-programmi ta' appoġġ introdotti fxi komunitajiet biex jipprovdu appoġġ psikoloġiku online, attivitajiet fuq barra, aċċess għall-kura tas-saħħa, akkomodazzjoni municipli, djar sikuri u finanzjament addizzjonali; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jiżguraw li l-miżuri ta' emerġenza u ta' rkupru ma jkunux diskriminatorji;

⁽⁸⁾ Ir-Regolament Municipli ta' Turin, 2010.

⁽⁹⁾ Federazzjoni Ewropea tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali li Jaħdmu mal-Persuni mingħajr Dar AISBL, Persuni mingħajr dar LGBTIQ, Ħarifa 2017 u ż-Żgħażaġħ Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transġeneru, Intersesswali, u Queer (LGBTIQ) fl-Istħarriġ Ewropew tal-2019 dwar Żgħażaġħ mingħajr dar.

⁽¹⁰⁾ https://www.ilga-europe.org/sites/default/files/COVID19%20_Impact%20LGBTIQ%20people.pdf

⁽¹¹⁾ covid19-lgbti-assessment-2020.pdf (ilga-europe.org)

It-triq 'il quddiem

36. jappella għal aktar kooperazzjoni u djalogu, abbażi tal-fatti, bejn il-korpi ta' governanza u l-partijiet interessati fil-livelli kollha u bejn il-fruntieri, b'enfasi partikolari fuq l-esperjenzi personali tal-persuni LGBTIQ, kif ukoll l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet LGBTIQ f'miżuri ta' politika eżistenti u ġodda, biex b'hekk tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki infurmati u adattati kif xieraq li jirriflettu d-diversità;

37. itenni ⁽¹²⁾ s-sejħa biex jiġi implimentat approċċ intersezzjonali b'mod aktar wiesa' u biex il-miżuri intersezzjonali jiġu kkombinati ma' miżuri pożittivi f'oqsma settorjali;

38. jappoġġja l-isforzi kollha għall-prevenzjoni ta' terapiji ta' konverżjoni u interventi mediċi sfurzati għall-persuni intersesswali u trans (inklużi l-mutilazzjoni ġenitali intersesswali u l-isterilizzazzjoni furzata), u jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jwaqqfu dawn l-inizjattivi meta jsiru tali operazzjonijiet fil-bini tagħhom, u jiddedikaw fondi biex issir promozzjoni biex jintemmu Prattiki bħal dawn, b'enfasi partikolari fuq il-protezzjoni għat-tfal u l-adolesxenti;

39. jilqa' l-approċċ meħud mill-Kummissjoni Ewropea biex jitrawmu skambji ta' Prattika tajba dwar il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri ta' rikonossiment tal-ġeneru bbażati fuq il-prinċipju tal-awtodeterminazzjoni, u jinsab kument li se jtnieda djalogu transsettorjali biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-identitajiet trans u mhux binarji u l-persuni intersesswali, u biex tiġi mħeġġa l-inklużività fl-azzjonijiet u l-proċeduri rilevanti kollha;

40. jitlob aktar protezzjoni tal-persuni trans li jkomplu jiffaċċjaw xi wħud mill-ogħla livelli ta' diskriminazzjoni, vjolenza u persekuzzjoni. Skont studju reċenti ⁽¹³⁾, 13 biss mill-31 pajjiż mistħarrġa għandhom leġiżlazzjoni nazzjonali li toffri mill-inqas xi protezzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru u/jew karatteristiċi tas-sess;

41. jidentifika l-ħtieġa urġenti ta' governanza u sħubijiet f'diversi livelli; jappoġġja bis-sħiħ il-ħidma tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar "ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-gvernijiet lokali fil-protezzjoni tal-persuni LGBTI" u jistedinhom jippreżentaw ir-riżultati lill-KtR;

42. jitlob ir-rikonossiment tal-importanza li jingħata aċċess għal kura tas-saħħa relatata mat-tranżizzjoni. Il-kura tas-saħħa relatata mat-tranżizzjoni ssalva l-ħajja u trid tiġi trattata bħala tali. Il-pandemija tal-COVID-19 ma tistax tiġi trattata bħala raġuni biex jiġi pospost, ittardjat jew limitat l-aċċess għal kwalunkwe kura tas-saħħa, inkluża il-kura relatata mat-tranżizzjoni u trattamenti li jkunu għaddejjin;

43. joffri għajnuna kemm lill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-ġbir tal-aħjar Prattiki lokali u reġjonali rilevanti u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea rilevanti fil-Prattika, kif ukoll lill-Parlament Ewropew, b'mod partikolari lill-Intergrupp LGBTI tiegħu;

44. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tipprovdi appoġġ għar-riċerka biex jiġu eżaminati d-differenzi ġeografiċi bejn l-aċċettazzjoni tal-persuni LGBTIQ bil-għan li jittejbu l-metodi biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni barra miż-żoni urbani;

45. jemmen fil-valur miżjud sinifikanti tal-inklużjoni tal-KtR fil-ħolqien tal-Inizjattiva ta' Bliet Kapitali Inklużivi, u għalhekk jerġa' jitlob lill-KtR biex kull sena jkun involut b'mod formali meta tintgħażel Kapitali Ewropea tal-Inklużjoni waħda jew aktar u fin-network tal-punti fokali LGBTI governattivi tal-Kunsill tal-Ewropa;

46. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti bis-sħiħ fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjani nazzjonali għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ;

47. jaqbel li jingħaqad mal-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea li jinvolvi t-tmexxija bl-eżempju u li jsir sforz għal ambjent tax-xogħol kompletament inklużiv, u jitlob li jiġu mmonitorjati l-miżuri li jdgħajfu l-interessi tal-impjegati LGBTIQ fl-istituzzjonijiet Ewropej;

⁽¹²⁾ Opinjoni tal-KtR, "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025", Ottubru 2020.

⁽¹³⁾ Studju tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Trans and Intersex Equality in Europe – A Comparative Analysis" (L-Ugwaljanza Trans u Intersesswali fl-Ewropa – Analiżi Komparattiva), 2018.

48. jistieden lill-mexxejja politiċi kollha jmexxu bl-eżempju billi jiddenunzjaw pubblikament kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni, espressjoni omofobika, transfobika u interfobika, fastidju, u vjolenza bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru jew karatteristiċi sesswali;
49. jišhaq fuq il-ħtieġa ta' miżuri edukattivi u kampanji ta' informazzjoni għal persuni ta' kull età u sfond, u l-ħtieġa li jissaħħu s-servizzi pubbliċi, tinbena l-kapaċità ta' appoġġ għall-professjonisti u jiżdied l-aċċess għall-ġustizzja li jkun iffukat fuq il-vittima;
50. jišhaq fuq ir-rwol tal-edukazzjoni sesswali universali fil-ġlieda kontra l-istereotipi u d-diskriminazzjoni, fil-bini ta' immaġni pożittiva tal-membri tal-komunità LGBTIQ u fit-trawwim ta' atmosfera ta' aċċettazzjoni. Kwalunkwe attakk fuq l-edukaturi għandu jiġi kkundannat;
51. jistenna bil-ħerqa l-proposti l-ġodda għal finanzjament potenzjali ta' proġetti li jindirizzaw id-diskriminazzjoni intersezzjonali u l-inugwaljanza esperjenzati mill-persuni LGBTIQ, il-preġudizzju tal-ġeneru u stereotipi oħra permezz tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;
52. jitlob li jiġi stabbilit finanzjament li jappoġġja l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili LGBTIQ, mhux biss fuq bażi ta' proġett, u għall-appoġġ finanzjarju għall-programmi ta' ugwaljanza u diversità fil-muniċipalitajiet u r-reġjuni fejn il-komunità LGBTIQ tiffaċċja attitudnijiet partikolarment ostili mill-gvernijiet;
53. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li ma jingħatawx fondi Ewropej fejn jeżistu mekkaniżmi ta' diskriminazzjoni strutturali, u li l-finanzjament jiġi sospiż jew irtirat meta sussegwentement jinstab li dan ikun il-każ; jemmen li s-setgħa murija ta' miżuri bħal dawn, flimkien mad-djalogu, tista' toħloq Unjoni Ewropea kompletament inklużiva;
54. jistieden lill-membri tal-KtR u lil awtoritajiet lokali u reġionali oħra jintroduċu, fejn hemm nuqqas ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, dispożizzjonijiet lokali li jirrifjutaw id-diskriminazzjoni u jirrimedjaw il-vojt ġuridiku sabiex jiġu promossi d-diversità, l-aċċettazzjoni reċiproka u r-rispett.

Brussell, l-14 ta' Ottubru 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

INTERACTIO – IBRIDA – IL-146 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 12.10.2021–14.10.2021

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Identità Diġitali Ewropea

(2022/C 61/09)

Relatur:	Mark WEINMEISTER (DE/PPE), Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej, Land ta' Hessen
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea COM(2021) 281 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

COM(2021) 281

Artikolu 1(4)

Regolament (UE) Nru 910/2014

Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Psewdonimi fi tranżazzjoni elettronika Mingħajr preġudizzju għall-effett legali mogħti lil psewdonimi skont il-liġi nazzjonali, l-użu tal-psewdonimi fi tranżazzjonijiet elettroniċi ma għandux jiġi pprojbit.	Psewdonimi fi tranżazzjoni elettronika Mingħajr preġudizzju għall-effett legali mogħti lil psewdonimi skont il-liġi nazzjonali, l-użu tal-psewdonimi fi transazzjonijiet elettroniċi u fin-networks soċjali ma għandux jiġi pprojbit.

Raġuni

Matul ir-reġistrazzjonijiet, in-networks soċjali ma għandhomx jipprojbixxu l-użu ta' psewdonimi b'referenza għall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

Emenda 2

COM(2021) 281

Artikolu 1(7)

Regolament (UE) Nru 910/2014

Artikolu 6a(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Għall-fini li jiġi żgurat li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha fl-Unjoni jkollhom aċċess sigur, affidabbli u mingħajr xkiel għas-servizzi pubbliċi u privati transfruntieri, kull Stat Membru għandu joħroġ Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	Għall-fini li jiġi żgurat li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha fl-Unjoni jkollhom aċċess sigur, affidabbli u mingħajr xkiel għas-servizzi pubbliċi u privati transfruntieri, kull Stat Membru għandu joħroġ Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali fi żmien 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Raġuni

L-esperjenza wriet li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali se jkunu fil-mira primarja ta' attacchi tal-IT. F'ambjent sensitiv bħal dan tad-*data* tal-identità personali, il-kwalità tipprevali fuq il-veloċità. L-iskadenzi stabbiliti għat-traspożizzjoni fil-livell nazzjonali huma qosra wisq (parzjalment anke b'rabta mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva NIS 2). Għalhekk huwa meħtieġ perjodu tranżitorju estż.

Emenda 3

COM(2021) 281 final — Parti 1

Artikolu 1(7)

Regolament (UE) Nru 910/2014

Artikolu 6a (12) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>Għal persuni taħt it-18-il sena, il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandha tkun disponibbli biss bil-kundizzjoni li l-identità tagħhom tkun tista' tiġi kkonfermata minn karta tal-identità elettronika tar-rappreżentant legali tagħhom, li huwa responsabbli għalihom.</i>

Raġuni

Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali se sservi bħala prova tal-identità online u offline. Il-minorenni ma jistgħux isiru kompletament responsabbli u jinżammu responsabbli għal kwalunkwe implikazzjoni jew konsegwenza legali.

Emenda 4

COM(2021) 281 final — Parti 1

Artikolu 1(7)

Regolament (UE) Nru 910/2014

Artikolu 6c (5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-ismijiet u l-indirizzi tal-korpi pubbliċi jew privati msemmija fil-paragrafu 3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri.	L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-ismijiet u l-indirizzi tal-korpi pubbliċi jew privati msemmija fil-paragrafu 3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Raġuni

L-għan huwa li jiġi emendat l-Artikolu 6c(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, peress li jaqbel li tiġi stabbilita skadenza biex tiġi kkomunikata l-informazzjoni.

Emenda 5

COM(2021) 281

Artikolu 1(9)

Regolament (UE) Nru 910/2014

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
“[...] fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ [...]”;	“[...] fi żmien 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ [...]”;

Raġuni

L-esperjenza wriet li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali se jkunu fil-mira primarja ta’ attakki tal-IT. F’ambjent sensitiv bħal dan ta-*data* tal-identità personali, il-kwalità tipprevali fuq il-veloċità. L-iskadenzi stabbiliti għat-traspożizzjoni fil-livell nazzjonali huma qosra wisq (parzjalment anke b’rabta mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva NIS 2). Għalhekk huwa meħtieġ perjodu tranżitorju estiż.

Emenda 6

COM(2021) 281

Artikolu 1(11)

Regolament (UE) Nru 910/2014

Artikolu 10a(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tippubblika f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-emendi korrispondenti fil-lista msemmija fl-Artikolu 6d mingħajr dewmien żejjed.	Il-Kummissjoni għandha tippubblika f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-emendi korrispondenti fil-lista msemmija fl-Artikolu 6d mingħajr dewmien żejjed u għandha tagħmel dawn l-emendi disponibbli f’lista separata.

Raġuni

Lista ċara (lista ta’ revoka) għandha tiffaċilita l-użu tagħha.

Emenda 7

COM(2021) 281 — Parti 1

Artikolu 1(12)

Regolament (UE) Nru 910/2014

Artikolu 11a(4) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	L-Istati Membri għandhom jużaw sistemi ta’ identifikazzjoni unika biex jiżguraw li l-ebda ċittadin ma jinħarġulu żewġ Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jew aktar b’riżultat ta’ nazzjonalitajiet jew residenzi multipli fi Stati Membri differenti.

Raġuni

Għandu jiġi żgurat li ċ-ċittadini b'aktar minn nazzjonalità waħda u/jew residenza f'aktar minn Stat Membru wieħed tinħarġilhom Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali waħda biss.

Emenda 8

COM(2021) 281 — Parti 1

Artikolu 1(14)

Regolament (UE) Nru 910/2014

Artikolu 12a(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-korp pubbliku jew privat imsemmi fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri.	L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-korp pubbliku jew privat imsemmi fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Raġuni

L-għan huwa li jiġi emendat l-Artikolu 12a(3) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, peress li jaqbel tiġi stabbilita skadenza biex tiġi kkomunikata l-informazzjoni.

Emenda 9

COM(2021) 281

Artikolu 1(29)

Regolament (UE) Nru 910/2014

Artikolu 30(3a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Iċ-ċertifikazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha tkun valida għal 5 snin, soġġetta għal valutazzjoni regolari tal-vulnerabbiltajiet ta' sentejn. Meta l-vulnerabbiltajiet jiġu identifikati u ma jiġux rimedjati, iċ-ċertifikazzjoni għandha tiġi rtirata.	Iċ-ċertifikazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha tkun valida għal 5 snin, soġġetta għal valutazzjoni regolari tal-vulnerabbiltajiet ta' sentejn. Meta l-vulnerabbiltajiet jiġu identifikati u ma jiġux rimedjati, iċ-ċertifikazzjoni għandha tiġi rtirata. Il-ħruġ mill-ġdid taċ-ċertifikazzjoni jista' jseħħ l-aktar kmieni wara perjodu ta' stennija ta' sentejn u valutazzjoni ġdida tal-vulnerabbiltà.

Raġuni

Projbizzjoni fuq il-ħruġ mill-ġdid taċ-ċertifikazzjoni tagħmel sens, peress li għandu jibqa' possibbli li jiġu rimedjati d-dgħufijiet permezz ta' tiġdid tekniku fundamentali.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Introduzzjoni

1. jappoġġja l-idea ta' Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. Din għandha tippermetti wkoll liċ-ċittadini jagħtu prova tal-identità tagħhom inkluż meta jivvjaġġaw biex ikunu jistgħu jaċċessaw servizzi tal-amministrazzjoni pubblika online, jiskambjaw dokumenti diġitali jew sempliċiment jagħtu prova ta' dettalji personali speċifiċi, bħall-età. Dan huwa possibbli mingħajr ma jiġu żvelati l-identità tagħhom jew *data* personali oħra;

2. jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea biex tinholq identità diġitali Ewropea bil-ħsieb ta' kartiera tal-UE aktar komprensiva u l-emenda tar-Regolament eIDAS meħtieġa għal dan l-għan. Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali mhijiex limitata għad-*data* tal-identità personali *stricto sensu* iżda hija maħsuba biex tinkludi wkoll dokumenti oħra (inklużi uffiċjali) f'forma elettronika, bħal-liċenzji tas-sewqan jew il-kwalifiki edukattivi;

3. jappoġġja l-oġettiv tal-Kummissjoni Ewropea li tiżviluppa aktar ir-Regolament eIDAS għall-użu fl-ekonomija fid-dawl tar-rekwiżiti tas-suq li qed jinbidlu, filwaqt li tkompli tagħmel użu mill-mezzi ta' identifikazzjoni nazzjonali notifikati eżistenti. Il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika siguri huma ta' importanza partikolari għad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri amministrattivi;
4. jitlob dispożizzjonijiet ċari dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Identità Diġitali Ewropea, li għandhom jikkonformaw mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR), b'mod partikolari l-ekonomija tad-*data*, il-privatezza tad-*data* u ġustifikazzjoni adegwata, u jiżguraw ukoll li l-utenti jkunu jistgħu jikkontrollaw liema *data* jixtiequ jikkondividu u ma' min;
5. iqis li, billi tista' tintuża universalment u b'mod partikolarment mobbli, il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali hija għodda li hija maħsuba biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni soċjali u li bl-użu tagħha fl-UE kollha tista' tkun element ta' identità Ewropea identifikabbli individwalment u li kull ċittadin tal-UE jkun konxju tagħha;

L-użu għaċ-ċittadini

6. iqis il-ħolqien ta' Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali bħala opportunità importanti biex l-identità tal-UE tiġi ankrata b'mod li tkun perċettibbli b'mod fiżiku u li tista' tintuża fil-prattika miċ-ċittadini fis-suq uniku wkoll. Il-kartiera tal-identità diġitali tippermetti li tinħoloq marka ta' identifikazzjoni komuni u unika li tgħaqqad lill-partijiet kollha, u li s-simboliżmu tagħha jmur ferm lil hinn mis-siwi purament tekniku;
7. jinnota li l-kartiera tal-identità diġitali hija essenzjalment teknoloġija mobbli li tista' tibqa' funzjonali anke meta jkun hemm żviluppi ulterjuri tal-apparati attwali (smartphones jew arloġġi intelliġenti). Żviluppi ulterjuri bħal nuċċalijiet diġitali (eż. nuċċalijiet tar-realtà awmentata jew avatar diġitali), jew apparat diġitali simili, għandhom ikunu jistgħu jużaw il-kartiera tal-identità diġitali permezz ta' interfaċċa adatta (ottika jekk meħtieġ);
8. jirrakkomanda li l-iżvilupp u l-iskjerament tal-eID Ewropea u tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandhom isiru bil-ħsieb li jipprovdu servizzi b'valur miżjud transfruntiera reali għaċ-ċittadini;
9. jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-utenti kollha jkunu awtonomi u mhux soġġetti għal diskriminazzjoni, u għalhekk jirrakkomanda li l-Komunikazzjoni tagħmilha ċara li ma għandux ikun hemm pressjoni indiretta biex tintuża l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali meta jiġu offruti servizzi lil persuni fiżiċi. Fil-prinċipju, l-użu tagħha huwa volontarju;
10. jenfasizza li l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandha titqies bħala offerta liċ-ċittadini sabiex din tintlaqa' tajjeb mis-soċjetà ċivili;
11. jitlob rakkomandazzjoni għal disinn sempliċi li jmur lil hinn mill-protezzjoni tad-*data* u l-aċċessibbiltà, fil-forma ta' sett ta' għodod li jippermetti li anke persuni b'limitazzjonijiet zġhar jew nuqqas ta' għarfien lingwistiku (eż. billi jiżjed l-użu ta' pittogrammi) ikunu jistgħu jużaw il-kartiera tal-identità diġitali;
12. iħeġġeġ li ssir dispożizzjoni fil-Proposta għall-użu tal-identitajiet diġitali mill-minorenni jew f'każijiet fejn ir-responsabbiltà tkun ta' tutor jew indoktratur, kif ukoll għat-trattament tal-identitajiet diġitali f'każ ta' mewt;

L-involviment tal-ekonomija

13. iqis li l-parteċipazzjoni mill-qrib tal-mexxejja tat-teknoloġija huwa fattur essenzjali għas-suċċess, preċiżament billi jinfetħu r-regoli eżistenti fir-rigward tal-ekonomija. Hija biss soluzzjoni konformi mas-suq li tkun tista' tigarantixxi użu adatt fl-UE;
14. ifakkar f'aspett essenzjali tal-utilità ekonomika permezz tal-użu ta' interfaċċi ta' ħlas elettroniku (Paypal, Google/Apple-Pay, SWIFT, eċċ.), li bħalissa fl-ekonomija jinsabu bbażati fuq kontijiet tal-utenti proprjetarji. Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandha tqis ir-regoli rilevanti fil-kuntest tal-“ħasil tal-flus” u l-“flus diġitali” (Bitcoin, Ethereum, euro diġitali, eċċ.);
15. jitlob li, fil-kuntest tal-użu ekonomiku tal-kartiera tal-identità diġitali, jitqiesu ż-żewġ mudelli ta' negozju eżistenti u li jikkompetu b'mod sostantiv.

Minn naħa, dawn huma n-networks soċjali globali ewlenin, li għandhom interess reali li l-kontinjuet psewdo tagħhom jiġu vvalidati, jekk ikun meħtieġ, permezz ta' istituzzjoni pubblika. Madankollu, dan idgħajjef il-libertà fl-użu tal-Internet u jkompli jixpruna lill-utenti miż-żona protetta tal-Internet lejn id-darknet. Mill-perspettiva tal-Kumitat tar-Regġuni, din is-sitwazzjoni mhi xejn mixtieqa.

Min-naħa l-oħra, hemm fornituri tal-identità li jixtiequ jagħmlu offerti li jikkompetu mal-kartiera tal-identità diġitali, bl-użu wkoll ta' identità vvalidata minn istituzzjoni pubblika;

16. jirrakkomanda li, fir-rigward tal-użu tal-ID għall-aċċess għal operaturi ekonomiċi, l-awtentikazzjoni għandha tkun iddisinjata b'ċertifikat sigur b'tali mod li l-validità ta' ċertifikat tkun limitata jew ċiklika; Il-Kumitat tar-Regġuni jaqbel ma' riflessjonijiet simili fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji u jirrimarka, madankollu, li għandha tiġi protetta wkoll mill-abbuż il-ġustifikazzjoni għat-talba għal *data* mill-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali li jressqu istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet;

17. jinnota li f'xi Stati Membri diġà ġew żviluppatti u implimentati soluzzjonijiet diġitali għas-setturi pubbliċi u privati. Dawn l-ispeċifitajiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jiġu integrati kemm jista' jkun fl-eID Ewropea. L-ewwel nett, għaliex il-bidliet fis-sistemi eżistenti se jkunu jinvolvu piż amministrattiv u finanzjarju konsiderevoli. It-tieni, matul is-snin, iċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Membri żviluppaw livell għoli ta' fiduċja fis-sistemi eżistenti, li m'għandux jiġi pperikolat bl-introduzzjoni tal-eID Ewropea;

Implimentazzjoni u parteċipazzjoni tal-pajjiżi

18. għaldaqstant jirrakkomanda bil-qawwa li r-rakkomandazzjoni lill-Istati Membri, li ssir referenza għaliha fil-Proposta leġislattiva tal-Kummissjoni, biex jiġi żviluppatt sett ta' għodod komuni għal approċċ koordinat biex jinħoloq il-qafas tekniku meħtieġ għall-kartiera tal-identità diġitali tibbaża ħafna fuq l-għarfien espert nazzjonali.

Għandhom jiġu kkunsidrati l-eżempji eżistenti tal-aħjar Prattika, bħar-riżultati u l-esperjenza mill-proġetti nazzjonali implimentati fil-Ġermanja dwar l-Identitajiet Diġitali u dwar il-Vetrina tal-Identitajiet Diġitali Siguri;

19. iqis li, meta jitqiesu l-ispejjeż u l-infiq imġarrba fl-ippjanar, huwa meħtieġ li l-parametri nazzjonali jinġabru wkoll u jingħaqdu fi pjan globali tal-UE li jkun proporzjonat mal-ispejjeż involuti. B'mod partikolari, minbarra l-iskedi ta' żmien fil-livell tal-UE, għandhom jiġu identifikati u integrati l-iskedi ta' żmien nazzjonali għall-implimentazzjoni;

20. jitlob li n-nefqa f'termini ta' persunal u baġit b'rabta mal-implimentazzjoni fl-Istati Membri u fl-awtoritajiet lokali u reġjonali tiġi kkunsidrata fl-ippjanar ġenerali. Il-kartiera tal-identità diġitali tirnexxi jekk tkun tista' tintuża b'mod frekwenti biżżejjed.

Minbarra n-negozju, l-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-livelli kollha għandhom rwol ewleni hawnhekk. Dawn huma involuti dejjem aktar permezz tal-azzjonijiet tagħhom stess, iżda wkoll permezz ta' inizzjattivi tal-Kummissjoni. Id-Direttiva tal-UE dwar is-Servizzi jew il-gateway tal-UE jipprovdu kontributi siewja għad-diġitalizzazzjoni tas-suq uniku tal-UE;

21. jissuġġerixxi li l-implimentazzjoni għandha ssir gradwalment, b'mod partikolari fil-fażi tal-bidu. Dan huwa importanti minħabba l-involviment, li xi drabi jkun għalkollox għdid, ta' attivitajiet tal-ekonomija li s'issa ma kienux regolati fl-użu tal-identitajiet elettroniċi b'livell "sostanzjali" sa "għoli" ta' fiduċja fil-kuntest tal-iżvilupp ulterjuri tal-eIDAS eżistenti;

Il-protezzjoni tad-*data* u ċ-ċibersigurtà

22. iwissi kontra l-implimentazzjoni rapida tas-soluzzjoni ta' kartiera tal-identità diġitali għal raġunijiet tekniċi relatati mal-ħżin ċentralizzat ta' *data* tal-identità għal użu li fil-biċċa l-kbira jkun mobbli. M'hemmx dubju li soluzzjoni bħal din tkun fil-mira ta' livell għoli ta' firxa wiesgħa ta' attacchi ċibernetiċi u għalhekk għandha tirreżisti t-tħeddid li dawn jippreżentaw;

23. jiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' definizzjoni adegwata tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni għall-kartieri tal-identità diġitali u l-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika, li m'għandhomx jiġu żviluppatti minn entità kummerċjali, iżda mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), bil-kooperazzjoni mill-qrib ta' gruppi ta' esperti, inklużi rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

24. jiġbed l-attenzjoni għar-riskju li jkun hemm meta tipi ta' identità ta' livelli differenti ta' kunfidenzjalità jiġu ċentralizzati f'komponent tekniku wieħed. Jekk dawn ikunu soġġetti għal użu mhux awtorizzat minn partijiet terzi, hemm riskji sinifikanti għall-utenti awtorizzati. Minbarra l-ħsara finanzjarja, huwa possibbli wkoll li ssir ħsara lir-reputazzjoni u lill-unur. L-ispear phishing immirat jista' jikkawża wkoll ħsara konsegwenzjali sinifikanti;

25. jitlob li l-kartiera tal-identità diġitali tiġi implimentata teknikament b'mod li tkun imsaħħa biżżejjed kontra l-attakki ċibernetiċi u b'mod li d-detentur awtorizzat ikun jista' jagħmel installazzjoni mill-ġdid permezz ta' faċilitajiet adatti ta' mblukkar u sistemi ta' salvagwardja siguri apposta.

It-tisħiħ tar-robustezza tal-kartiera tal-identità diġitali jeħtieġ ikun proċess permanenti. Is-sigurtà sa mill-istadju tad-disinn hija l-pedament għal użu sostenibbli li jirnexxi u hija wkoll essenzjali għall-attivitajiet ekonomiċi tal-utenti, u għalhekk għandha tkun disponibbli diġà fis-sett ta' għodod;

26. iqis li, minbarra r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*, l-aċċessibbiltà u ċ-ċibersigurtà, fattur kritiku għas-suċċess hija soluzzjoni ta' informazzjoni u dokumentazzjoni konsistenti f'termini ta' metodoloġija u adatta għall-grupp destinatariju tal-utenti;

27. jipproponi li, permezz ta' regoli vinkolanti, jiġi previst obbligu għall-fornituri tas-servizzi biex id-*data* tal-kartiera tal-identità diġitali tiġi aċċessata b'mod sempliċi u trasparenti permezz ta' għodod uniformi (eż. dashboard) u li jesponuha b'mod viżibbli għall-utenti;

28. jappella sabiex il-proġett tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jtfassal b'tali mod li jinkoraġġixxi progress biex jintlaħaq l-oġettiv tar-reżiljenza diġitali u tas-sovranià diġitali tal-Ewropa;

29. jirrakkomanda li jiġi evalwat jekk tistax tinħoloq pjattaforma teknika ġenerali permezz tal-forniment ta' sett ta' għodod b'sors miftuħ u ċċertifikat mill-UE għall-funzjonalitajiet essenzjali tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali; il-manutenzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tas-sett ta' għodod għandhom imbagħad jiġu kkoordinati mill-UE;

Involvement fil-proċessi tal-użu

30. jirrakkomanda li, meta l-kartiera tal-identità diġitali tiġi introdotta f'applikazzjonijiet speċifiċi, jiġi segwit proċess ta' użu konsistenti b'tali mod li l-proċess jkun jinftehem mill-grupp destinatariju tal-utenti.

Fix-xenarji tal-użu, il-kartiera tal-identità diġitali għandha tiġi promossa bħala element li huwa kompatibbli b'mod omoġenju b'interfaċċi sempliċi għat-trasferiment tad-*data* għall-applikazzjoni, u għandha tiġi ppreżentata b'mod viżibbli bħala prodott tal-UE permezz ta' simboli u disinn ċari;

31. jipproponi li l-aċċess għall-kartiera tal-identità diġitali jiġi standardizzat sabiex l-utenti jkunu jistgħu jawtorizzaw l-użu jew l-aċċess għall-kartiera diġitali kważi fuq bażi ta' rutina. Meta jsir dan, għandhom jitqiesu r-rekwiżiti tal-minimizzazzjoni tad-*data*. Din ir-rutina, minn naħa, tagħmilha aktar faċli biex tintuża u, min-naħa l-oħra, tagħmilha possibbli, li jiġi evitat użu skorrett minn persuni li huma inqas litterati fi kwistjonijiet tal-IT;

Komunikazzjoni u aċċettazzjoni

32. iqis li hemm bżonn li l-popolazzjoni tal-UE tiġi sensibilizzata permezz ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-kartiera tal-identità diġitali u dwar l-oportunitajiet li toffri għall-użu fis-suq intern tal-UE kif ukoll dwar is-salvagwardji ta' protezzjoni u s-sigurtà tad-*data*; jirrimarka li l-konnettività b'veloċità għolja għal kulħadd fl-Unjoni Ewropea, inkluż f'żoni rurali u remoti, hija prerekwiżit sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jużaw u jaċċettaw il-kartiera tal-identità diġitali.

33. jirrakkomanda, li l-użu oriġinali tal-kartiera tal-identità diġitali jiġi estiż għal identità tal-UE fid-dinja, u jiġu previsti, pereżempju, funzjonijiet bħal passaport (eż. depożitu diġitali ta' viżi) jew ċertifikat ta' tilqim uffiċjali tal-UE. F'dan is-sens il-ftehimiet li għandhom jiġu konklużi għandhom jipprevedu l-użu tal-kartiera tal-identità diġitali, anke barra mill-UE bil-kredenzjali li tinkludi fiha;

34. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea tinvolvi ruħha f'diskussjonijiet u negozjati intensivi mal-fornituri ta' tagħmir sabiex tiżgura l-forniment tekniku tal-kartiera tal-identità diġitali lill-utenti finali. L-għan huwa li l-bażi teknika ssir disponibbli malajr kemm jista' jkun, inkluż it-tagħmir fis-settur bi prezzijiet baxxi.

Bħalissa, huma disponibbli l-ewwel familji ta' prodotti bi prezz medju u għoli, u b'ċertifikazzjoni suffiċjenti għal-livell "sostanzjali" ta' fiduċja skont l-eIDAS. Sabiex jinfexx l-użu tal-kartiera tal-identità diġitali, ikun jaqbel ukoll li jiġi żgurat li l-intrapriżi jkunu involuti kemm jista' jkun bħala fornitur tas-servizz;

Sussidjarjetà

35. jinnota li l-Proposta għal Regolament hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Tali arkitettura teknika fil-livell tal-UE jkollha l-istess effett biss jekk ir-regoli jkunu uniformi biżżejjed. Id-disinn speċifiku jaqa' taħt ir-regoli nazzjonali rispettivi. Mis-sett ta' għodod ikollhom jiġu vvalutati biss l-għodod trasversali.

Brussell, it-12 ta' Ottubru 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT